OTTUBRU 2023 ĦARĠA NRU. 074



il-pont

RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

Werrej

5	Editorjal
7	Aħbarijiet
12	Reazzjonijiet, Ittri, Ideat
16	L-Intervista | Alfred Grech
18	Aktar dwar iċ-Circolo Gozitano
20	L-intervista | P. Reno Muscat O.P.
22	L-Intervista | Rita Saliba
25	L-Intervista | Adam E. Holton
29	Rakkont ta' Carmen Refalo
31	Kitba ta' Vanessa Fenech
32	Triloġija fantastika ta' Kirsten Spiteri
34	Reċensjoni *Storja Medika ta' Malta*
36	Kitba ta' Victor V. Vella
37	Kelinu Vella Haber u n-Nadur
40	Ispirazzjoni tar-Ruħ Femminili
43	Il-Poeżija mill-Pinna tal-Maltin
50	Versi Lil Hinn minn Xtutna
52	Minn Fuq l-Ixkaffa

Editorjal

PATRICK SAMMUT

Hemm drabi meta jien u nqalleb fil-paġni tal-Facebook niltaqa' ma' posts interessanti ferm. Waħda minnhom kienet kumment li impostat ċerta għalliema Antonella dwar minn fejn jiġu l-mijiet ta' kotba li jsibu posthom fuq il-*bancarelle* li l-Italja huma tant imfittxija fost dawk li jħobbu jixtru l-kotba użati. Hija semmiet li bosta jkunu kotba ġodda li ma nbiegħux, oħrajn ikunu kotba li nqraw minn individwi u wara warrbuhom, oħrajn ġejjin direttament minn libreriji diversi li jkunu jridu jeħilsu minnhom. Però, fit-tieni parti tal-kumment tagħha, l-għalliema Antonella semmiet lil dan l-individwu anzjan li ma xtaqx jarmi l-kotba tiegħu, kif xi drabi hemm min jagħmel - u fil-fatt hemm min isib kotba validissimi fl-iskip taż-żibel - imma minflok, kull ftit jiem kien joħroġ numru ta' kotba minn tiegħu u jqegħedhom fuq ħajt qrib daru biex min hu interessat jieħu l-ktieb jew kotba li jogħġbuh b'xejn u jieħu gost jaqrah. Hawn għandna żewġ elementi: l-element tal-ktieb bħala oġġett li jintiret minn persuna għal oħra, u dan żgur jintrabat mal-element tal-ġenerożità u l-imħabba, ladarba min jagħmel dan qed jaqsam wirtu ma' ta' madwaru u din id-darba mingħajr ma jitlob xejn lura ħlief ir-rispett lejn il-ktieb u l-wegħda li min jieħdu jaqrah u jitgħallem xi ħaġa. Il-ktieb li ma jintremiex imma li jgħaddi f'idejn ġodda huwa ktieb li jingħata ħajja ġdida.

Posta oħra li laqtitni ġiet miktuba direttament mill-kittieb u politiku Alfred Sant. Sant jirrifletti dwar jekk il-qari jistax jiġi kkunsidrat bħala *hobby* jew xi ħaġa iktar. Fi kliemu stess: "L-interess u l-ħidma fil-letteratura... f'kull forma ta' arti wara kollox... huma mod ta' għajxien, ta' kif tifhem id-dinja ta' madwarek u taġixxi fiha u tfissirha... Insomma forma ta' 'missjoni' li tipprova wkoll toħloq il-ġmiel, ikun xi jkun dal-ġmiel." Sant jagħlaq il-kumment qasir tiegħu hekk: "Issejjaħlu x'issejjaħlu, l-interess fil-letteratura joffri perspettiva tal-għaġeb fuq kif il-ħajja tal-bniedem tingħex f'pajjiżek u lil hinn minnu, sal-aktar truf imbiegħda tad-dinja."

Min hawn nistaqsi, meta se tinħoloq tip ta' sistema edukattiva li toħloq interess veru fil-qari, imħabba ġenwina lejn il-ktieb u l-letteratura? Bħalissa milli qed nara, l-uniku interess huwa fin-numri, fl-istatistiki li jafu jqarrqu, fis-somom u l-profitti personali. Interess fil-qari u fil-letteratura biż-żmien joħloq ukoll ċittadini konxji, ċittadini li jaħsbu b'moħħhom u mhux jinsaqu minn imneħirhom, ċittadini li jistaqsu u mhux jgħidu 'Iva' għal kull deċiżjoni li tittieħed minn min imexxi l-pajjiż, ċittadini li jirrikonoxxu li hemm iktar minn qanpiena waħda x'tisma' u li hemm bżonn tiżen sewwa s-sitwazzjoni qabel ma tagħti r-riedni f'idejn min jippoża li kapaċi jmexxi.

Ta' min ifakkar li din is-sena l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb mhux se jsir f'Novembru imma f'Ottubru, bejn it-18 u t-22. Is-sit magħżul huwa ċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) f'Ta' Qali, u bħal dejjem il-programm huwa wieħed wiesa' u varjat. Din id-darba mistiedna speċjali se tkun il-kittieba bestseller mir-Renju Unit, Sam Blake, imma bħal dejjem dawn il-jiem se joffru opportunità lil kull min qiegħed Malta biex jiltaqa' ma' bosta kittieba lokali u xi wħud oħra barranin, u fuq kollox isib f'post wieħed għażla vasta ta' kotba u pubblikazzjonijiet li żgur jolqtu l-interess ta' kulħadd, kbar u żgħar, dilettanti u akkademiċi, u l-bqija. Niftakru dejjem: il-ktieb hu dak li jifthilna twieqi ta' għarfien u għerf fuq wesgħat bla tard. Il-ktieb jista' jingħata' bħala rigal lil dawk kollha li għandna għal qalbna, u dan matul is-sena kollha. Infakkru wkoll li ikun ġest sabiħ tassew li nagħtu daqqa t'id lill-kittieba, l-illustraturi, il-pubblikaturi, u dawk kollha li jaħdmu fil-produzzjoni lokali tal-ktieb, u dan billi nixtru kotba Maltin.

hello
TIPPA S

Aħbarijiet

MID-DINJA LETTERARJA

DONAZZJONI TA' KOTBA LIR-RAINBOW WARD FL-ISPTAR MATER DEI

Ix-xahar ta' Lulju 2023 ra d-donazzjoni ta' 300 kopja tal-ktieb *Gummienu* lill-pazjenti ta' Rainbow Ward. Din id-donazzjoni saret fuq inizjattiva tal-awtur Charles Casha, b'kollaborazzjoni tal-Klabb Kotba Maltin u bil-għajnuna tal-APS Bank. Għall-preżentazzjoni, li saret fit-12 ta' Lulju, 2023, attendew Leanne Bugeja (Senior CSR Officer APS Bank), Jeremy Vassallo (CSR Manager APS Bank), Joseph Mizzi (Direttur Klabb Kotba Maltin), Charles Casha (l-awtur tal-ktieb), Frank Schembri (Illustratur), u Nanette Azzopardi (Charge Nurse Rainbow Ward). Is-Sur Vassallo, f'isem l-APS Bank, qal li jinsabu kuntenti li kellhom din l-opportunità li jikkollaboraw f'din id-donazzjoni ta' dan il-ktieb sabiħ u m'għandux dubju li t-tfal ta' Rainbow Ward se jieħdu pjaċir jaqraw l-avventuri tal-fenek Gummienu.

SERATA MUŻIKO-LETTERARJA F'SELMUN

Nhar it-3 t'Awwissu 2023 il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, megħjun mis-Sur Joe Felix Cachia, tella' serata mużiko-letterarja bl-isem ta' "Lejla Selmunija". Is-sit magħżul kien il-Kumpless tal-Irziezet quddiem il-Palazz ta' Selmun. Waqt il-lejla ħadu sehem numru sabiħ ta' kittieba u riċerkaturi, fosthom l-aħwa Philip u Paul P. Borg u Rita Gatt, Joe F. u Stephen Cachia, Charles Mifsud, David Muscat, Jeffrey Sammut, Patrick Sammut, Eleanor u Ernest Vella. Inqraw poeżiji, novelli, tifkiriet u siltiet ta' riċerka, kollha marbutin mal-inħawi ta' Selmun. Mexxiet is-serata Annabelle Brincat Stellini u pprovdew il-mużika permezz tal-vuċi u l-kitarri tagħhom Ninu u Bernard.

MUŻIKA, ARTI U POEŻIJA FIL-PROVINĊJA TA' SONDRIO, L-ITALJA, B'PARTEĊIPAZZJONI MALTIJA

Nhar id-9 ta' Awwissu 2023, ġewwa Val Masino, fil-Provinċja ta' Sondrio, ittellgħet lejla ta' kant u poeżija u fiha ħa sehem Emmanuel Attard Cassar, president tal-għaqda kulturali EspRimi, bħala l-mistieden internazzjonali. Is-serata kellha l-isem ta' "Sotto il cielo di agosto, tra arte, canti u poesie" u

ġiet organizzata mill-gruppi Arte e Colori u Laboratorio Poetico. Il-poeti Taljani li ħadu sehem kienu Angela Botta, Cesare Ciaponi, Stefano Ciapponi, Paola Mara De Maestri, Dalida Iemoli, Giuliano Luzzi, Lucia Mescia, Marino Spini u Alda Volpi. Fis-serata ħa sehem il-kor Cai Femminile Valtellinese taħt id-direzzjoni ta' Maestro Michele Franzina. Is-serata għalqet b'esibizzjoni ta' arti u fotografija mtellgħa minn Arte e Colori. Is-serata kienet ippreżentata mill-president ta' ÈValtellina Lorenzo Del Barba u miegħu Paola Todesco li introduċiet l-għanjiet mużikali li kanta l-kor Cai Femminile Valtellinese. Pietro Taeggi, sindku ta' Val Masino faħħar l-inizjattiva, l-impenn tal-grupp Arte e Colori u l-kollaborazzjoni mal-Laboratorio Poetico (li jagħmel parti mill-assoċjazzjoni ÈValtellina). F'diskors qasir Emmanuel Attard Cassar irringrazzja lil Paola Mara De Maestri, responsabbli mill-grupp Laboratorio Poetico, u lil Alda Volpi, li tieħu ħsieb il-grupp Arte e Colori għall-istedina tagħhom. Wera apprezzament għax-xogħlijiet artistiċi kif ukoll għall-kompożizzjonijiet poetiċi. Irringrazzja b'mod speċjali lil Paola Mara De Maestri u lill-familja tagħha li impenjaw ruħhom mhux ftit biex matul il-ġranet kollha li hu u martu Maria kienu fil-Valtellina setgħu japprezzaw kemm l-istorja u kemm is-sbuħija tal-Valtellina. Aktar tard Attard Cassar qara l-poeżija tiegħu 'Kelma' u t-traduzzjoni tagħha 'Parola'. Fid-diskors tagħha Paola Mara De Maestri qalet li l-Laboratorio Poetico jinsab verament kuntent li għal darb'oħra qiegħed jagħlaq l-esibizzjoni tal-arti ġewwa Val Masino b'serata mużiko-letterarja. Paola Mara De Maestri, fundatriċi tal-grupp Laboratorio Poetico, ilha ħafna snin tikkollabora ma' għaqdiet tal-poeżija Maltin. Fl-2018, fuq inizzjattiva tagħha, ÈValtellina u EspRimi, fl-okkażjoni tal-Belt Valletta bħala Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura, ħarġu antoloġija flimkien bl-isem *Malta, Qawsalla ta' Kulturi*.

L-INIZZJATTIVA 'KOTBA FIL-BUT': LIBRERIJA TA' QARI BIL-MALTI

Din hija inizzjattiva tal-edukatur irtirat Norman C. Borg li tinsab disponibbli għal kull min hu interessat fuq Facebook. L-iskop ewlieni ta' dan is-sit huwa li jipprovdi materjal tal-qari bil-Malti li jkopri letteratura klassika internazzjonali b'format elettroniku li jkun jista' jinqara faċilment fuq PC jew tablet, imma anki fuq smartphone li tista' żżommu fil-but. Għalkemm dan l-aħħar l-ilsien Malti ħa spinta eċċezzjonali fil-qasam tal-pubblikazzjoni ta' kotba bil-Malti, kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar, ftit li xejn minn dan għadu jidher fid-dimensjoni diġitali. Illum il-ġurnata tista' ssib miljuni ta' kotba f'format ta' ebooks fuq l-internet bl-Ingliż u anki b'ħafna lingwi oħra. Fejn jidħol il-Malti għad hemm nuqqas kbir. Dan il-proġett jipprova jimla ftit minn dan il-vojt. Bħalissa hemm mat-22 ktieb disponibbli għall-qari b'xejn, filwaqt li hekk lesti għall-pubblikazzjoni 27 ktieb ieħor. Fost il-kittieba li xogħolhom hu tradott għall-Malti f'dan is-sit insibu lil Jules Verne, Carlo Colodi, Arthur Conan Doyle, Charles Dickens, Alessandro Manzoni, Bram Stoker, Alexandre Dumas, Esopu, Rudyard Kipling, u oħrajn. Din hi inizzjattiva li qiegħda tikber bil-mod il-mod. L-istedina hi li wieħed jidħol fiha u jara kif jista' jikkontribwixxi u jagħti daqqa t'id.

ALICE WINN TIRBAĦ IL-PREMJU WATERSTONES 2023



Alice Winn (twieldet 1992-1993) rebħet il-Premju Waterstones 2023 għall-ewwel rumanz tagħha *In Memoriam*. Dan hu rumanz ispirat minn biċċiet meħudin minn gazzetta tal-istudenti, u jirrakkonta l-istorja ta' mħabba bejn żewġ suldati - ċerti Ellwood u Gaunt - tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Din ta' Winn hi għalhekk storja epika b'saħħitha u mimlija emozzjonijiet. Winn se tirċievi £5,000. Ir-rumanz ta' Winn kien fost sitt finalisti, fosthom *Chain-Gang All-Stars* ta' Nana Kwame Adjei-Brenyah, *Fire Rush* ta' Jacqueline Crooks, *Close to Home* ta' Michael Magee, *Wandering Souls* ta' Cecile Pin, u *Kala* ta' Colin Walsh. Alice Winn kibret f'Pariġi u aktar tard attendiet l-iskola fir-Renju Unit, imma fil-preżent tgħix fi Brooklyn u tikteb drammi għat-televiżjoni. Hija ammettiet li kitbet tliet rumanzi li qatt ma sabet għalihom aġent qabel ma rat l-ewwel rumanz tagħha ppubblikat. Waterstones niedu dan il-Premju fl-2022, bl-ewwel rumanz rebbieħ ikun *The Rabbit Hutch* ta' Tess Gunty.

IL-FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA TA' MALTA 2023

It-tmintax-il edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta organizzat minn Inizjamed ittellgħet bejn il-21 u s-26 ta' Awwissu 2023. L-attivitajiet kollha saru fil-Valletta Design Cluster u fil-Forti Sant'Iermu, il-Belt Valletta. Seba' kittieba minn ħames pajjiżi differenti qraw waqt il-Festival. Minbarra l-qari, kien hemm ukoll films tal-poeżija, banda bil-mużika jazz, kantanti lokali, kotba

[Ritratt:https://www.facebook.com/inizjamed]

mingħand Mallia & D'Amato, ikel u xorb. L-awturi mistiedna għall-edizzjoni ta' din is-sena kienu Tanja Bakić mill-Montenegro, Adania Shibli mill-Palestina, Joelle Taylor mill-Ingilterra, Karin Tidbeck mill-Iżvezja, u Claudia Gauci, Maria Grech Ganado u Simone Inguanez minn Malta. Il-qari kien l-aktar bil-Malti u bl-Ingliż, imma nqraw ukoll xi xogħlijiet qosra b'lingwi oħrajn. Il-Festival ta' din is-sena kien parti mill-fond 'Investment in Cultural Organisations' tal-Kunsill Malti għall-Arti. Kien wkoll parti mill-pjattaforma Literary Europe Live iffinanzjata mill-programm Ewropa Kreattiva u mmexxija minn Literature Across Frontiers. Il-Festival kellu wkoll l-għajnuna tal-Valletta Design Cluster, Heritage Malta, l-Għaqda tal-Malti – Università u l-Ambaxxata tal-Polonja.

IMUT KRITIKU LETTERARJU TALJAN



Giorgio Patrizi

Nhar l-1 ta' Settembru ħalla din id-dinja l-kritiku letterarju Taljan Giorgio Patrizi. Huwa kellu 74 sena. Giorgio Patrizi ggradwa mill-Universita "La Sapienza" ta' Ruma fejn ħadem għal snin twal fil-qasam tar-riċerka u d-didattika. Għallem il-Letteratura Taljana fl-Università ta' Molise, imma anki f'għadd sabiħ ta' universitajiet fl-Ewropa u fl-Argentina. Kien jikkollabora kemm mal-ġurnali kif ukoll ma' programmi kulturali radjufoniċi. Idderieġa r-rivista 'Immagine e parola', filwaqt li ddedika l-istudji tiegħu lir-Rinaxximent, lil-letteratura tas-sekli 19 u 20, lil temi ta' natura teorika u kritika letterarja, u għad-dibattitu tal-kritika militanti. Fl-2015 rebaħ il-Premju Flaiano permezz tal-monografija tiegħu ddedikata lill-kittieb Taljan *Gadda*. Kotba oħrajn tiegħu huma *Il mondo da lontano. Fatto e racconto nei romanzi di Verga* (1988), *Prose contro il romanzo. Antiromanzi e metanarrativa nel Novecento Italiano* (1997), *L'Umorismo di Pirandello* (1998), *La letteratura proibita* (2007), u Il *saggio nel Novecento* (2009). Patrizi twieled Ruma fl-1949.

STQARRIJA TAL-GĦAQDIET TAL-MALTI - SETTEMBRU 2023

Aħna, l-għaqdiet u l-entitajiet li jaħdmu favur l-iżvilupp tal-ilsien Malti, naqblu mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti li t-twaqqif taċ-Ċentru tal-Ilsien Malti mniedi mill-Ministru għall-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali huwa null għaliex sar bla tħejjija ta' xejn u mingħajr ma saret konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Malti bil-mod kif titlobha l-liġi. Aħna għandna fiduċja sħiħa fil-Kunsill u t-tmexxija tiegħu, u qegħdin nappoġġjawh f'din il-kwistjoni li nħolqot bla bżonn.

Min irid jgħin l-Ilsien Malti u jġibu 'l quddiem ma jagħmilx dan billi jieħu l-liġi f'idejh u jmur kontra l-għaqdiet li ilhom jaħdmu b'mod serju u professjonali favur ilsienna u dejjem mingħajr ħlas.

Għalhekk, filwaqt li dan l-Avviż Legali illegali u ċ-Ċentru li twaqqaf ma nistgħux nagħrfuhom, nilqgħu kull inizjattiva min-naħa tal-Ministru Owen Bonnici biex, skont l-ispirtu u l-kelma tal-Att dwar l-Ilsien Malti, insaħħu lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u nagħtuh ir-riżorsi li ilu s-snin jistenna. B'hekk ikun jista' joffri l-għodod meħtieġa lil dawk kollha, f'kull qasam tas-soċjetà, li jużaw u jistudjaw l-ilsien nazzjonali tagħna.

L-entitajiet u l-għaqdiet wara din l-istqarrija huma: L-Akkademja tal-Malti; id-Dipartiment tal-Malti, Il-Fakultà tal-Arti, L-Università ta' Malta; Id-Dipartiment tal-Malti, Ġ.F.Abela Junior College – L-Università ta' Malta; L-Għaqda Qarrejja tal-Provi; Inizjamed; L-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti; u L-Għaqda tal-Malti – Università

LEJLA DDEDIKATA LIL ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI F'ĦAL QORMI

Il-mafkar iddedikat lil Ġużè Muscat Azzopardi f'Ħal Qormi

Nhar it-12 ta' Settembru 2023 ittellgħet lejla mużiko-letterarja ddedikata lill-kittieb u politiku Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927), f'għeluq il-170 sena minn twelidu. Is-sit magħżul kien Misraħ il-Kittieb f'Ħal Qormi u l-lejla

kienet taħt il-patroċinju tal-E.T. George Vella, President ta' Malta. Il-President għamel żewġ riflessjonijiet dwar is-sinifikat ta' ħidmet Muscat Azzopardi fi żminijietna. L-ewwel riflessjoni kienet marbuta mal-lingwa u t-tħaddim xieraq tagħha. Hawn il-President tkellem dwar l-isfida li nħaddmu l-lingwa b'mod tajjeb u kif inhu xieraq. It-tieni riflessjoni kienet marbuta mal-volontarjat u l-importanza li minkejja l-professjoni, wieħed jagħraf jagħti kontribut għall-ġid tas-soċjetà kif għamel Muscat Azzopardi nnifsu. Doris Zammit, l-organizzatriċi ta' din il-lejla, imma anki kunsilliera, xandara u awtriċi ta' bosta kitbiet bil-Malti, tellgħet feature bl-isem ta' 'Il-Vjaġġ ta' Ħajtu dwar il-Ħajja ta' GMA'. Ippreżentat Marica Cassar, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi ma' Caritas, attriċi u xandara, flimkien ma' Duncan Ciappara li qara s-siltiet mill-kitba ta' Ġużè Muscat Azzopardi. Dott. Josef Masini Vento, is-Sindku tal-lokal, fakkar li lejliet bħal dawn tajjeb li jsiru fil-lokal fejn għexu missirijietna, biex nibqgħu nfakkru dak li għamlu u biex l-ilsien Malti jibqa' jikber.

BENEDETTA TOBAGI REBBIEĦA TAL-PREMJU CAMPIELLO 2023

Benedetta Tobagi

Il-61 edizzjoni tal-Premio Campiello 2023 intrebaħ mill-kittieba Taljana Benedetta Tobagi, għall-ktieb tagħha *La Resistenza delle donne*, maħruġ minn Einaudi. Is-serata finali seħħet fis-16 ta' Settembru fit-Teatru La Fenice f'Venezja. Tobagi tittratta r-rwol tan-nisa Taljani fil-ġlieda kontra n-Nażifaxxiżmu fis-snin 1943-45. Finalisti oħrajn kienu Silvia Ballestra, bil-ktieb *La Sibilla. Vita di Joyce Lussu* (Laterza); Marta Cai, awtriċi ta' *Centomilioni* (Einaudi); Tommaso Pincio, bil-ktieb *Diario di un'estate marziana* (G. Perrone Editore); u Filippo Tuena, bil-ktieb *In cerca di Pan* (Nottetempo). Emiliano Morreale ngħata l-Premio Campiello Opera Prima 2023 - premju riżervat għall-kittieba li jkunu ppubblikaw għall-ewwel darba - għall-ktieb *L'ultima innocenza.* Menzjoni speċjali ngħatat lir-rumanz rebbieħ tal-Premju Strega 2023, *Come d'aria,* ta' Ada D'Adamo.

IMUT IL-FILOSFU TALJAN GIANNI VATTIMO

Gianni Vattimo (1936-2023)

Nhar id-19 ta' Settembru 2023 ħalla din id-dinja ta' 87 sena l-filosfu u politiku Taljan Gianni Vattimo. Huwa twieled f'Turin fl-4 ta' Jannar tal-1936 u kien student ta' Luigi Pareyson u studja f'Heidelberg taħt il-gwida ta' Hans-Georg Gadamer. Għallem l-Estetika u l-Filosofija fl-Università ta' Turin sal-2008, u ta sehmu anki fi ħdan il-Parlament tal-UE. Fost il-kotba li jibqa' miftakar għalihom, *La fine della modernità* (1985), *Oltre l'interpretazione* (1994), u anki xogħlijiet li ttrattaw il-fidi u r-reliġjon bħal *Credere di credere* (1996) u *Dopo la cristianità* (2002).

LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA FIT-TEATRU GRIEG F'TA' QALI

Waqt mil-lejla mużiko-letterarja *Ċrieki* ta' Omar Seguna

Nhar It-22 ta' Settembru, il-poeta Omar Seguna organizza lejla letterarja li fiha ġew rappreżentati b'modi differenti numru ta' poeżiji tiegħu mill-ġabra online *Ċrieki* (https://omarseguna.com/crieki/). Is-serata fetħet b'vidjow poe-soċjali ispirat mill-poeżiji soċjali ta' din il-ġabra segwit minn numru ta' qari ta' poeżiji li tħalla f'idejn numru ta' awturi jew ħbieb tal-poeżija. Żewġ poeżiji ġew rappreżentati permezz taż-żfin miż-żeffiena brava Naomi Falzon. Il-Professur Charles Briffa li wkoll kien għamel studju qasir dwar din il-ġabra, qasam ma' dawk preżenti xi ftit ħsibijiet u fisser kif dawn il-poeżiji qosra huma marbutin flimkien b'tema waħda li tippermetti ħsus u esperjenzi differenti. Il-mużiċisti Jason Bugeja u David Caruana taw tliet interventi mużikali u offrew akkumpanjament mużikali waqt il-bibita. Is-serata kienet fdata f'idejn il-preżentatriċi u attriċi brava Antonella Galea Loffreda. Din il-lejla letterarja kienet minsuġa bi ħsejjes u viżwal li offrew esperjenza lill-udjenza sabiħa li attendiet. L-

għażla tal-post, l-Art Space f'Ta' Qali, propju taħt it-Teatru Grieg, kienet marbuta mat-tema taċ-Ċrieki.

TNEDIJA TA' ŻEWĠ KOTBA TA' JOHN P. PORTELLI FIL-BELT VALLETTA

John P. Portelli jiffirma xi kopji

Nhar it-28 ta' Settembru filgħaxija fis-sala tal-Kings Own Band Club, Valletta, John P. Portelli nieda żewġ kotba ġodda. *Here Was* (Malta: Horizons, Canada: Word and Deed Publishers, 2023) hija ġabra ta' 72 poeżija maqluba għall-Ingliż. *Barra l-Bajja/Barren is the Bay* (Malta: Horizons, 2023) hija ġabra ta' 64 poeżija ta' Portelli u t-traduzzjoni tal-Professur John Baldacchino. Waqt it-tnedija Dr. Aaron Aquilina, Leanne Ellul u Robert Pisani ikkummentaw fuq xi aspetti tal-kitba ta' Portelli u qraw ukoll xi poeżiji miż-żewġ ġabriet. Kien hemm ukoll intermezz mużikali pprovdut minn Karl Camilleri (klarinet) u Nery Borges (kitarra klassika). Skont il-kittieb magħruf Stephanos Stephanides, "Portelli weaves a vision of a Mediterranean world always in process of becoming, and he opens for us the fractures of its sublime beauty." U dwar it-tieni ġabra, Elena Stefoi, kittieba Rumena rebbieħa ta' diversi premjijiet, innutat: "Portelli's poems are paradoxical in their simplicity, as they weave profound and fragile worlds in dialogue."

L-ILSIEN MALTI F'GĦAWDEX FIS-SNIN TAL-GWERRA

Fid-29 ta' Settembru, fiċ-Ċentru Kulturali, iċ-Ċittadella, saret taħdita organizzata mill-Akkademja tal-Malti, mill-poeta u studjuż tal-istorja tal-gwerra f'Għawdex, Charles Bezzina. Qabel ma beda jitkellem Bezzina, il-President tal-Akkademja tal-Malti, Dr George Farrugia, fisser li din it-taħdita hija waħda minn sensiela ta' taħditiet li l-Akkademja qiegħda tagħmel minn żmien għal żmien. Huwa iżża ħajr lid-Direttorat tal-Wirt Kulturali talli għoġobhom isellfu s-sala għat-taħita. Charles Bezzina tkellem dwar il-Pro-Taljaniżmu u l-Imperjaliżmu qawwi li kien jeżisti f'Għawdex fi żmien il-gwerra, kif ċerti postijiet, toroq u każini kienu għadhom imsemmija bit-Taljan u kemm inkiteb f'dik il-ħabta biex dawn jinbidlu. Huwa dar dawra mal-kitteba Għawdxin li dakinhar kienu jiktbu bil-Malti, kif ukoll dwar l-impatt li r-refuġjati ħallew fil-lingwa Maltija f'Għawdex. Fl-aħħar, saru erba' kelmiet minn Charles Coleiro, li fis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija kien jgħix Għawdex. Għal madwar kwarta huwa spjega bid-differenzi ta' kif kienu jitlissnu dakinhar ċerti kliem bil-Malti u bl-Għawdxi, il-pronunzja, u anki dwar it-tifsira tagħhom. Charles Coleiro temm l-intervent tiegħu billi qal li jħoss li huwa hu parti minn Għawdex, u dan minħabba s-snin twal li huwa għex fil-gżira Għawdxija. It-taħdita spiċċat wara siegħa u ftit minuti b'erba kelmiet mis-Sur Joe Borg, Segretarju tal-Akkademja. Ta' min jgħid li Charles Bezzina kiteb u ppubblika bosta kotba dwar Għawdex u l-gwerra, fosthom *When the Sirens Wailed. Memoirs of Wartime Gozo* (2012), *Kwadri tal-Imgħoddi* (2012), *Wartime Gozo 1940-1943. An Account of the Bleak Years* (2015), *Ir-refuġjati Maltin f'Għawdex fi Żmien il-Gwerra* (taħt isem missieru wkoll, Frank, 2017), u *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943. Edizzjoni Mkabbra* (2020).

Charles Bezzina waqt id-diskors li għamel f'Għawdex

IBEN MALTA

Lil Prof. G. Aquilina B.A., LL.D., Ph. D. (Lond.)

Sejħitlek Malta, għax Malti d-demm ta' mħabba
li jigri f'sidrek. Fl-ideal qalbieni
li tħaddan b'qawwa hemm ħsieb li qatt ma ttabba':
jikber, mas-snin, il-gieħ t'arti w ilsieni!

U dan il-ħsieb, li writt mingħandek, trabba
ħaj dejjem fija: sbejħa t-triq li wrieni
tal-Muża tiegħi: ngħanni, drabi mxabba'
mill-ħajja fiergħa, bħal għasfur waħdieni.

Bikri qatgħek minn fostna ż-żmien, poeta;
imma ferħ wieħed għandi: int tkun magħna
fil-qalb u l-lsien kull ħin, fil-ħsieb u r-rieda.

Ġieħ ġensek kabbar int, f'dik l-art imbiegħda.
Poplu ta' Malta qum, qum u ismagħna:
kbira rebħitna, għax qalila l-ġlieda.

ĠUŻÈ CHETCUTI
(Minn *Poeżiji*, The New Art Press, 1945)

Reazzjonijiet

Email mingħand Philip Borg, il-31 ta' Lulju 2023

Għażiż Patrick,

Ħajr għall-ħarġa ta' Ġunju - bħas-soltu mżewqa sew.

Għandek ħila kbira kif tgħaqqad awturi varji b'kitbiet li jimirħu fuq elf suġġett. Dan jagħmel IL-PONT interessanti u jimla vojt ta' ġabriet ta' żmienna. Ma tħallix tant kittieba / poeti jaqdfu weħidhom f'oċean fejn tektika fuq mobajl saret tnessi s-seħer tal-emozzjoni li wieħed ifittex biex jaqra u jitgħallem.

Mill-ġdid ħajr u tislijiet
Philip

Email mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Awwissu 2023

Għażiż Patrick,

Irċevejt IL-PONT ta' Awwissu 2023 u bħal ta' qablu, napprezzalu l-utilità letterarja tiegħu. Naqra l-aħbarijiet daqqa ta' sodisfazzjon u daqqa xokkanti mid-dinja tal-kitba. Nifraħ b'awturi Maltin li jingħataw ġieħ saħansitra barra minn xtutna, bħall-ħabib tagħna Alfred Palma. Dawn il-ħassieba u kittieba huma indubbjament ambaxxaturi denji ta' lsienna barra minn xtutna u jixirqilhom kull għajnuna u ġieħ. L-aħbar ta' mewt Raymond Mahoney qatgħetna minn ġewwa. Kulħadd jaf bil-potenzjal impulsiv fil-letteratura tiegħu. Kemm jekk poeżija, kemm jekk rumanz, Raymond Mahoney kien jaħkmek u jiġbdek fil-ġrajja u bħala sehem mill-Moviment Qawmien Letterarju tas-snin sittin, hu kien ko-rivoluzzjonarju biex mexxa 'l quddiem, ma' sħabu tal-epoka, it-tiġdid u l-qawwa interpretattiva kontemporanja u aktar. Bħal tluq Mario Azzopardi u Oliver Friggieri, fost oħrajn, tluq Raymond Mahoney mhux ser jintesa kif ġieb u laħaq.

Finalment (u nittama li umilment), niżżikħajr Patrick, li inkludejtli l-intervista. U magħha waħda mill-poeżiji ribelli qrib qalbi. Mhux dejjem inkun bil-ġlekk u mgħallaq bl-ingravata, imma dak ritratt partikolari tiegħi, għax mill-bqija, "nitgħatta" bi qmis jew flokk, bil-buttuni tal-għonq kollha miftuħa. Ġieli saħansitra fix-Xitwa.

IL-PONT jibqa' magażijn letterarju li ma jħallikx passiv, anzi, jissossalek il-ħsieb u jħeġġek tqum mit-telqa u tagħmel xi ħaġa (a) b'risq pajjiżek, (b) ilsienek, (ċ) il-letteratura u (d) diskussjoni li ma tibqax ċatta u kiesħa imma ssir difiża, apprezzament jew ġlieda li ċċaqlaq l-ilmijiet u tbiddel għall-aħjar. Din l-edizzjoni ta' IL-PONT nessietni/aljenatni minn din is-sħana infernali ta' Sajf notorju, tetru u kastigabbli.

Grazzi Patrick.
B'Imħabba,
Mario

Email mingħand Charles Flores, l-1 ta' Awwissu 2023

Għażiż Patrick,

Grazzi tal-kopja virtwali ta' IL-PONT, li dejjem insibu ta' interess u jimla vojt kbir li għandna fil-qasam letterarju tal-lum.

Grazzi xejn inqas tal-ispazju offrut lill-ktieb tiegħi *Norwegian Wood* li nieħu pjaċir ngħid mar tajjeb ferm s'issa fis-suq, xi ħaġa li ma stennejthiex meta tiftakar li huwa traduzzjoni.

Tislijiet.
Charles

Email mingħand Joe Camilleri, l-1 ta' Awwissu 2023

Għażiż Patrick,

Għal darba oħra, IL-PONT wassalli tagħrif ta' x'inhu jseħħ fix-xena letterarja Maltija, minbarra li pprovdieli qari interessanti. Kien ta' gost kbir għalija naqra u nixtarr kull kontribuzzjoni. Prosit u ħajr ukoll lilek għax wara dawn il-ġabriet hemm dellek bil-ħidmiet u t-tħabrik tiegħek.

Tislijiet mill-qalb,
Joe Camilleri
Ir-Rabat, Għawdex.

Email mingħand Miriam Sorrell, l-1 ta' Awwissu 2023

Thank you Patrick,

I admire your constant dedication to the magazine, your commitment and your time, and in so doing I embrace your keeping the Maltese language and poetry alive - much needed for the nourishment of our souls.

You had mentioned about IL-PONT - that it is voluntary work (an act of love alone with the time it takes to compile, edit and so much more) - not only a sign of a contribution to society, but also a reflection of your conscientiousness. The world is so lacking and devoid of love, compassion and dedication. And so, the few that do deserve to be embraced and recognised for what they contribute to their country and beyond, warrant appreciation and recognition for doing so. Thank you Patrick for being such an inspiration to so many.

Be well always,
Miriam

Email mingħant Rita Gatt, it-2 ta' Awwissu 2023

Għażiż Patrick,

Ħajr minn qalbi ta' din ir-rivista tant sabiħa. Rivista li fiha ħafna ħsieb u xogħol, mimlija kitbiet u intervisti interessanti li jkomplu dejjem jagħnuha u jsebbħuha.

Ċerta li teħodlok ħafna mill-ħin tiegħek, u ta' dan nirringrazzajk f'isem il-qarrejja kollha ta' dan ix-xogħol tant għaqli li permezz tiegħu qed jitwessgħu iktar is-sbuħija, il-ħtieġa, kif ukoll l-għarfien tal-letteratura, kemm dik Maltija kif ukoll dik barranija.

Il-format ġdid tagħha jagħmilha iktar faċli biex taqraha u l-ġeneri varji tal-kitbiet kif ukoll l-intervisti tassew jaħkmuk u jqanaqlu kurżità biex tkompli taqrahom.

Napprezza ħafna talli minn żmien għal żmien tinkludi xi kitbiet jew poeżiji tiegħi ukoll; dan ikompli jħeġġiġni biex nikteb iktar.

Ħajr mill-ġdid u issa ħu ftit mistrieħ mistħoqq.

Saħħa u s-sliem,
Rita Gatt

Email mingħand Dr Mario Saliba, it-2 ta' Awwissu 2023

Għażiż Patrick,

Kemm nieħu gost nirċievi regolarment ir-rivista virtwali IL-PONT. Hija ħasra li l-firxa ta' qarrejja li tista' tilħaq hija limitata. Fl-opinjoni fqira tiegħi din ir-rivista għandha tkun aktar mifruxa fost il-pubbliku inġenerali biex l-awtur Malti jingħata aktar għarfien. IL-PONT jista' jkun il-ħolqa li tgħaqqad lill-awturi Maltin mal-pubbliku kollu u mhux biss ma' dawk li diġà huma familjari mal-letteratura Maltija. Tajjeb li kitbiet bil-Malti ta' kull ġeneru jkunu apprezzati minn dan iċ-ċirku kemxejn ċkejken, iżda jeħtieġ li permezz ta' dan il-mod virtwali IL-PONT ikun jista' jinfirex aktar, pereżempju permezz tal-midja soċjali.

Minkejja ċ-ċokon tagħna, hija sorprendenti kemm pubblikazzjonijiet ta' kull ġeneru joħorġu bil-Malti, speċjalment kotba tal-poeżija. Mill-esperjenza ta' xogħlijiet awtopubblikati jekk awtur jirnexxilu jbigħ 300 kopja jkun mar tajjeb, jekk ibigħ 500 ikun għamel suċċess. Nista' nkun żbaljat dwar dan, iżda din kienet l-esperjenza personali riċenti tiegħi, anke f'suq aktar limitat f'Għawdex.

Mill-bqija m'għandix ħlief kliem ta' tifħir għax-xogħol tiegħek li tagħmel b'mod volontarju u fil-ħin liberu tiegħek.

Grazzi ħafna.
Tislijiet u saħħiet.
Mario Saliba

Email mingħand Therese Vella, it-3 ta' Awwissu 2023

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' ħarġa oħra IL-PONT. Għal darb'oħra erġajt tajtna ħafna fiex nedhew. Rivista mżewqa b'kitba u informazzjoni ta' interess. Prosit tassew!

Napprezza li daħħalt in-nota qasira tiegħi dwar il-ktieb djarju *I miei giorni con Benedetto XVI*. Għadni kemm sirt naf li l-verżjoni bil-Malti qed tiġi stampata bħalissa u daqt għandu jkun fis-suq.

Qrajt il-kelmtejn tal-bidu tiegħek u naqbel wisq ma' dak li għedt. Ikolli ngħid li hawn il-Ġermanja nnutajt li t-tfal għad għandhom ħajja, fl-opinjoni tiegħi, ideali. Hawn għadni qatt ma rajt tfal b'iPad jew telefown f'idhom biex jedhew. Minflok tarahom jilagħbu barra, jiġru bir-roti mal-ġenituri tagħhom u jimxu fil-kampanja. Impenjati jitgħallmu jdoqqu strument jew/u jipprattikaw xi attività sportiva. B'riżultat ta' dan filgħaxijiet ma tarax tfal barra jew f'ristoranti għax jidħlu jorqdu kmieni għajjenin minn ġurnata mimlija emozzjonijiet. M'hemmx bżonn ta' teknoloġija taljenahom biex iħallu l-adulti jgħidu kelmtejn. Fl-opinjoni tiegħi kollox għandu postu u ħinu. L-edukazzjoni l-ewwel li ma tibda hi mid-dar. Li l-iskejjel iħeġġu t-tfal hu tajjeb imma kollu ta' xejn meta d-dar dan ma jiġix segwit.

Ħwienet tal-kotba hawn ħafna għalkemm anki hawn jgħidu li l-qari qed jonqos. Madankollu ħanut kbir tal-kotba li l-atmosfera komda tiegħu tħajrek tqatta' ġurnata hemm ġew, dejjem mimli nies - kbar u żgħar. Abbli aħna l-Maltin insibu l-iskuża tal-klima imma aħna mhux Malta trabbejna? Hemm ħafna x'wieħed jgħid fuq dan l-argument. Ħaġa hi żgura: poplu injorant hu faċli jiġi manipulat u jekk se nkomplu ninjoraw il-qari dan se jkun fatt.

Patrick! Nawguralek vaganzi sbieħ u ta' mistrieħ.
Tislijiet u grazzi,
Therese

l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

IL-PONT JINTERVISTA LIL DR ALFRED GRECH, PRESIDENT TAĊ-CIRCOLO GOZITANO

Meta u minn fejn beda ċ-Circolo Gozitano?

Iċ-Circolo Gozitano twaqqaf fl-1913, iżda għandu għeruqu iktar 'il bogħod. Ħareġ mill-Għaqda Casa Sociale Gozitana meta fazzjoni ta' membri tal-Casa Sociale Gozitana ddeċidew li jinfirdu u jiffurmaw għaqda ġdida. Għalhekk kien hemm żmien meta ż-żewġ soċjetajiet Casa Sociale Gozitana u Circolo Gozitano kienu jeżistu flimkien u kellhom is-sede tagħhom faċċata ta' xulxin fi Pjazza It-Tokk (illum Pjazza Indipendenza) tar-Rabat Għawdex. Infatti, għandna dokumentazzjoni li, pereżempju, fl-Asseblea Nazzjonali taħt il-presidenza ta' Sir Filippo Sciberras tas-sette Gugnio 1919 kemm iċ-Circolo Gozitano kif ukoll il-Casa Sociale Gozitana kienu bagħtu r-rappreżentant tagħhom. Il-Casa Sociale Gozitana mbagħad maż-żmien mietet mewta naturali u baqa' biss iċ-Circolo Gozitano.

Ta' min jgħid ukoll kif oriġinat il-Casa Sociale Gozitana. Meta il-Gvernatur Thomas Maitland neħħa l-Università t'Għawdex u qiegħed minflokha Kummissarju għal Għawdex bħala l-ogħla uffiċċjal tas-servizz Ċivili kif ukoll bidel il-Qorti t'Għawdex minn waħda ta' Mħallef (u semi-awtonoma u magħrufa bħala La Corte Governatoriale del Gozo) għal waħda ta' Maġistratura (jiġifieri naqqsilha ħafna mid-dinjità Tagħha), l-Għawdxin, li qabel kienu jservu fil-gvern lokali ta' Għawdex, kif ukoll l-elite tas-soċjetà Għawdxija ħassewhom urtati u ffurmaw is-soċjetà Casa Sociale Gozitana li fiha dawn l-istess nies bdew jaħdmu bħala istituzzjoni parallela għall-amministrazzjoni governattiva u dan, għall-aħjar interess ta' Għawdex u tal-Għawdxin. Nafu wkoll li fis-seklu dsatax din

is-soċjetà kienet tippubblika perjodiku li fih kienet tagħti tagħrif u avviżi komunitarji u kummerċjali. Din is-soċjetà kellha wkoll interessi mhux biss soċjali iżda wkoll kulturali kif jixhed mit-twaqqif tal-hekk imsejjaħ Cabinetto di Lettura li llum spiċċat il-librerija Pubblika t'Għawdex. Il-Librerija Nazzjonali ta' Għawdex għalhekk bdiet bħala librerija privata tas-soċjetà Casa Sociale Gozitana. Biż-żmien u anki minħabba li l-ġestjoni tal-librerija saret impenjattiva ħafna

fuq talba tal-istess soċjetà, din il-librerija ġiet nazzjonalizzata taħt it-tmexxija tal-Gvernatur Sir William Reid li ppromulga numru ta' regolamenti għat-tmexxija tagħha. Din il-librerija llum tinsab fit-tieni sular tal-iskola primarja tar-Rabat Victoria fi Triq il-Vajringa.

Fi żmien ukoll iċ-Circolo Gozitano kellu r-Reading Room li fiha kienu jinżammu minn żmien il-gazzetti ta' kuljum, il-perjodiċi kemm bil-Malti kif ukoll dawk internazzjonali, kemm bl-Ingliż kif ukoll bit-Taljan. Ovvjament, l-era tal-internet ġabet dan it-tip ta' disseminazzjoni ta' tagħrif u kultura xi ftit jew wisq antikwat.

X'kienu r-rwol u l-għanijiet tiegħu? Baqgħu l-istess illum?

Naħseb li fil-bidu l-għanijiet taċ-Circolo kienu dawk li jgħaqqad il-professjonisti u jservi ta' Klabb għal nies ta' ċertu livell ta' kultura u edukazzjoni. Sa ċertu punt hekk għadu. Iżda fit-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor kienu saru emendi fl-istatut fejn iddaħħal ukoll bħala għan il-promozzjoni tal-identità Għawdxija kif ukoll l-awtonomija ta' Għawdex bħala Gżira Reġjun. Tal-aħħar hija interessanti għaliex fil-ħsieb tas-soċjetà, sabiex Għawdex jista' tassew jissejjaħ "Reġjun", mhux biżżejjed in-nomenklatura u t-twaqqif ta' strutturi bħalma huma ngħidu aħna Il-Kumitat tal-Parlament għall-Affarijiet ta' Għawdex u dan l-aħħar L-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex, imma jinħtieġ strutturi rappreżentattivi tal-poplu Għawdxi b'setgħat mhux biss deliberattivi u rakkomandattivi iżda wkoll eżekuttivi, li jistgħu jimplimentaw b'mod effettiv politika reġjonali fil-kwadru Nazzjonali.

Min huma l-membri ta' Circolo bħal dan?

Il-membri taċ-Circolo huma dawk li jinteressawhom l-identità u l-kultura Għawdxija. Ovvjament, hemm mekkaniżmu kif wieħed jista' japplika u jiġi aċċettat bħala membru.

Hemm rabta bejn iċ-Circolo Gozitano u kittieba Għawdxin u Maltin partikolari, kemm fl-imgħoddi kif ukoll fil-preżent?

Sa mit-twaqqif tiegħu ċ-Circolo Gozitano kien minn ta' quddiem sabiex jorganizza attivitajiet kulturali speċjalment fejn tidħol il-letteratura. Fis-seklu l-ieħor aktarx kien l-uniku post f'Għawdex fejn kienu jiġu organizzati soirée mużiko-letterarji kif ukoll minn żmien għal żmien serati kommemorattivi ta' kittieba Għawdxin, diskussjonijiet u tnedijiet ta' xogħlijiet letterarji. Dan barra attivitajiet oħrajn bħal kunċerti u wirjiet ta' arti.

Inti l-President attwali taċ-Circolo Gozitano, imma int ukoll poeta u awtur ta' għadd ta' ġabriet poetiċi. Kif jintrabtu dawn iż-żewġ rwoli? Ġieli saru attivitajiet mużiko-letterarji fiċ-Circolo Gozitano?

Kif diġà għedt, matul iż-żminijiet l-organizzazzjoni ta' serati mużiko-letterarji kienet l-attività l-aktar frekwenti bil-parteċipazzjoni tal-poeti u kittieba Għawdxin kontemporanji, ngħidu aħna Charles Bezzina, Joseph W. Psaila, Joe Camilleri, Joe M. Attard, il-mibki Gianninu Cremona, u s-sottoskritt biex insemmi xi ftit. Il-pandemija Covid-19 kienet tat daqqa ta' ħarta lil din it-tip ta' attività li sfortunatament għadna ma rkuprajniex minnha.

Iċ-Circolo Gozitano għandu s-sede tiegħu fir-Rabat, Għawdex. Qatt kellu l-bibljoteka u l-pubblikazzjoni kulturali tiegħu?

Iva, kien hemm żmien meta ċ-Circolo kellu l-biblijoteka tiegħu kif ukoll, kif ġa għedt, il-kamra tal-lettura. Iżda mal-miġja tal-internet u mezzi elettroniċi tal-informatika sfortunatament kemm il-kamra tal-lettura kif ukoll il-librerija saru xi ħaġa żejda.

Attivitajiet letterarji importanti li saru fl-imgħoddi f'rabta maċ-Circolo Gozitano? Kien hemm poeti jew kittieba li ġew ċċelebrati f'dan iċ-Circolo?

Minn dak li niftakar jien, saru serati kommemorattivi għal Ġorġ Pisani, Mary Mejlaq, Ġużè Aquilina, Anton F. Attard, u Dun Ġorġ Mejlaq. Dan kollu fi żmien kemm ilni midħla jien taċ-Circolo Gozitano.

Alfred Grech (ċentru), flimkien ma' Joe Camilleri (lemin) u Patrick Sammut (xellug) fiċ-Circolo Gozitano fi Frar 2023.

AKTAR DWAR IĊ-CIRCOLO GOZITANO – IL-PONT INTERVISTA LIL TLIET KITTIEBA GĦAWDXIN OĦRA DWAR DAN IĊ-CIRCOLO

Joe M. Attard

Tiftakar jew kont preżenti għal xi okkażjonijiet letterarji bikrin organizzati minn dan iċ-Ċircolo? Liema?

Joe M. Attard: Niftakar li ġieli kont mistieden għal Jum ir-Rabat fejn jingħata ġieħ lil xi Għawdxi li ħadem biex jara lil beltu aħjar. Fl-imgħoddi kienet tinżamm hawn xi wirja tal-Presepji u grotti lejn żmien il-Milied; jien stess ġieli tellajt xi lejla letterarja fi żmien ir-Randan u żmien il-Milied.

Charles Bezzina: Iċ-Circolo Gozitano, b'ironija, li twaqqaf fl-1913, kien fl-imgħoddi l-każin tas-Sinjuri u Professjonisti, li kellhom fihom biss il-kultura Taljana u li ma setgħux għal-lingwa Maltija. Dan il-każin kien miet għalkollox fis-snin 70, imma fis-snin 80 kumitat ħabrieki li twaqqaf apposta, tawh spinta. Personalment bħala żagħżugħ mimli entużjażmu għall-Malti, kont għamilt fih serati lil Ġorġ Pisani f'għeluq it-80 sena tiegħu nhar is-6 ta' Mejju 1989 (jum twelidu), u lil Mary Meylak fis-27 ta' Ottubru 1990, f'għeluq il-15-il sena minn mewtha. Kont tellajt ukoll mal-kumitat tliet serati oħrajn għall-kittieba preżenti ħajjin, li llum kważi lkoll mietu. Saret ukoll lejla mużiko-letterarja f'ġieħ Ġużè Aquilina.

Joe Camilleri: Iċ-Circolo kien ħa xejra kulturali u attiva meta nbidel minn post fejn kien jiltaqa' għadd ċkejken u ristrett ta' msieħbin - (fi tfuliti, il-poplu kienu jirreferi għaċ-Circolo bħala l-każin tas-sinjuri!)- u sar ċentru aktar dinamiku bit-tħabrik ta' nies iddedikati, b'mod partikulari George Vella (Alla jagħtih il-ġenna) u l-avukat Grazio Mercieca (illum imħallef).

Saru bosta attivitajiet letterarji. Uħud minnhom kienu biex jintroduċu jew jesponu kittieba stabbiliti u oħrajn emerġenti; oħrajn f'okkażjonijiet speċjali bħal fil-każ tal-Milied fejn kienu jindaqqu wkoll biċċiet mużikali ta' kompożituri Għawdxin minsija. Kienet saret ukoll attività letterarja biex tfakkar lill-poetessa Għawdxija Mary Mejlak. Naħseb li r-records taċ-ċentru (minuti tal-laqgħat, programmi u ritratti tal-attivitajiet rispettivi) jiddokumentaw l-attivitajiet li saru. Niftakar li b'sens ta' apprezzament u ta' inkuraġġiment kienu jqassmu ċertifikati lill-parteċipanti. Xi mkien għandi minn dawn iċ-ċertifikati, imma rrid inqalleb il-kxaxen biex insibhom fost il-karti. Kienu jsiru wkoll wirjiet ta' arti viiżva, u b'mod regulari. Jiena kkummentajt kemm-il wirja minn dawn għall-programm 'Għawdex Illum'.

Charles Bezzina

Kemm huma ffrekwentati okkażjonijiet bħal dawn, u xi jseħħ matulhom?

Joe M. Attard: Frekwentati ħafna ma naħsibx u kif għidtlek xi lejla letterarja mhux ta' spiss.

Charles Bezzina: Iċ-Circolo fil-bidu ta' dan is-seklu kien reġa' miet xi ftit, iżda kultant u tant, kienu jsiru fih xi taħditiet tal-istorja, u f'waqtiet xi attività letterarja. Imma dak l-entużjajmu li kien hemm fis-snin 80 u 90 bired ħafna ... u qajla kien baqa' jissemma. Għawdex ibati ħafna bl-apatija letterarja. L-Għawdxin inġenerali ma tinterssahomx il-letteratura kemm jekk proża u wisq aktar il-poeżija. Il-kotba li jippubblika l-awtur iriduhom b'xejn. Din hi esperjenza

personali. Biex uħud jattendu serata letterarja, kif jgħidu t-Taljani *ci vuole*. Biss it-taħditiet tal-istorja ġeneralment kienu jkun aktar iffrekwentati. B'mod ġenerali ngħid li s-sala ġieli mtliet bl-Ingliżi u mhux bl-Għawdxin.

Joe Camilleri: Illum, l-attivitajiet mhumiex daqshekk spissi. Hemm bosta raġunijiet; forsi għax infetħu ċentri oħra kulturali. Il-pandemija mewtet l-enerġija u l-inizjattivi. Bil-mewt ta' George Vella, iċ-Circolo tilef wieħed min-nies attivi tiegħu.

Joe Camilleri

Liema ħtiġijiet qed jaqdi Circolo bħal dan f'rabta mal-kittieba Għawdxin? X'jista' jsir iktar jew aħjar?

Joe M. Attard: Il-kittieba huma mħeġġa li jtellgħu xi serata imma dan ma jiġrix ta' spiss; naħseb li c-Circolo ma jagħlaq il-bieb f'wiċċ ħadd imma jridu jkunu l-individwi li jmiddu l-ewwel pass.

Charles Bezzina: Iċ-Circolo kultant itella' xi serata. Dik ta' Friggieri kważi ħdimtha kollha waħdi. Nemmen li jeħtieġ kumitat aktar ħabrieki, mixħut u impenjat aktar fuq l-attivitajiet, u taħditiet, u b'kooperazzjoni li nħoss li hija nieqsa ħafna fost il-kumitat preżenti. Biex organizzajt ta' Friggieri, tkissirt.

Joe Camilleri: Fejn tidħol Letteratura Maltija, l-inizjattivi f'Għawdex bħalissa huma mejtin. Fl-imgħoddi, il-Kunsill tal-Kultura organizza bosta okkażjonijiet letterarji kemm fil-beraħ f'ambjenti attraenti, u kemm fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex. Iċ-Circolo jista' jkun il-post ideali biex jerġa' jagħti l-ħajja lil dawn l-attivitajiet letterarji li jistgħu wkoll ikunu okkażjoni multidixxiplinarji billi jipprovdu opportunità biex jinkludu wkoll forom oħra ta' arti bħall-arti viżiva, l-arti mużikali u l-arti performattiva. Attivitajiet letterarji - f'kuntest ta' ambjent medhi aktar bix-xalar u l-mili taż-żaqq - ma jiġbdux il-folol tan-nies. Għalhekk, l-istess ċokon tas-sala taċ-Circolo jista' jkun vantaġġuż għax joħloq atmosfera ta' aktar intimità mal-udjenza. Hu ideali għall-parteċipazzjoni ta' żeffiena jew tnejn, ta' kantant/kantanta, ta' mużiċist bi strument li ma jiħux spazju bħal pjanu elettroniku, vjolin, flawt, jew xi strument tal-bronż eċċ. bħalma ġieli sar fl-imgħoddi.

X'taħseb dwar l-idea li Circolo bħal dan ikollu l-pubblikazzjoni – ġurnal jew rivista – kulturali u letterarja tiegħu li toħroġ regolarment? X'jirrikjedi dan?

Joe M. Attard: Ma naħsibx li qatt jasal biex jagħmel dan; *man power* ma hemmx u finanzi ma għandux, pjuttost mejjet għall-għajnuna finanzjarja. Kien hemm xi żmien li kellu xi djun; ma nafx il-qagħda preżenti kif inhi. Mill-Bar ma nafx kemm jaqla' flus!

Charles Bezzina: Kif semmejt fuq, bħalissa bil-kumitat li hemm naraha impossibbli. Meta tkun f'kumitat trid taħdem ... u mhux tfarfar fuq sieħbek. Il-ġejjieni tiegħu huwa inċert ħafna. Jeħtieġ ikun hemm bidla jew rinfurzar fil-kumitat, b'membri li jaħdmu u jikkopperaw.

Joe Camilleri: Kull forma ta' pubblikazzjoni tkun ideali. Ma rridx inkun pessimist. Imma wieħed irid ikun prattiku u jqis l-aspetti kollha loġistiċi f'kuntest fejn għal raġuni jew oħra, il-volontarjat naqas ħafna. Imma ta' min iressaq u jikkonsidraha dil-proposta. Il-kumitat taċ-Circolo jara jkunx hemm nies iddedikati (bħalma hu int fil-każ ta' IL-PONT) li lesti jidħlu għar-responsabbiltà tax-xogħol u tal-problemi li jġib miegħu, inkluż il-finanzjament. Ta' min forsi jikkonsidra wkoll il-pubblikazzjoni ta' antoloġija bix-xogħlijiet ta' kittieba Għawdxin li tkun stampata kull sena jew kull sentejn. Tipprovdi opportunità biex tirxoxta xogħlijiet minsija ta' kittieba Għawdxin mejtin, tipprovdi spazju lill-ħajjin u magħhom tintroduċi kittieba li jidhru bdew jippromettu. L-importanti li jinżamm livell tajjeb għax pubblikazzjoni bħal din ma tirriflettix biss lilll-kittieba, imma wkoll il-prodott letterarju Għawdxi. U kif taf inti aktar minni, m'għadniex ngħixu fiż-żmien fejn kollox jgħaddi. Iċ-Circolo - bħalma ġieli sar - jista' jkun iċ-ċentru ideali fejn jinqraw papers speċjalizzati, fejn isiru lectures fuq suġġetti diversi bħalma qiegħed isir fil-bini tal-mużew Il-Ħaġar, fejn ikunu organizzati dibattiti u diskussjonijiet bil-parteċipazzjoni tal-udjenza fuq suġġetti topiċi inkella ta' xejriet kontroversjali. Forsi anki qari ta' siltiet minn xi pubblikazzjoni li tkun għadha kemm ħarġet fis-suq. Il-mistednin ikunu avżati minn qabel li jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom. Inizjattiva bħal din tgħin biex tqajjem interess f'pubblikazzjoni ġdida u tista' sservi ta' għajnuna lill-awtur.

Iċ-Circolo jista' jimla sew il-vojt li ħallew ċerti istituzzjonijiet edukattivi tal-imgħoddi bħalma kienu l-British Institute u l-Uffiċċju tad-Dipartiment tal-Informazzjoni fit-Tokk fi żmien Ġorġ Pisani.

l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

IL-PONT F'INTERVISTA MA' P. RENO MUSCAT O.P. DWAR IL-KTIEB *IL-LEJL* TA' ELIE WIESEL

Naf li l-ewwel darba li smajt b'Elie Wiesel kien f'Napli meta kont qed issegwi kors tat-Teoloġija Naturali. F'liema kuntest issemma? X'rabta kellu Wiesel mal-kors imsemmi?

F'kapitlu 4 tal-ktieb insibu l-qtil ta' tifel ġewwa Auschwitz. Il-ħabsin Lhud bdew jistaqsu: "Imma fejn hu Alla?" "Kif jippermetti ħwejjeġ bħal dawn?" Kien f'dan il-kuntest li l-professur tat-Teoloġija Naturali laqqagħna ma' Elie Wiesel. Is-skiet ta' Alla. Kemm-il darba l-bniedem jistaqsi: "Imma fejn hu Alla?" Dan is-skiet iħawwadna. Biex ngħid id-dritt Wiesel ma kellux aktar rabta ma' dan il-kors, biss jiena ħassejt li kelli naqra l-ktieb kollu tiegħu u indunajt li mill-bidu sal-aħħar hemm din il-mistoqsija: "Fejn hu Alla?"

Għaliex ħassejt il-ħtieġa li taqleb ktieb bħal dan għall-Malti? Meta xtrajt il-ktieb bdejt naqrah u ma tlaqtux minn idejja qabel temmejtu. Tabilħaqq li jismu *Il-Lejl* u jiena f'lejl wieħed qrajtu. Mill-ewwel ħsibt li ktieb bħal dan għandu jkun bil-Malti wkoll. Tassew li wieħed jista' jaqrah bl-Ingliż imma mill-ewwel ħsibt li jekk ikun b'ilsienna jinqara aktar. Il-messaġġ tiegħu huwa qawwi – il-vendetta mhix is-soluzzjoni.

X'kienu l-punti jew il-waqtiet l-iktar diffiċli matul il-proċess tat-traduzzjoni ta' dan il-ktieb għall-Malti?

Fi ktieb bħalma huwa *Il-Lejl* wieħed irid jara li jfiehem l-ambjent tal-ġrajja imma fl-istess ħin ma jkunx ħieles fil-kitba. Il-kitba hija tal-awtur u mhux ta' min jittraduċi. Jien ippruvajt insib kliem Malti li jfisser sew ix-xena li tkun qed

Patri Reno Muscat O.P.

tiġi rrakkuntata, f'ambjent li mhux faċli timmaġinah u ma aħna familjari xejn miegħu. Dan kien l-aktar diffiċli.

Illum għandna xogħlijiet oħrajn maqlubin għall-Malti bħal *It-Tifel bil-Piġama Rrigata* ta' John Boyne (traduttur Tony C. Cutajar, 2008) u *Id-Djarju ta' Tfajla* ta' Anne Frank (traduttriċi Mary Rose Mifsud, 2021). Qatt qrajt xogħlijiet oħrajn marbutin mal-letteratura tal-Olokawst? Liema?

Wara li qrajt *La Notte - Il-Lejl* ta' Wiesel tnisslet passjoni fija għal-letteratura li għandha x'taqsam mal-Olokawst. Qrajt bosta kotba li għandhom dan is-suġġett u rajt għexieren ta' films ukoll. Ma nistax ma nsemmix *Se questo è un uomo* u *La*



Tregua ta' Primo Levi, *Le donne e l'Olocausto* ta' Lucille Eichengreen, *Per un pezzo di patria* ta' Massimo Ottolenghi, *Judenrampe* ta' Ana Serge u Gloria Panvoncello, *Hope is last to die* ta' Halina Birenbaum u forsi minħabba kunjomi, fittixt il-ktieb *La Famiglia Moskat* ta' Isaac B. Singer. Qrajt kotba oħra dwar l-Olokawst, imma ma niftakarx liema huma.

Għaliex jeħtieġ li iktar nies jaqraw xogħlijiet bħal dawn?

F'waħda mill-barrakki tal-kamp ta' konċentament f'Auschwitz hemm tabella bi kliem George Santayana: "Dawk li jinsew l-imgħoddi huma kkundannati li jerġgħu jgħixuh!" Naħseb li dan iwieġeb sew din il-mistoqsija.

It-titlu *IL-LEJL* hu anki l-metafora ewlenija u rikorrenti ta' opra bħal din. Xi tgħid dwar dan?

Iva, l-isem huwa metafora li juri żmien fejn kollox kien mudlam. Il-lejl jaf ikun l-aktar ħin diffiċli tal-jum. Wiesel fl-għażla tal-isem ta' dan ix-xogħol, nemmen, li kellu dan f'moħħu, l-iktar żmien diffiċli ta' ħajtu u ta' ħajjet dawk li bħalu spiċċaw fil-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz.

***Il-Lejl* hu anki xogħol li għandu ħafna mill-*INFERN* ta' Dante Alighieri, imma din id-darba dan ta' Wiesel mhux xogħol fittizzju. Iż-żewġ opri b'xi mod huma xogħlijiet letterarji spiritwali, però hemm movimenti kuntrastanti: f'Dante mid-dlam għad-dawl, u f'Wiesel mid-dawl għad-dlam. Reazzjonijiet tiegħek?**

Għalkemm id-*Divina Commedia* u l-ktieb ta' Wiesel huma żewġ kitbiet letterarji differenti għal kollox, iva nistgħu ngħidu li l-*Infern* ta' Dante u *Il-Lejl* ta' Wiesel juru l-istess post minkejja li jużaw lingwaġġ differenti. Iżda waqt li Dante kien qed iżur l-Infern, Wiesel kien qiegħed jgħix fih.

Ma tistax taqra ktieb bħal dan bla ma xi darba jew oħra żżur għallinqas wieħed mill-kampijiet tal-konċentrazzjoni jew għallinqas tixtieq li tagħmel dan. Qatt żort imkejjen bħal Auschwitz? X'ħassejt meta kont hemm? Kif jintrabtu flimkien l-imkien u l-ktieb tal-Olokawst?

Wara li qlibt il-ktieb ta' Wiesel għall-Malti bdejt naħseb biex inżur il-Polonja u mmur Auschwitz. Il-Polonja mort darba, darbtejn, tlieta u dejjem żort Auschwitz, mhux għax hu xi post sabiħ, anzi bil-maqlub, imma huwa post li jġiegħlek tgħix dak li tkun qrajt fil-kotba dwar l-Olokawst. Żort ukoll il-fabbrika ta' Oscar Schindler li dwaru jittratta l-film *Schindler's list*. Ma' kull pass li għamilt ġewwa Auschwitz ħassejt il-paġni tal-kotba li qrajt jinqallbu waħda waħda quddiemi, ħassejtni qed ngħix dak li qrajt.

X'inhi r-rabta tiegħek mal-Letteratura? Għandek xi kittieba jew kotba għal qalbek?

Inħobb il-letteratura. Inħobb naqra l-aktar bit-Tajan, ovvjament wara l-Malti, imma bil-Malti ma ssibx kollox. Il-ktieb favorit tiegħi huwa l-Bibbja, it-traduzzjoni ta' Pietru Pawl Saydon. Dan huwa l-ktieb favorit tiegħi mhux għax jiena saċerdot imma għall-mod kif inhu maqlub għall-Malti.

Kif inhu Patri Reno Muscat OP bħala bniedem? Kif tgħaddiha ġurnata tipika?

L-ebda ġurnata ma hija bħal oħra għalija. Inħobb niltaqa' man-nies. Jien mhux patri tal-klawsura, in-nies huma l-ħajja tiegħi. Il-kitba u r-riċerka huma l-passatemp tiegħi. Nixtieq għandi aktar ħin. Biex ma nintrikibx bix-xogħol, għandi kelb, semmejtu Socrates – għall-filosfu u għall-plejer Brażiljan, u bis-saħħa tiegħu naqta' ftit minn quddiem il-computer u minn ġol-kamra.

Messaġġ tiegħek lill-qarrejja u liż-żgħażagħ tal-lum?

Aqraw bil-Malti u ħaddmu l-ilsien tagħna tajjeb. Jekk mhux ser tkunu intom li tibżgħu għall-Malti ma jdumx ma jsir xi ħaġa tal-imgħoddi. Ninħaraq ġo fija meta nisma' Maltin jitkellmu Malti mfarrak.

l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

IL-PONT JINTERVISTA LIL RITA SALIBA DWAR IL-ĠABRA POETIKA *MINN WARA L-ĦĠIEĠ*

Rita, ismek iktar jintrabat mal-kitba tal-proża. X'wasslek biex tikteb ukoll il-poeżija u saħansitra tippubblikaha?

Huwa fatt li l-ewwel pubblikazzjonijiet tiegħi kienu dawk ta' proża, u għalhekk jassoċjawni ma' kitbiet aktar fit-tul bħal novelli u rumanzi. Iżda l-ewwel ma bdejt nikteb minn ta' età żgħira kienu versi. Ta' tifla kont nieħu gost bir-rima u poeżija kienet tieħu forma ta' logħba bil-kliem. Aktar tard fl-adolexxenza, il-poeżija bdiet tkun aktar personali u intima, forsi xi drabi ribelluża. Nammetti li għal xi żmien waqaft mill-poeżija għax ħassejt il-bżonn li nimraħ f'ġeneru ieħor jew f'xi każi li nesprimi aktar ruħi fit-tul. Madankollu l-poeżija ma mititx u ġieli sibt ruħi nieqaf minn biċċa proża u nħarbex poeżija. Naħseb li l-ħajja waħedha turik. Kien wasal iż-żmien li niddeċiedi jekk nippubblikax il-poeżiji fi ktieb, speċjalment dawk li ktibt tul dawn l-aħħar snin.

Liema huma l-elementi li jisiltu l-kitba tal-proża minn dik tal-poeżija? Kif tiddeċiedi li l-ħsieb li jgħaddi minn moħħok tagħtih il-forma tal-proża mhux dik tal-poeżija jew viċiversa?

Il-proża hija ġeneru li jagħtik aktar libertà jew spazju biex tesprimi sitwazzjoni, jew ħsieb. Tista' tkun rakkont, kemm qasir jew aktar fit-tul b'deskrizzjonijiet itwal jew tidħol binja ta' karattru, jaf tkun inti stess il-karattru inkwestjoni. Il-proża tista' tinbex, toffri possibiltajiet jew sempliċiment tgħid x'ġara. Meta nikteb proża, inkun irrid nippjana, naħseb aktar dwarha, dwar il-possibiltà ta' tmiem differenti. Il-poeżija hija aktar meditattiva, dak il-mument jew ħsieb li ma

Rita Saliba

nixtiqux jaħrab, iżda li jħallini nirrifletti.

Il-preżenza tal-kittieba u poeti nisa fl-antoloġiji letterarji imma anki fil-qasam letterarju inġenerali sa ftit ilu kien minimu jew għallinqas inviżibbli. Maż-żmien iktar xogħlijiet letterarji miktubin min-nisa qed joħorġu għad-dawl. Xi tgħid dwar dan? Għaliex issa?

Inħoss li l-poeżija qed tkun aktar popolari ma' nisa żgħażagħ li kisru taboos dwar perċezzjonijiet ta' rwoli tal-mara fis-soċjetà. Dan riżultat ta' soċjetà li qed tinbidel. Il-mara sar għandha aktar vuċi, qed tasserixxi ruħha bħala individwu u ħafna drabi qed tkun il-vuċi ta' dawk li ma jinstemgħux. Hawn inħoss li l-poeżija, u anke l-proża, qed isservi ta' pont ma' ħajjiet ta' nisa f'kulturi barra minn xtutna. Hemm elementi komuni bħall-maternità u s-sesswalità iżda l-mara poetessa mhix tibża' tperreċ l-inġustizzji u l-uġigħ ta'



minoritajiet opressi.

Hemm min jemmen li l-kitba tal-letteratura m'għandhiex sess. Imma teżisti dik li tissejjaħ *écriture féminine*, il-kitba mill-pinna femminili. Kemm tħoss hija b'saħħitha hawn Malta? Xi tgħid dwar dan?

Bla dubju, il-pinna femminili qed tinħass aktar b'saħħitha. In-numru ta' kittieba nisa li qed 'jiktbu lilhom infushom' qed jiżdied. Ħafna drabi l-mara talterna fi rwoli ta' bint/omm/sieħba biex toħroġ l-individwalità tagħha. Illum il-mara qed tikteb dwar kif hi qed tara dak li qed jiġri madwarha u mhux li tkun parti minn dak li qed jiġri, qed tistieden lill-qarrej jaħseb. Hija l-mara attivista u li qed tiskopri lilha nnifisha; tgħidilna, "jien hawn". Fl-istess waqt trid taħdem id f'id mas-sess oppost u mhux tibiegħed minnu għaliex soċjetà b'saħħitha teħtieġ l-impenn tat-tnejn.

Hemm kittieba nisa barranin u lokali li setgħu ispirawk biex tikteb? Min huma, u kif laqtuk?

Għalliema tiegħi kienet introduċietni mal-kotba ta' Catherine Cookson. Mill-ewwel għoġobni l-istil skjett u l-vuċi b'saħħitha fejn tikteb dwar temi soċjali partikolarment il-faqar u kif laqat il-klassi tal-ħaddiema u lin-nisa fil-bidu tas-seklu 20 fir-Renju Unit. Awtriċi oħra li tispirani ħafna hija Margaret Atwood, għall-mod enigmatiku u b'saħħtu li bih tibni karattru femminili, f'rakkont fejn il-biża' u s-setgħa jikkontrollaw komunità sħiħa.

Spiss tisma' min isostni li l-ħajja tal-poeta mhix waħda faċli ladarba hu bniedem mgħobbi bil-piż tal-ħsieb li b'xi mod irid jeħles minnu. Il-poeżija għalik hija piż jew opportunità biex tberraħ dak li hu estetikament sabiħ?

Għalija l-poeżija hija opportunità biex nimraħ fi ħsibijieti, ċans maħtuf f'dinja mgħaġġla li tħalli kwadru mpitter fil-memorja. Mhux kulma ngħaddu minnu hu sabiħ u l-ħajja taf toffri sfida iżda l-pinna tal-poeta tista' tittrasforma dawn il-mumenti f'versi li jmissu l-qalb.

Skont int, il-poeżija tinkiteb bħala żvog għal min qed jikteb, biex il-qarrej jieħu gost biha, jew bħala stedina biex dan tal-aħħar jirrifletti dwar ħwejjeġ differenti?

Inqis il-poeżija bħala forma oħra ta' espressjoni artistika. Il-poeta bħall-artist jinterpreta dak li qed jara madwaru, jagħti sfumaturi u jfittex tweġibiet, iżda jixtieq ukoll jikkomunika b'dak li jikteb. Għaldaqstant, iva, jaf ikun qed jistieden lill-qarrej, f'ħafna każi b'mod indirett, biex jirrifletti fuq dak li hemm miktub.

Il-poeżija għandha tkun parti mis-sillabi akkademiċi u marbuta mal-eżamijiet? Għaliex? Kemm hu importanti li l-poeti jiltaqgħu iktar spiss u wiċċ imb wiċċ mal-poplu u l-iktar mal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ?

Naħseb li l-poeżija għandha tiġi introdotta fis-sillabi lil studenti ta' età żgħira bħala forma ta' espressjoni, b'hekk ikollhom aktar għarfien ta' dan il-ġeneru. Wisq nibża' li l-eżamijiet joqtlu ftit mill-apprezzament tal-poeżija. Il-poeta bħall-kittieb tal-proża mhux maqtugħ f'dinja għalih waħdu. Huwa l-vuċi ta' min ibati fis-skiet; dak li japprezza s-sabiħ ta' madwaru u jħoss il-polz ta' dinja li qed tinbidel kontinwament. Huwa importanti li jkun sensittiv u jisma' dak li qed iżomm soċjetà għaddejja, speċjalment mingħand ġenerazzjonijiet żgħażagħ, li se jkunu huma li jilqgħu l-isfidi tas-snin li ġejjin.

F'*minn wara l-ħġieġ* tiġbor kważi 60 poeżija. Inħoss li apparti dawn ktibt ħafna iktar. Kemm hu minnu dan? Liema hija l-firxa ta' żmien li matulha ktibthom? Għaliex it-titlu *minn wara l-ħġieġ*?

Bosta minn dawn il-poeżiji ktibthom snin ilu, meta kont għadni omm żagħżugħa, oħrajn ħarġu meta rajt lil uliedi jaqbdu triqthom u jfarfru ġwenħajhom. Hemm firxa wiesgħa ta' snin. Nista' ngħid li wħud imorru lura anke 15-il sena. Oħrajn aktar riċenti jittrattaw l-isfreġu tal-ambjent, is-solitudni u n-nostalġija. Hemm aktar 'imħarbxin', imma biex għaqqadt din il-ġabra kelli nagħżel minnhom. *Minn wara l-ħġieġ* huwa titlu ta' poeżija fil-ġabra. Għażiltu għax ħassejt li jorbot il-ġabra sħiħa. Tista' tosserva d-dinja minn wara l-ħġieġ. Xi ħin jaf tħossok protetta mill-elementi u hemm x'jifred mid-dinja t'hemm barra, iżda daqstant ieħor il-ħġieġ huwa trasparenti, jagħmlek vulnerabbli u jikxiflek id-dgħufija tiegħek.

L-għażla prosodika u metrika tiegħek hija dik moderna. Tħaddem il-vers ħieles, xbihat mill-iktar friski, filwaqt li l-poeżija tiegħek iddoqq tajjeb għall-widna permezz ta' alliterazzjonijiet varji. Għadu jista' l-poeta kontemporanju jħaddem forom poetiċi tradizzjonali bla ma jiġi ttimbrat arretrat jew maqtugħ minn żmienu? X'taħseb?

Kull poeta għandu jkun liberu li jagħżel dak li jħossu komdu fih biex jesprimi ħsiebu. Fil-każ tiegħi insib li l-

allitterazzjoni tiegħi tgħinni nirrifletti ħsibijieti u tmexxini minn vers għal vers. Qed ngħixu f'dinja ta' ħsejjes, li jiddettawlna ħajjitna. Ma nara xejn ħażin li poeta jħaddan forom poetiċi tradizzjonali, u jien stess insibni nieħu gost naqra whud minn dawn il-poeżiji. Fihom mużikalità u joffru qari mexxej għal mument qasir.

Il-poeżiji tiegħek jistgħu jiġu apprezzati kemm minn min jixtieq jaqra u jgawdihom bla ħafna taħbil il-moħħ minħabba l-lessiku sempliċi li tħaddem, imma wkoll minn min ma jibżax jistaqsi, ifittex tifsiriet moħbija u jkompli jhewden dwarhom anki wara li jkun ilu li qrahom. Inti bħala qarrejja, liema tip ta' poeżija tapprezza l-iktar?

Inħobb naqra poeżiji dwar ħajjiet li nempatizza magħhom, nara rifless tiegħi nnifsi fihom. Imma l-aktar li nieħu gost naqra huma poeżiji nostalġiċi, li jbexxquli tieqa għall-memorji tat-tfulija, ta' żmien moħħ ir-riħ, ta' dak li kelli ġenn biex inħalli warajja, iżda li llum qed narah isbaħ minn qatt qabel.

Xi jmiss wara din il-ġabra?

Wara din il-ġabra nittama li jkun hemm it-tieni waħda. Għadha qed tinbena u hemm poeżiji li nixtieq nerġa' ndurhom. Sadanittant ħierġa dalwaqt ġabra ta' mikrostejjer – stejjer ta' madwar 200 kelma-l waħda.

BAĦAR

Hemm leħen mistur fik
meta ssejjaħli għal ħdejk
int u tinbixni b'mewġtek ragħwa bajda
ġejja lejja u bi nkejja terġa' lura
biex tintilef mal-ħlejjaq fl-imluħa
fir-raxx li jiksili l-kpiepel t'għajnejja mbexxqin
tfakkarni fil-ħlejjaq li tgħajjex
jgħumu fl-abbissi mudlama
f'oħrajn aktar żgħar
jaqdfu mal-imrieżaq imdawla
kurjużi għal dil-forma ta' ħajja
wieqfa waħedha fuq ix-xatt
quddiem dan il-kobor
qed tħossha tiċkien
u tistaqsi bla tistenna tweġiba
minn fejn beda dal-ħolqien.

ITTRI MĊAJPRIN

L-ittri fuq il-karta qed jiċċajpru.
Id-dmugħ qed jaħsel il-linka
li xtaqt nimmarka biha
s-snin li għaddew fuq xtajta
noħlom bit-tfajjel tal-baħar
idommli kullana ta' perli leqqiena
kull ġawhra xewqa moħbija
memorja ta' ħoss mitfi
ħjiel ta' riħet ir-raba' f'ħarifa
sirda fi ljieli twal ta' xitwa
f'mixja kajmana qalb roqgħa peprin f'rebbiegħa
it-tama li nibqa' nduq il-ħlewwa ta' tfulija minsija
qalb stejjer ta' żgħożija moħlija
li tħassru mill-imluħa tal-mewġ qabel inkitbu
u baqgħu biss tifkiriet għalija.

STAQSEJT LILL-POETA

Jekk tgħid x'se tikteb
qabel tagħlaq l-aħħar linja
tkun qtiltha l-poeżija
qalli l-poeta.

Jekk tbexxqilha t-tieqa kmieni wisq
ittir 'il bogħod minnek
mingħajr ma tħallik taqbad tarf minnha.
U ntbaħt li kellu raġun
jien u nisimgħu jċekċek is-silġ fit-tazza.
Rajtha ħierġa mill-bieb mal-aħħar parruċċan
b'riħtu għadha terħi ma' ħwejġi
u tbikkimt.

Soqt lura nfittixha
bid-dwal imrewħa juruni triq vojta.
Fittixtha mperrċa fuq ċint bi graffiti
għarrixt jekk twaħħlitx ma' tabella
b'ittri jleqqu f'għajnejja.
Wasalt biex nidħol f'dari u ħsibt li sibtha
f'għasfur bi ġwenħajh marsusa ma' ġismu
b'għajnejh ras ta' labra għadhom berah
stendut fuq għatbi
mitluq bla ħajja.

PROFETI

Qrajt kitbiet il-profeti taż-żmien
bijografiji ta' nies il-għerf
b'viżjoni għal dinja bla għelt
ħielsa mill-qilla tar-raġġi ultravjola,
miżgħuda mogħdijiet li jiksu
pjaneta illustrata f'tlellixa.

Smajt leħinhom bħal tvenvina
ġejja mill-bogħod tgħallimni
t-taħdit tal-għoljiet jibku
għax m'għadhomx jostru ħlejjaq
imgerrxa mill-passi kurjużi
ta' min ma jafux dak l-imkien.

U għadda minn għala widnejja
li basru ġrajja bħal biljett f'lotterija
indifnu mirduma ma' ħolmiethom,
moħħhom mistrieħa li qatt
mhu se jarawna nittieklu
mill-iskart tagħna stess.

RITA SALIBA
(minn *Minn Wara l-Ħġieġ*, KKM, 2022)

l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

IL-PONT F'INTERVISTA MAL-KITTIEB INGLIŻ ADAM E. HOLTON, AWTUR TA' *THE FIRST JUNIPER TREE* (2020) -

It-tieni parti

Adam E. Holton huwa awtur itineranti u jdoqq il-pjanu. Apparti r-rumanz filosofiku The First Juniper Tree *(2020), ippubblika wkoll poeżiji u flash fiction (Streetcake Magazine, Litro), esejs ta' natura kulturali u artikli għall-ġurnali (Und, NARC Magazine), u anki serje ta' stejjer-poeżiji għat-tfal (*Wood and Wonder*). Iltqajt miegħu b'kumbinazzjoni f'Settembru tal-2022 waqt li kont miexi max-xatt tax-xmara Thames. Bħalissa qed jaħdem fuq it-tieni ktieb minn erbgħa f'sensiela narrattiva-filosofika u jaqla' l-ħobża ta' kuljum bħala bejjiegħ tal-kotba.*

***The First Juniper Tree* is described as Narrative Philosophy. It expresses the need for British culture and its citizens to change from a perspective of competition and consumerism to one of collaboration and community. On page 47 one reads: "Now, remember, this isn't about American 'walls', the ones that shut people out. But the walls that can house a community!" One also reads about war, islands of plastic in the oceans, deforestation, and hydroponic farming. It's here where this novel acquires its strength. In their solitude writers acquire their social and political roles. What are your views about all this?**

When I read your sentence 'in their solitude writers acquire their social and political roles' I imagine a person making a coat for themselves, or a kind of beautiful shirt, or dress, at an old sewing machine. Parts of it are made by hand. The fabric is inherited, stolen, gifted. The individual then adorns themselves with what they have created 'in solitude' and enters the public arena. It is a fascinating image, but I tend to believe that writers are not solitary creatures. I could never describe myself in such a way. I am tempted to argue that, although considerate and reflective (acts that may take place in solitude), a writer is someone occupied with relationships, in relation to self and others; they themselves being the confluence point at which this act of relating takes place.

Adam E. Holton

This is the point where the idea of 'writer in solitude' causes a conflict in me. I witness a generation of writers who do write in isolation, alienated from the culture they are part of, in the pursuit of money. It presumes that the writer has no responsibility for the consequence of the story they put into the world. For example, if writers persist in only using violence to resolve conflict, then there will be more violence in society. The writer is responsible for helping change that. If writers endeavour to present compassionate, needs-based communication to resolve tension and conflict, who knows what could happen? I sincerely believe there could be fewer wars if we wrote different stories, if we gave each other space to imagine.

I believe that a writer has a responsibility to engage with and, when necessary, challenge our understanding of life. Not only by pointing fingers at troublesome realities, but by creating space to consider and imagine what else could be. Writers are an inspirational force in participatory human politic. If it's all

navel gazing, popularity and profit-orientation, we lose sight of how we relate to one another, and that's when catastrophe becomes normalised and projected back at us.

That is when comedy, the kind of brilliant comedy that occurs in everyday life, can be so redeeming, humbling and a way to connect with one another.

I also cannot consider myself acquiring my social or political role in solitude. I self-published *The First Juniper Tree* on recycled paper at a small-scale printers in Czech Republic (friend of a friend works there) so that I could take those books onto the street and invite people into conversation. The biggest aim was to create a space, in public, to discuss peoples' experience of the collaborative side of human nature. And to ask them to focus on and share the stories that come out of those experiences.

Thus, I would say my role, or roles, as a writer is a very public one.

"Being interested in people as people, but could never get beyond the superficial details (page 54)". Is this what makes a good writer, perhaps a good politician too?

The sentence refers to the character Thomas Oliver wanting to get to know the people he is working with or surrounded by, but those people don't let him in. They want to carry on discussing the superficial details of the identities they create for themselves. He can find no connection to these identities and thus feels alienated.

This is something I think many people experience. When identities are created out of these external details then they are fragile. People often defend what is fragile. People can become emotional and violent in their actions to defend themselves.

This is one of the tragic consequences of defining oneself based on these little details. It is one of the reasons why I seldom introduce myself as a writer. That is an aspect of my identity as Adam, but it is not the sole definition.

In the novel, it is the role of Hieronymus Peach to present Thomas with the idea of seeing through these details to reach the person. The moment you realise that people express their understanding of what love is when they talk about football, or darts, or cooking, or whatever they are interested in, is an incredible feeling. But this can be something that unites people instead of dividing them.

This is why, in part, the book is about asking whether we would be served better by approaching human nature as collaborative and communal; finding equality in and through difference.

Understanding what people are saying, even when they are not saying it, and finding a way to express the humanity in it is perhaps one responsibility of a writer. I cannot say whether it makes a writer good, but the motivation to amplify that which people are capable of is something they seem to do. If only the focus shifted to the transformative and peaceful, humourful and collaborative, aspects of humanity we may be better prepared for rebalancing the role of narcissists and greed-seekers in our societies.

Politicians? Building infrastructures that lead us out of racist and oppressive systems is the responsibility of all, politicians and artists alike. We are way past the point of just aiming fingers at people and screaming.

Your dedication on the front page of your novel I bought says, "Please always be curious." Curiosity is that which "allows one to engage with the unknown." (page 59) How do curiosity and the unknown help one in being creative, thus creating a better community?

Curiosity is what enables us to express our trust in existence, in life, in the desire to play with one another. Curiosity is that bravest of acts that introduces us to the unknown, be it another person, idea, situation; irrespective of what contemporary society teaches. But such curiosity requires an individual to listen and to be gracious.

I see everywhere the adaptive capacity of people. Adaptation is creativity. Take what exists and put it together in a different way. The window won't stay open? Use a shoe, use a chair, use an empty fish tank.

I don't see that being creative alone will enable a more cohesive community. I think being creative will present us with spaces to practice being communal so that we remember for ourselves how to find what we want.

If there are laws and practices that obscure or distort this then we have found something that we can change. But finding the way to do it requires getting to know people. Creativity, as with everything, is never an act in isolation.

Are you an idealist, just like Thomas in the novel? Or is it Peach?

I am a rebellious and a defiant optimist.

Speculation as creation and children as "the best teachers of change and collaboration." (page 140) How does all this relate to the novel's title *The First Juniper Tree*? What about your series of children's story-poems, *Wood and Wonder*?

The title of the book refers more to the longing for a thing, for a thought, for an experience that we have not yet had, but feel the real and approaching possibility of it.

The line you reference is a belief of mine that echoes the idea that we, as an animal species, learn through play. In order to play we need to collaborate, and through play we can change our understanding of ourselves and the world around us. And then we adapt our behaviour.

I travelled for two and a half years through central and eastern Europe listening to people and learnt that they wanted spaces where they could participate in a creative and meaningful way. Though many societal pressures are trying to limit and marginalise our access to playful spaces as adults, it is the responsibility of artists and curators to provide these spaces for people.

The series of children's story-poems for *Wood and Wonder* tells the story of a rabbit called Luna that helps a toymaker. In each poem, the rabbit journeys into town and finds a situation where the children have a need for help or guidance (being bullied, looking for friends). The rabbit listens, returns to the toymaker and gives him ideas for toys he could make to resolve the situation. The rabbit then returns with the toys, or games, and gives them to the children so they may find a



different way to act.

The Stranger Stories events explore a similar kind of game. In a similar vein, I have less than 100 copies of *The First Juniper Tree* that remain. Once they have been taken it becomes a giant game of hide and seek to find one. A lot of what I want to do is connected to making more spaces for play.

What Thomas and Peach are engaged in is a voyage from the city to the sea and back to the city. It's a voyage that is supposed to get the reader to see the light after traversing a long black tunnel. How true is this? Is it also a peripatetic kind of dialogue?

Yes, I believe there are some kinds of conversation we can only have when we are in movement. The city and the sea, in their own ways, offer inspiration to the dialogue as they move throughout the discussion.

Yes, in a sense, there is a light to be seen at the end of a tunnel. For Peach and for Thomas their tunnels are very different. Thomas finds a climax in his own situation and cleans himself off by going for a swim in the North Sea. Peach's tunnel is more the mirror of our societal struggles.

The return to the city after the revelations beside the sea is to embody the need to integrate what we have learnt into the places we inhabit. This is why I argue for more play spaces in society and less doom-horror apocolyptica. Play can help humanise us.

The part where Peach plays the piano in the station while conversing with Thomas is beautiful and reaches a kind of climax. How important is the interaction between artist and the rest of the people? And how does music come into all this?

It is interesting that you mention this part. I have been approached by a theatre maker who wants to create a show out of *The First Juniper Tree*. This scene will be revelatory for both characters and audience.

The interaction between artist and the populus is very important. This is why the motivation of anyone who considers themselves an artist is in need of discussion. If you want to reflect only trauma and violence back at people, do you need therapy or gallery space? What an artist chooses to reflect back to people can define discourse. We are beyond the need for any more finger pointing in our art forms. We need space to explore and enact different ways of being.

Music. I wanted to write a book that also had music for many years. This was the motivation behind *Lilac Iris*, the song mentioned in the book. I had also planned to create a band to tour with and perform the music of Hieronymus Peach. I performed it in Italy, Austria and England. I would love to continue playing his music. It is taking the fictional world and bringing it into reality.

How is Adam E. Holton as a person on a normal day?

Good question. It depends on the day. I've started telling people I wish we had different names for every single day. I'm bored of having so many Thursdays.

I quite enjoy getting to sleep before 11pm. I get up around 4am most days; I enjoy the mornings. At the moment I either go out busking with my typewriter, improvising stories for people, or I work as a bookseller at Word on the Water. At the time of writing this, these are my main points of focus; I want to raise the funds to print the second book in the series.

I'm usually quick to laugh and content to listen to the stories people want to share.

Final question: you are currently working on book two of four in a narrative philosophy series. In short, what will it be about?

There is a single paragraph in *The First Juniper Tree* that I am expanding into a novel. It is called *Witness*. It is a collection of stories that Hieronymus Peach shares with a stranger during a day in Naples. These are some of the stories he has found out there, the ones that offer a different way of looking at the society we know.

If everything has gone to plan then *Witness* will be available now from my suitcase or you can get in contact via thoughts@thefirstjunipertree.com to order a copy.

L-editur Patrick Sammut ma' Adam E. Holton ħdejn ix-xmara Thames f'Settembru 2022.

Reċenzjonijiet

Rakkonti

Kitbiet oħra

JUM L-ERWIEĦ TAL-PURGATORJU - Nov. 1953

Kitba ta' Carmen Refalo

Il-mixja maż-żerniq sal-knisja kienet twassal
bil-ħeffa u bla waqfien għall-Quddiesa ta' kuljum.

Kif tqum ziti kienet titlaq lejn il-knisja biex taħseb kmieni; biex qabel il-Quddiesa, fiż-żmien tar-Randan tagħmel il-Via Sagra, matul ix-xahar t'Ottubru tilħaq ir-Rużarju meditat mas-Superjura tal-Mużew, fil-ġranet tad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes kemm tilħaq il-kurunella, u meta jkun Ġesù Espost biex tagħmel xi nofs siegħa Adorazzjoni.

U wara l-Preċett bdiet toħodni magħha. Fis-Sajf kif tarali l-kmiem imqar ftit 'il fuq minn minkbejja kienet tmur iġġibli l-manki sakemm jien nitlaq inġib il-velu u l-kuruna tiegħi. Dal-manki hi kienet tħithomli.
Malli naslu fuq iz-zuntier, wara li nilbishom u ntellagħhom sal-kmiem biex ngħatti l-kumplament ta' jdejja, il-lastku malajr kien jibda jdejjaqni u jikolni. Meta kont nibda nokrob li kienu qed iweġġgħuni, kienet twegħedni li kif immorru lura d-dar, taqbad twassagħhomli.
"Għalissa issaportihom naqra Carm; offriha għall-erwieħ u għall-bżonnijiet tan-nannu Kiel."
Iz-zija Ċett kienet taf iġġibli l-boċċa qrib il-likk għax meta ssemmili n-nannu kont inkun lesta għalkollox. Ma ridtux jitlaq mal-erwieħ tal-Purgatorju u jħallini.
"U kull meta tbati naqra ruħi, ikun qed jiswielek ta' ġid," kienet tkomplili; din kont nismagħha ta' spiss mingħandha imma dak iż-żmien ma stajtx nifhimha.

Fil-knisja ma kontx niddejjaq, ħlief meta kienet toħodni maġenbha ħdejn il-konfessjonarju, tistenna l-qrar. Xi drabi kienet tgħidli,
"Illum Carm se ndum ftit aktar mis-soltu; imma mhux ħafna."
Meta kbirt sirt naf li minn xi daqqiet kienet tagħmel il-qrara ġenerali; waħda minnhom kienet tagħmilha qabel ma tibdel il-buluttin, waqt it-Tqarbin fiż-żmien tar-Randan.
U kienet tfakkar lil ommha u 'l ħutha biex ma jinsewx jibdluh qabel l-Għid il-Kbir. Lin-nannu spiss kienet iġġiblu wieħed mill-ħafna qassisin li kellna ż-Żejtun biex ikun jista' jqerr u jitqarben; u l-buluttin kien jinbidillu mid-dar stess.

Meta wara l-Għid jasal jum it-tberik tad-dar, wara ġimgħa tindif fil-meżżanin, bis-soqfa, il-ħitan, il-purtieri, l-għamara bil-fajjenza u bix-xquq ta' bejn il-madum tal-art nodfa tazza, kont issibna nistennew sa wara nofsinhar biex il-qassis jidħol idur ibierek fil-kmamar iferrex l-ilma mbierek, bl-abbati warajh iġorr is-sassla. U wara li jberikna lkoll u jsaqsi lil ziti jekk kollox kien għadu sew, kienet toffrilu xi naqra xorb fin jew ftit kafè. Il-biċċa l-kbira ma kien jieħu xejn ħlief xi naqr'ilma u kif jaqbad ser joħroġ 'il barra kienet tagħtih il-bullutini mibdula ġol-envelowp ma' xi ħaġa tal-flus għall-knisja. Sadattant jien kien ikolli sitt ħabbiet f'idi biex nitfagħha fis-sassla li kien inewwilli l-abbati qabel ma joħroġ iħaffef l-aħħar wieħed.

B'hekk l-Arċipriet tar-raħal kien ikun jaf kemm mill-Parruċċani tqarbnu imqar darba fis-sena. U jkollu speċi ta' garanzija ta' dawk li kienu għadhom jagħmlu parti mill-merħla u ħjiel ta' kemm kienu marru 'l bogħod mill-qdusija.
Fil-Knisja taż-Żejtun iz-zija Ċett kienet tħobb toqgħod fin-nofs viċin Kalċidon, li kien jgħid ir-Rużarju waqt il-Quddiesa. Għalkemm l-irġiel kienu jkunu n-naħa ta' wara 'l bogħod min-nisa, hu kien jitla' 'l fuq biex jinstema' minn kullimkien.
Kont inħobb inħares lejn xagħru bajda u ħafifa mniżżla kemxejn fuq moħħu, bil-qargħa roża tidher minn bejn it-troffi.
Waqt li s-Saċerdot kien jibda jqaddes dahru lejna, Kalċidon kien jibda r-Rużarju b'leħen għoli bin-nies kollha jirrisponduh. Kien raġel qsajjar u mgħaddam qisu pespus; kont ninħasad kif nisma' dak il-leħen sod u qawwi ħiereġ minn ħalqu biex iħajjarna nibdew nitolbu miegħu.
Għadni narah bejn żewġ siġġijiet, wieħed taħtu u l-ieħor quddiemu, fejn kien ipoġġi l-beritta li jkun neża' hu u dieħel fil-knisja. Kellu ħabta qabel l-Elevazzjoni jtella' s-siġġu ta' taħtu kemm kemm minn wara u jħallih iżomm fuq is-saqajn ta' quddiem biss. Għall-bilanċ kien iserraħ idejh mas-siġġu ta' quddiemu, waqt li jżomm saqajh ix-xellugija mgħawġa tnejn, ftit 'il fuq mill-art; qisu qiegħed għarkobbtejh waqt li jibqa' bilqiegħda. Ma nafx kif qatt ma nzertajtu jiżżerżaq u jaqa' biż-żewġ siġġijiet b'kollox.

Sadattant waqt li Kalċidon kien jgħid posta wara l-oħra jien kont ikun moħħni fil-kuruna mdendla f'idu, nieżla minn bejn l-ewwel żewġt iswaba', bis-Salib jixxengel waqt li jinżel ftit 'l isfel ma' kull 'Sliema' u ftit iżjed ma' kull 'Glorja' biż-żibeġ jaħbtu miegħu. U wasalt biex indunajt li f'nofs ir-Rużarju is-Salib kien jeħles għalkollox miż-żibeġ u jibqa' jixxengel waħdu, jgħaddi żbrixx mal-beritta, sakemm jibdel ir-rotta u jibda tiela' 'l fuq lejn is-swaba mgħaddma ta' Kalċidon, biż-żibeġ telgħin warajh. U fl-istess ħin mitlufa f'dak li jolqotni, kont nibqa' ngedwed mal-kotra.
"Kollu tgħidu r-Rużarju t-tifla; kemm toqgħod kwieta l-Knisja," niftakar liz-zija Ċett tgħidilhom kif naslu lura d-dar.

Fil-knisja kont inħossni komda b'idejja marbuta, waqt li nċaqlaq u nxengel saqajja biex inħoss it-truf tal-velu ċkejken tat-tull iswed jaħbat ma' wiċċi; kellu l-forma tat-tajr li kien jagħmel iz-ziju biex intajruhom minn fuq il-bejt. Il-velu ta' ziti kien ikbar u isbaħ u kont nixtieq wieħed bħalu li jgħattili l-ispalel ukoll. Imma skont iz-zija Ċett kien għad fadalli x'nistenna; ridt nikber aktar għal dak il-privileġġ.

Ħin minnhom kont nisma' ċ-ċekċik tal-flus u nara lin-nisa madwarna joħorġu l-portmoni u jagħżlu bir-reqqa dak li kienu ser jitfgħu fis-sassla ta' Żeppi s-Sagristan. Meta ziti kienet

issib sitt ħabbiet kienet tagħtihieli biex nitfagħha jien; meta tinzerta ma ssibx waħda, toħroġ sold u titfgħu hi. Imma qabel turih lil Żeppi u tistennih itella' sitta mis-sassla biex jagħtiha l-bqija.
Waqt li nisma' leħen Kalċidon u t-tgedwid tan-nies jirrisponduh, kienet taqbadni l-lanja tan-ngħas. Il-kpiepel t'għajnejja kienu jinżlu waħedhom u z-zija Ċett erħilha ċċaqlaqni b'minkbejha kull meta tinduna. Għadni s'issa nistagħġeb kif bil-ħasda qatt ma waqajt jien mal-art minflok Kalċidon; id-daqqa ta' ziti kienet goffa bħal persunitha!

Ftit wara li għalaqt sitt snin, fl-ewwel ta' Novembru, waqt il-Quddiesa tal-Qaddisin kollha, iz-zija Ċett fakkritni li l-għada kellna nisimgħu tliet Quddisiet u jien ridt inkun naf 'l għaliex,
"Biex nitolbu ħafna għall-erwieħ tal-Purgatorju u ngħinuhom jitilgħu il-Ġenna." "Imsieken l-erwieħ," kienet toħroġli waħedha kull darba li nisma' hekk. Kont inġibhom quddiem għajnejja qed jitqarqċu mdawrin bin-nar; bħalma kont narahom impittra fuq is-Santi tal-Erwieħ tal-Purgatorju.

L-għada kif dħalna l-Knisja u dorna mat-tieni nava nħsadt u waqaft; f'nofs il-knisja, minflok Kalċidon ilmaħt xi ħaġa għolja ħafna, wiesgħa u miksija kollha bl-iswed. Fuqha rajt xi ħaġa mgħottija b'velu; ma stajtx nara x'kienet. Madwarha f'kull kantuniera kien hemm gandlier għoli b'inkwatru mdendel miegħu. Żgur li kont rajthom fis-snin ta' qabel imma qatt ma ħasduni bħal dakinhar. Kont qed nikber u naħseb aktar.
L-inkwatri mal-gandlieri ma bdew jogħġbuni xejn; tant li ma stajtx niċċaqlaq minn fejn kont. Kif rat hekk ziti indunat li kont tħawwadt u ġibditni lejha. Zijieti kienu ilhom jgħiduli li iżjed ma bdejt nikber, iżjed bdejt nibża' u kellhom raġun.

"Carm dak l-għoli ngħidulu t-Tubru? Bħal-lum dejjem fin-nofs tal-knisja jpoġġuh; mela nsejt... dak mhux l-ewwel darba li rajtu." U biex tkompli sseraħli rasi, ressqitli s-siġġu tiegħi jmiss ma' tagħha, niżżlet wiċċha ma' wiċċi u qaltli,
"U nsejt x'għidtlek ilbieraħ, wara li smajna l-quddiesa? Illum ser nisimgħu tlieta u nitolbu ħafna għall-erwieħ."
"Imma 'l hemm fuq x'qed nara, taħt il-velu?" erġajt jien waqt li wrejtha fejn kellha tħares.
"Dik l-imħadda b'ras ta' mewt fuqha?" u bħas-soltu ziti għamlet subgħajha ma' ħalqha biex turini li fil-knisja kelli niskot.
Wara niżlet għarkopptejha u żammitni bilwieqfa ħdejha, idha ma' qaddi nitolbu flimkien. Hekk kienet iżżomni jekk tħossni qed niddejjaq. Wara li għamilna l-Vista, nitolbu minn taħt l-ilsien, tlajna bilqiegħda. Leħen Kalċidon, bil-kantaliena li qatt ma kienet titlef ir-ritmu tagħha, reġa' niżżilni fir-realtà ta' kuljum għalkemm kien iżjed 'il bogħod mis-soltu.

Kif ħriġna mill-knisja ridt inkun naf aktar,
"Dak it-tubu biex jagħmluh?" staqsejtha.
"It-Tubru Carm! U m'għandikx għalfejn tibża' minnu ruħi. Jagħmluh bl-injam, meta jlestuh jgħattuh bil-bellus iswed ħalli fuq nett ipoġġu mħadda b'Ras ta' Mewt fuqha. Fl-aħħar jgħattu kollox b'velu kbir, iswed ukoll... issa Carm staqsi liz-ziju; jgħidlek hu kif jarmawh." B'hekk qatgħatli fil-qasir u komplejna mexjin.

"Zi dik ir-Ras ta' veru bħalma naraw meta mmorru għand is-

It-Tubru
[Ritratt minn: www.kliemustorja.com]

Sorijiet? Dik hi r-Ras ta' waħda soru; ta' fuq it-tubru ta' min hi?"
Kont tellajthomlha għax ma tatx kasi; imma bqajt ma ċedejtilhiex,
"U dawk l-għadam tal-inkwatri ...." u ziti ittarrxet u mmutat; konna għoddna wasalna d-dar.
"Ħaffef ruħi għax għandi ħatfa fl-istonku u rrid nibda nsajjar."
Kienet tħobb iġġibli dil-iskuża ladarba kont inġibha daharha mal-ħajt. Sadattant ma kinetx tkun qed tigdeb; kulħadd kellu jsum minn nofsillejl qabel it-Tqarbin.

Mela kif dħalna iz-zija Marì għamlitli biċċa ħobż mixwija bil-butir ma' tazza te; fl-istess ħin lil oħtha Ċetta rajtha tiekol biċċa ħobż b'xejn ma' tazza ilma.
"X'qed tiekol zi?" staqsejtha,
"Uuu kif ħadtli rasi dalgħodu Carm," u ziti Ċetta tellgħatni f'ħoġorha u ħatfitli wiċċi biex tbusni.
Dak iż-żmien ma kontx naf li z-zija Ċett bħala sagrifiċċju kienet tgħaddi l-jiem sħaħ bil-ħobż u l-ilma matul ċerti ġranet. U li meta kienet iżgħar kienet tilbes ħabel mimli għoqod ma' qaddha biex tpatti għal ħtijietha.

U sakemm għaddew xi tlett ijiem, jien u sejra l-Quddies kont nerġa' nġib quddiem għajnejja t-Tubru qed jistenniena. Min jaf x'kont stħajjiltu dak iż-żmien meta deherli għoli għoli, ħafna iżjed milli kien! Insomma lil ziti ma jidhirlix li staqsejtha darb'oħra, la dwar l-Għadam u lanqas dwar l-Irjus tal-Mejtin.

Imma kull darba li ltqajt ma' xi saram, dejjem ftakart fi kliemha dwar it-tbatija; fhimt kif il-ħajja għandha ħabta tiffurmak u tirfinak bħall-arġentier li b'ħafna daqqiet jirnexxilu jonqox u jżejjen l-oġġetti li jfassal; kellha raġun iz-zija Ċett.

MINN ĠOL-GĦAR

Kitba ta' Vanessa Fenech

Kien għadda minn għala widnejha li meta wieħed jidħol ġol-għar minnufih isib l-hena u l-paċi. Hekk hu! Kellhom raġun biex ibigħu. It-trejqa li twasslek ħdejn l-għar saret tafha b'għajnejha magħluqa għad illi kienet kemxejn imserrpa, imwarrba u mħarbta. M'għandniex xi ngħidu, kienu bosta dawk id-drabi meta rifset fuq xi żrara u għoddha ħaditha għal wiċċha. Madankollu qatt ma qatgħet qalbha għax bħal donnu hemmhekk biss kienet issib l-għaxqa tagħha.

Fil-fatt, kienet saret drawwa li darbtejn fis-sena żżur l-għar – fil-btajjel tas-sajf u f'dawk tax-xitwa. Xi minn daqqiet kienet tpoġġi bilqiegħda u tistenna fil-ħemda lin-natura tlissen xi kelmtejn. Ta' sikwit sabet ruħha tqabbel dik ix-xena mill-isbaħ ma' waħda minn dawk il-kartolini li tintbagħat mit-turisti. Fil-ġranet sajfin l-għar taha ftit tal-kenn mill-qilla tax-xemx. Minn hemmhekk setgħet tilmaħ il-baħar kajman jersaq bil-mod sabiex imelles dak ir-ramel dehbi. Minkejja li minn hemm fuq in-nies kienu jidhru qishom nemel, fil-bogħod setgħet tisma' l-ilħna tat-tfal huma u jaqbżu fil-baħar jew waqt li jibnu xi kastell tar-ramel. F'dan l-istaġun il-baħar kien ikun żejt u s-sema kaħlani kien iżewwaq ix-xena kollha. Barra minn hekk, fuq in-naħa tax-xellug tagħha kien hemm tapit ta' ħaxix aħdar. Min-naħa l-oħra, fil-ġranet xitwin dik l-istess xena kienet tieħu bixra oħra. L-għar kemm-il darba taha ftit tal-kenn meta kienu jinfetħu bwieb is-sema. Xi kultant ġisimha kien iqum xewk xewk meta tara xi mewġa titlewwem ma' oħra u flimkien jersqu bis-saħħa lejn ir-ramla. Kienet tistħajjel li daħlu għal xi ġlieda. Iżda wara ftit qisu qatt ma kien xejn, kienu jersqu bil-mod 'il barra sakemm jgħosfru għal kollox. F'dan iż-żmien tas-sena l-bajja kienet tkun baħħ. It-tapit ħadrani kien jispikka mhux ħażin, daqslikieku reġa' ħa l-ħajja.

Illum mgħobbija biż-żmien u minn staġun għal ieħor tittama li saqajha jkunu jifilħu jitħabtu sabiex jaslu sal-għar. Wara kollox ġawhra bħal dik ma kinitx se ssibha xi mkien ieħor. Mhux biss, id-dehra taż-żerniq u tal-għabex kienu jsaħħruha. L-ambjent naturali minn ġol-għar għaliha kien jidher minn taħt lenti differenti. Lenti li turi s-sbuħija tan-natura.



TRILOĠIJA FANTASTIKA MILL-PINNA TA' KIRSTEN SPITERI, Faraxa Publishing.

Kitba ta' Patrick Sammut

B'xorti tajba llum il-letteratura fantastika u fantaxjentifika fil-letteratura Maltija (bil-Malti u bl-Ingliż) qed titkattar aktar ma jgħaddi ż-żmien. Kirsten Spiteri huwa fost dawk il-kittieba li kkontribwixxew f'dan il-qasam. Huwa twieled fl-1987 u llum huwa awtur ta' erba' kotba għaż-żgħażagħ.

***THE WAVE* (106 paġna, 2016)**

Bl-ewwel ktieb tiegħu, *The Wave* (106 paġni, 2016), hu rebaħ il-Kategorija Young-Adult tal-London Book Festival fl-2017. Hawn in-narratur joħodna f'dinja post-apokalittika fejn ma fadal xejn ħlief ħafna baħar u ftit gżejjer wara gwerra dinjija li ġabet il-forzi tal-Istati Uniti u tal-Unjoni Ewropea fix-xejn. Fuq waħda minn dawn il-gżejriet niltaqgħu ma' Berk, tifel minn Malta, sopravissut u li ilu ħames snin f'din is-sitwazzjoni waħdu. Il-qarreja jiftakru fir-rumanz klassiku *Robinson Crusoe* ta' Daniel Defoe jew fil-film *Cast Away* li kien ħareġ fis-sena 2000 b'Tom Hanks bħala l-protagonist. Berk jirnexxilu jsib x'jiekol u x'jixrob, u jirbaħ is-solitudni billi jagħmel ħbieb mal-għasafar tal-baħar.

Wara snin jgħix waħdu Berk jittieħed biex jgħix f'Atlantis, soċjetà ġdida fejn l-uniku ikel disponibbli hu dak prodott artifiċjalment, m'hemmx pulizija, u għalhekk kull ċittadin għandu r-responsabbiltà li jara li jinżamm l-ordni. Bħal fir-rumanz ta' Aldous Huxley, *Brave New World*, anki hawn jeżistu bnedmin ta' klassijiet differenti, b'uħud igawdu iktar libertajiet u privileġġi minn oħrajn. Dawn iċ-ċittadini jakkwistaw aktar punti meta jirrappurtaw fejn ikollhom suspett jew jaraw xi nuqqas iseħħ, mela huwa inkoraġġut li tagħmilha ta' spija. Spiteri jġagħalna nirriflettu dwar soċjetà fejn la hemm ikel frisk u lanqas il-mużika li tpaxxi l-widna u r-ruħ.

Fil-ktieb hemm ukoll bħal elementi ta' natura morali, fosthom is-sens ta' altruwiżmu, il-lealtà, il-kelma għarfa u f'waqtha: "Do not judge the way by the few... The deadliest drug in the world is power." (p. 95) Hemm ukoll l-annimal li jasal biex jgħin lill-bniedem li rrispettah f'waqtiet ta' bżonn.

Fost il-mekkaniżmi letterarji li jitħaddmu hemm il-flaskbacks, biex nifhmu iktar x'wassal għas-sitwazzjoni attwali. In-narrazzjoni għaddejja l-ħin kollu, b'waqtiet ta' inċertezza li joħolqu ċerta tensjoni fil-qarrej, u oħrajn ta' tama li joħolqu sens ta' stennija. L-awtur idaħħal elementi narrattivi ġodda bħal perikli ta' natura ġeoloġika ħalli jżomm lill-qarrejja kurjużi dwar x'se jsegwi, filwaqt li t-titlu ta' kull kapitlu jindika bejn wieħed u ieħor x'se jseħħ. Il-kapitli jinqraw malajr, imma l-qarrej iħoss sens ta' tensjoni u urġenza jiżdied fih iktar kemm jimxi 'l quddiem f'dan ir-rakkont. Hemm ukoll waqt f'Kapitlu 9 meta bejn parti u oħra ssir qabża temporali ta' għaxart ijiem.

It-tmiem hu hieni għalkemm xi ftit imgħaġġel u bħal imħolli miftuħ għall-qarrejja biex jimmaġinaw huma x'se jseħħ wara. It-tmiem jorbot mal-bidu, ladarba fit-tnejn hemm l-idea taz-tsunami.

***FAR FROM HOME* (128 paġna, 2017)**

Din id-darba l-protagonist huwa tifel speċjali, Rob, li jaqa' ġo toqba li tittrasportah minn dinja għal oħra, mela minn post familjari għal wieħed mhux magħruf. Il-waqgħa ġġib amnezija f'Rob li jsib ruħu bħal ħuta barra mill-ilma, f'post fejn jitkellmu b'ilsien differenti.

Bil-mod il-mod il-qarrejja jindunaw li l-post fejn sab ruħu Rob hija Malta, waħda li tixbah ħafna lil tagħna ladarba jissemmew postijiet bħall-Buskett, Ħal Far, Għar Lapsi, il-Qrati fil-Belt, u s-Siġġiewi, u jissemmew aspetti oħrajn



bħall-ewro, TVM, l-immigranti illegali mill-Afrika, kunjomijiet Maltin, u t-*Times of Malta*. Hemm ukoll l-aspett soċjali: il-Maltin li jagħmlu muntanja minn żrara ladarba jivvintaw u jesaġeraw fejn m'hemmx ċertezzi; il-kurżità bla kontroll tal-mass media li lesti jiddeffsu fejn ma jesagħhomx.

Bil-mod il-mod nibdew ningħataw tagħrif dwar Rob: mhux ta' ġilda skura, xagħru twil, liebes ġakketta ta' materjal mhux magħruf, il-ġrieħi tiegħu jfiequ malajr, kapaċi jitgħallem lingwa stranġiera fi ftit sigħat, huwa ħabib tal-annimali u donnu jikkomunika magħhom, u ma jafdax lill-bnedmin għax minħabba l-ewwel kuntatt li jkollu magħhom jaħseb li kollha vjolenti, ma jikolx laħam, jifhem il-ħsibijiet ta' min ikellmu għalkemm mhux il-kliem, għandu talent artistiku avvanzat fl-iskultura fl-injam, u mhux familjari la mal-flus u mal-karozzi, u lanqas ma' kunċetti bħal serq, ħabs u gwerra. Toħroġ l-idea li d-dinja tagħna tista' tkun aħjar kieku neħilsu minn ċerti elementi negattivi li jeżistu fost il-bnedmin.

Dan kollu jwassal biex min isalvah jifhem li Rob mhux tad-Dinja, imma ġej minn dinja ħafna iktar avvanzata. Mill-ewwel joktru l-perikli minn min issusspetta dan u jixtieq jaqbdu. Anki hawn Spiteri jalterna bejn waqtiet pożittivi u ta' tama, u oħrajn ta' qtigħ il-qalb. Minkejja lejn l-aħħar tar-rakkont għal waqtiet jinħass li l-ħażen jista' jirbaħ, it-tmien huwa hieni u anki misterjuż: ħadd ma jaf x'seħħ mill-familja li għenet lil Rob.

***IN THE LAND OF MARIGOLDS* (128 paġna, 2019)**

F'dan ir-rakkont Spiteri jambjenta l-azzjoni f'żewġ spazji paralleli: hemm dak reali u magħluq, klawstrofobiku, fejn niltaqgħu ma' grupp ta' tfal f'Sala 6 tal-Isptar Mater Dei, mela fi żmien Malta kontemporanja, u dak fantastiku jew parallel fejn hemm il-ftuħ tan-natura tħaddar fl-aqwa tagħha. Il-protagonist hawn huwa Rick u huwa wieħed minn dawk it-tfal li fir-realtà jinsab ġo sodda u ma jistax jiċċaqlaq. Flimkien dawn it-tfal jilagħbu logħba ta' immaġinazzjoni li permezz tagħha jivvjaġġjaw 'il bogħod mill-għeluq tal-isptar u mit-tbatija fiżika li jinsabu fiha.

Kassandra, pazjenta oħra f'Sala 6, tesprimi x-xewqa li ssib ruħha f'post miftuħ fuq għolja mimlija fjuri. Rick bħal jirnexxilu jittrasferixxi jew jitteleporta ruħu verament fi spazju bħal dan u jibda jinnota kreaturi differenti: ġurat, siġar, għasafar, żwiemel. Dak li sa ftit qabel jidher biss fantasija jsir realtà hekk kif l-infermiera ssib lelluxa ma' dahar Rick, prova konkreta li la kien qed joħlom u lanqas jigdeb. Huwa hawn meta r-rakkont jakkwista d-dimensjoni fantastika u surreali tiegħu.

Hu mument maġiku meta Rick jitteleporta lil Kassandra fuq l-għolja mimlija lellux u jesperjenzaw għall-ewwel darba tlugħ ix-xemx. Hu f'dan l-ispazju fejn it-tfal ta' Sala 6 jibdew jagħmlu movimenti li qatt qabel ma setgħu jagħmlu.

Anki hawn Spiteri jalterna bejn waqtiet ta' tensjoni, inċertezza, biża' u stennija, u oħrajn ta' stagħġib, hena u mistrieħ, b'numru ta' cliffhangers f'tarf għadd ta' kapitli li jħallu lill-qarrejja maħsudin jew miklubin bil-kurżità. Hemm dejjem id-dubju jekk il-grupp ta' tfal jinstabx fuq l-istess dinja jew fuq pjaneta mbiegħda. Bħal fil-ħrejjef hawn jidħlu elementi bħall-mappa misterjuża, il-vjaġġ u l-ostakli li jridu jintrebħu, l-iskoperta ta' ħwejjeġ ġodda, u s-sens ta' affaxxinazzjoni. It-tmien hu mill-isbaħ u b'xi mod mhux mistenni. Hawn imgħoddi, preżent u ġejjieni isiru ħaġa waħda.





STORJA MEDIKA TA' MALTA, 2022, pp. xxi, 692, 18-il plejt. Traduzzjoni ta' Godwin Ellul, Faraxa Publishing.

Jikteb W.S.C. Copeman

Jidher sorprendenti li l-istorja medika ta' Malta, ġżira li bejn wieħed u ieħor hija tal-istess daqs tal-ġżira ta' Wight testendi, u bir-raġun, fuq 692 paġna. Dan il-volum ikopri f'dettall konsiderevoli l-istorja bikrija – li tixbah dik li kieku applikata lill-biċċa l-kbira tal-Mediterran – il-bixra tal-mard f'Malta, l-isptarijiet tagħha, l-evalwazzjoni tas-saħħa pubblika u s-servizzi soċjali, l-edukazzjoni medika, u l-aħħar parti dwar l-impatt taż-żewġ gwerer dinjija. Huwa frott il-ħidma ta' Dr Paul Cassar fil-librerija tal-Università Rjali ta' Malta, u fl-arkivji ta' din il-ġżira.

Forsi l-aktar taqsimiet affaxxinanti huma dawk li jittrattaw l-epoka erojka tal-Kavallieri ta' San Ġwann li ħakmu l-ġżira bejn l-1530-1798. L-Ordni Ospitalier tal-Kavallieri, kif kienu jsibuh oriġinarjament, twaqqaf mill-Papa Paskal II fi żmien il-Kruċjati biex jamministra u jħares l-isptar primittiv li kien twaqqaf f'Ġerusalemm minn ċerti negozjanti ġenerużi ta' Amalfi biex jieħdu ħsieb il-morda Nsara u l-fqar ħafna. Għalhekk l-Ordni kiseb iż-żewġ aspetti bħala korp militanti li r-riżorsi tiegħu aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar bdew jiġu użati kontra l-qawwa Iżlamika, u l-oġġettiv tal-fejqan tal-morda. Meta fl-1310 l-Ordni mar fil-ġżira ta' Rodi, inbena sptar ġdid illi kien ferm aħjar minn kwalunkwe ieħor li wieħed kien isib fl-Ewropa. Kien imqassam mill-aħjar, is-sodod tal-ħadid, bi spazju sodisfaċenti bejniethom, u dak li kien rari għal dak iż-żmien, kull pazjent kellu sodda għalih. Kemm it-tabib u l-kirurgu inkarigati kienu jżuru s-swali kull filgħodu u filgħaxija akkumpanjati mill-ispiżjar. Il-pazjenti kienu ta' kwalunkwe reliġjon, razza jew kulur.

Fl-1530 l-Ordni ġie Malta u wara l-Assedju l-Kbir tal-1565 huma bnew il-belt Valletta bħala ringrazzjament għall-qlubija u l-għerf tal-Gran Mastru tagħhom La Valette.

L-isptar il-ġdid tagħhom ta' Santu Spirtu kien anke isbaħ mill-ewwel wieħed, is-sala prinċipali tkun twila 500 pied, b'altar fil-qiegħ tagħha. Kull pazjent kellu loker fejn iqiegħed il-ħwejjeġ u l-affarijiet l-oħra tiegħu u kienu jippruvaw jikklassifikaw il-mard tagħhom. Huma kienu kkurati mill-Kavallieri u l-ajjutanti tagħhom, u kienu jagħtuhom jieklu ġo platti tal-fidda. Kien hemm xi swali sussidjarji, u kwartieri għall-istaff mediku u amministrattiv tal-isptar. Il-kap tal-isptar kien Kavallier importanti magħruf bħala l-Ospitalier, li bis-saħħa ta' statuti kien mistenni jonfoq il-flus bil-għaqal, imma li "jikkura lill-morda b'karità u ġenerożità, u ma jwarrab xejn li jista' jkun ta' ġid jew għar-ruħ jew għall-ġisem."

Dan kollu kien diġà wisq aħjar minn kwalunkwe ħaġa oħra li l-Ewropa kienet tgawdi minnha. Fil-fatt il-bqija tal-Ewropa kellha tistenna sa żmien Florence Nightingale.

L-Ordni kien għamel ukoll kodiċi dettaljat ta' liġijiet biex jissalvagwardja s-saħħa tal-komunità. Dawn kienu jinkludu proċeduri ta' kwarantina, notifikazzjoni ta' mard infettiv, kontroll tal-lebbra, dfin u regolazzjoni tal-professjoni tat-tobba, kirurgi u spiżjara. Dan kien amministrat minn Kummissjoni tas-Saħħa li kienet tinkludi erba' Kavallieri Gran Kruċ u żewġ Kavallieri li jaħdmu permezz tat-tabib ewlieni – *princeps medicorum* – li kien maħtur mill-Gran Mastru għal għomru.

Meta ntemmet l-epoka tal-Kavallieri li ċedew il-ġżira lill-Ġeneral Bonaparte kien hemm interrenju qasir sakemm l-Ingliżi ħadu f'idejhom l-amministrazzjoni u reġgħu waqqfu mill-ġdid l-Infermerija bħala sptar militari. Il-biċċa l-kbira tagħha kienet tfarrket bl-attakki mill-ajru tat-Tieni Gwerra

Dinjija.

L-edukazzjoni medika f'Malta bdiet bit-twaqqif fis-seklu 17 tal-Iskola tal-Anatomija mill-Gran Mastru Nikolas Cottoner għas-spejjeż tiegħu. Din żviluppat f'Fakultà tal-Mediċina meta twaqqfet l-Università fl-1771, l-istatuti kienu bbażati fuq dawk ta' Bolonja.

Il-Franċiżi eradikawha, imma malajr reġgħet twaqqfet mill-ewwel Gvernatur Ingliż fl-1800, u baqgħet tikber sa minn dak iż-żmien.

Il-mediċina xjentifika f'Malta ssib l-aktar parti importanti tagħha fl-identifikazzjoni tal-Bruċellosi jew aħjar il-Malta Fever minn Sir David Bruce fl-1886, u fl-iskoperta tal-Professur Sir Temi Zammit fl-1905, li l-mogħża kienet il-kaġun tal-marda.

F'dan il-ktieb insibu dettalji tal-istituzzjonijiet u servizzi mediċi, soċjali u amministrattivi li kellhom impatt fuq is-saħħa pubblika ta' din il-gżira ċkejkna. Dan kollu huwa miktub bi stil, kif jgħid l-awtur fid-daħla tiegħu, b'mod li jinqara minn kulħadd. Dan huwa meqjus bħala x-xogħol definittiv tal-istorja medika ta' Malta.

(Din ir-reċensjoni ġiet tradotta minn Godwin Ellul. Oriġinarjament dehret fil-Cambridge Journals Medical History 10(2): 209-210, fl-1 t'April, 1966; u ġiet ippubblikata online minn Cambridge University Press, nhar is-16 t'Awwissu, 2012.)

IL-VARA

Ċapċpuhielha, ħierġa serja
mill-bieb kbir fuq l-ispallejn;
hemm mijiet jistagħġbu biha
bid-dmugħ ħiereġ mill-għajnejn.

Biċċa siġra saret mara
u laqgħuha l-qaddisin,
muta jekk mhux nofsha mejta
fuq reffiegħa għajjenin.

Fit-triqat għaddejja hienja
tħares 'l isfel fuq in-nies;
min ipaċpaċ, min jitbissem,
min ibus u min ġa bies.

Bil-musketterija tagħti,
għaġeb tal-għeġubijiet,
b'dawk il-bombi illi issa
qed irogħdu lis-smewwiet.

X'gost qed jieħdu, jien nistħajjel,
dawk il-ħafna qaddisin
illi għuda pinzellata
qed tiskonġra lill-ħatjin!

Il-kampnari sikktu 'l-qniepen,
jien meċlaqt l-aħħar pastizz;
l-għuda mqaddsa ġa bdiet thewden
b'pedestal ġdid u mastizz.

KARMENU MALLIA

ĦAJKU

Tixri qabar ġdid
biex tgħid għandek xi ħaġa,
li ma tgawdi qatt.

Xejn tħabbel moħħok
kemm se jiswa l-funeral,
il-kont mhux għalik.

Fqir jifraħ bil-ftit,
l-għani, li għandu ħafna,
qajla jaf xi jrid.

Il-bieraħ għexnieh,
illum rajnieh jitwieled,
għada ma nafux.

Xejn ma jbeżżagħni
minn kliem id-dizzjunarju,
ħlief ... eternità.

Il-ħbiberija,
hi xhieda ta' qalb li tħobb,
mingħajr barrieri.

L-imħabba sħiħa,
sabet il-milja tagħha,
fuq il-Kalvarju.

CHARLES MIFSUD

ĦAJKU MILL-POLONJA

Fil-bogħ'd muntanji:
fiċ-ċpar jilagħbu noli,
qċaċet 'puntati.

F'ringieli d-djar
imtarrġa f'armonija
m'ommna n-Natura.

It-tfief żeffiena
fuq dah'r kurrenti msaħħra,
arahom jirkbu.

Ħdura fis-sajf,
bjuda fil-ksieħ tax-xitwa.
Staġuni mlewna.

Għaxar sulari,
mhux ta' konkrit u ġebel,
imma ta' siġar.

Djar, iġbla u siġar
kollha għamlet trijanglu,
ħarsthom fil-għoli.

Il-ferrovija
f'koppja max-xmara timxi
bejn belt u oħra.

Siġar u bniedem
id f'id iġarrbu l-ħajja
'lkoll f'armonija.

Fil-gallarija
anzjana taqra ktieb
għad-dell tal-għodwa.

L-irħula hienja
lebsin mantar ta' ħdura
misqija bl-ilma.

PATRICK SAMMUT

TELEFONATA

Kitba ta' Victor V. Vella

Hello, jiena s-sindku u ilNi nixtieq inkellmek.
Ippruvajt narak għall-festa imma taf int kont busy...
Ħa ngħidlek: int għadek toqgħod f'numru 50 Triq Ħarruba hux veru?
Iva iva naf... kollox sew...
Iva kienet Triq San Gużepp imma issa..
Le le biex inkun żgur...
U iva kien biddilha s-sindku l-ieħor .
Issa ilha erbat ijiem xi tgħid....
Ħalli nistaqsik ħaga, ħalli ma nżommokx!
U fit-tieni sular għandek gallerija tal-injam,
sabieħa ferm hux hekk
Iva... iva naf li antika u kienet isbah iva iva...
għalhekk qiegħed inċempillek.
Mhux dak is-sabiħ tagħha!..
B'dik l-iskultura tal-injam fin li kien fiha
u tajba wkoll għax tkabbar kamra
u iva... tagħlaq nofs it-triq...
Imma m'hemmx x'tagħmel!
Tajjeb... tajjeb
Hekk naħseb li se taqa' għax mejta għal naqra żebgħa sewwa sewwa qiegħed tgħid...
Iżjed minn passata waħda...
Ħa ngħidlek li ma nafx tafx imma bħalissa hawn moviment biex inżommu u nippreservaw l-antik.
Naħseb dik għandha tmenin sena xi tgħid?
U żgur li ma tafx eżatt.
Ma jimpurtax. Ismagħni sewwa
li kont se ngħidlek qabel ma qtajtli ...
u iva nifhmek... kont se ngħidlek
li nistgħu nieħdu passi biex nirranġawha .
Kif konna nippassiġġaw
jien u s-sur Camenzuli lejliet il-festa...
Le le jiġi avolja busy għall-mewt zoptu
Iżjed u iżjed li issa ddeċieda fl-aħħar li joħrog għall-elezzjoni...
Iva iva u qalli ara tista' tapplika biex tieħu grant... somma ġmielha
ħalli tippreservaha u ġġibha ġdida.
Għajb jaħasra tħalliha taqa'...
Ħa ngħidlek timla u ssebbaħ triq.
Le le ħalli kollox f'idejja u ħa ngħidlek
is-Sur Camenzuli minn tagħna ferm
iva jaħdem mal-perit li hu in charge mill-flus tal-grant.
U le għal hekk taħseb xejn
nirranġaw... nirranġaw. Ħalli f'idejja.
Le le kif tkun lesta niġu
nieħdu żewġ ritratti ftit qabel l-elezzjoni.
Int tidħol ukoll u tista' ddahhal lis-sinjura...
u... ġewwa x-xilep...
Hello, hello għadek hemm Sur Sindku?
Grazzi grazzi ferm ta din l-offerta...
aħna tar-raħal ma nkunux nafu b'kollox ... Taf x'kont se ngħidlek .
Kieku sewwa kieku jkolli gallerija ġdida li ssebbaħ it-triq u... id-dar.
Imma ngħidlek wahda, Sur Sindku...
Mhux il-gallerija biss trid passata żebgħa:
id-dar se taqa'!



JIENA, KELINU VELLA HABER U N-NADUR

Jikteb Mario Saliba

Permezz ta' din il-kitba, IL-PONT qed ifakkar lil dan il-personaġġ importanti ħafna fl-istorja tal-ilsien Malti proprju għax twieled fl-1 ta' Ottubru 110 snin ilu.

Naħseb li wieħed mill-iktar ulied denji tan-Nadur huwa l-Baruni Kelinu Vella Haber li ma jħallix okkazjoni biex jistqarr li huwa Naduri. L-aħħar darba li ltqajt mal-Baruni kien fis-sajf tas-sena 2005 meta rajtu b'kumbinazzjoni waqt passiġġata qrib id-dar tiegħu 'Ortygia' fil-Qala. Sa dak in-nhar kont nafu biss mill-ittri li konna niktbu lil xulxin. Wara li identifikajt ruħi daħħalni għandu u flimkien ma' martu Karmena laqgħuni u domt madwar siegħa fil-kumpanija pjaċevoli tagħhom. Spiċċa biex irregalali l-ktieb dwar ħajtu u ħidmietu: *Kelinu Vella Haber – Ħidmietu u l-Moviment tal-Malti* (2003) li kiteb Paul P. Borg. Jiena tlabtu jiffirmahuli u peress li kelli l-kamera tar-ritratti, li nħobb iġorrha miegħi biex nieħu xi ritratti tal-kampanja, ħadtlu ritratt. Qabel ma tlaqt reġa' stedinni biex meta nkun 'l hemm ngħaddi. Xi jiem wara jiena erġajt għaddejt għand il-Baruni u martu. Urejtu r-ritratt li kont ħadtlu u biex jiċċajta qalli li meta Karmena tarah terġa' titħajjar tiżżewġu. Erġajt qattajt siegħa nitkellem magħhom u l-kliem waqa' fuq l-imgħoddi u t-trobbija tagħhom u fuq il-vjaġġi li kienu jagħmlu barra. Innotajt kemm għadu f'saħħtu minkejja li kien ser jagħlaq 92 sena. Jien kont bqat inżuru xi kultant għax wara kull żjara kien jistendinni biex nerġa' mmur. Il-kliem bħaċ-ċirasa, kelma ġġib lill-oħra, u l-ħin jgħaddi u mhux l-ewwel darba li jkunu għaddew siegħa jew tnejn nitkellmu u hu jirrakkonta mill-passat u l-esperjenzi tiegħu. Kien iħobb jgħidli: "Żmien għandi, imma ħin m'għandix!" Il-memorja tiegħu għadha ċara u l-entużjasmu tħossu ħiereġ ma' kull kelma li jgħid. L-għerf naturali li kellu jsaħħrek u kull kelma li jlissen fiha x'tifhem.

Kelinu Vella Haber huwa patrijott li ħabb lil raħal twelidu b'imħabba naturali u wara ħabb ukoll lil pajjiżu u lill-ilsien Malti. Huwa ħadem bla heda biex ixerred l-użu tal-Malti fost il-poplu Malti speċjalment fost iż-żgħażagħ ta' żmienu billi ma' oħrajn ħoloq il-Moviment tal-Malti u għal ħafna snin kien attiv f'dan il-Moviment. Minn dan il-Moviment ħarġu numru ta' kittieba li għamlu ġieh lill-Malti. Fosthom kien hemm it-Tabib Gużè Bonnici li missieru kien min-Nadur. Għal xi sena jew tnejn meta Ġużè kien għad għandu 11-il sena, il-familja Bonnici kienet tgħix fin-Nadur u Ġużè kien jattendi s-Seminarju Minuri fir-Rabat t'Għawdex. Tant hu hekk li nsibu dokumentat li t-tfajjel Ġużè Bonnici kien marad bl-influwenza Spanjola li ħakmet fl-1918-19. Skont Kelinu, Guże Bonnici ma tantx kellu relazzjonijiet man-Nadur fis-sens soċjali, ta' kitba jew affarijiet ta' importanza meta kiber. Hu qatt ma semma n-Nadur meta kien jiltaqa' ma' Kelinu, imma dejjem kienu jitkellmu fuq l-ilsien Malti. Kelinu qalli li t-tabib kien jilbes kappell (lobbja) bil-faldi aktarx kbar. Kien ta' karattru ma huwa kburi xejn li xejn, u kellu mħabba kbira għall-ilsien Malta tant li waqqaf stamperija jisimha Excelsior biex jistampa l-kotba bil-Malti. Skont Kelinu, Ġużè Aquilina kien stampa edizzjoni limitata tar-rumanz *Taħt Tlett Saltniet* f'din l-istamperija barra l-edizzjoni li stampa fil-Lux. Ġużè Bonnici, flimkien ma' oħrajn fosthom Rużar Briffa, Ġużè Chetcuti, u Ġużè Aquilina, waqqfu l-Għaqda tal-Malti (Unversità). Kelinu qalli hekk: "Issa, fl-Università ġa kien hemm Għaqda għall-Ingliż u Għaqda għat-Taljan, imma l-Għaqda għall-Malti... dik sabet oppożizzjoni kbira. Lanqas biss setgħet tagħmel il-laqgħat tagħha ġewwa l-konfini tal-Università. Il-mibegħda li kien hemm għall-Malti kienet xi ħaġa tal-għaġeb." Kelinu qalli li ma jafx x'kien wassal għall-mewt bikrija ta' Ġużè Bonnici ta' 33 sena, imma kienet għal għarrieda. Huwa kien jaf ukoll lil ħuh Johnnie, li kellu ħanut tal-kafè l-Belt ħdejn it-Teatru Rjal. Skont Kelinu kellu ħuh ieħor li kien tabib joqgħod Ta' Xbiex. Dawn it-tnejn ukoll mietu bla ma xjaħu.

Kelinu Vella Haber kien iħobb ukoll in-natura u l-ambjent iżda fuq kollox lin-nies li kienu jaqilgħu l-għejxien tagħhom mill-ħidma fir-raba' u l-irziezet tagħhom. Kelinu kien jgħallimhom, jgħinhom u jaqbeż għalihom quddiem l-awtoritajiet tal-pajjiż meta jkollhom xi diffikultà jew meta jara li d-drittijiet tagħhom qegħdin ikunu mittiefsa. Kien espert fil-ħxejjex mediċinali u dam jikteb dwar l-agrikultura u l-ħxejjex mediċinali fil-gazzetta 'It-Torċa' kull ġimgħa għal snin sħaħ.

Kelinu kien it-tielet wild fost tmien aħwa. Huwa twieled fl-1 ta' Ottubru 1913. Missieru, Luċju kien min-Nadur bin Karmena Haber u Pietru Vella għalhekk il-kunjom Vella Haber. Bħal ħafna irġiel oħra min-Nadur, missieru kien isiefer ta' spiss lejn Marsilja, Tunes, l-Eġittu, il-Greċja u postijiet oħra fuq il-vapuri. Minn korrispondenza personali li kelli ma' Kelinu hu jiftakar li f'xi l-1922-23 meta huwa kien għad għandu 9 jew 10 snin missieru kien jieħdu miegħu Malta bid-dgħajjes tal-latini u kienu jorqdu l-British Hotel f'kamra li tiġi tħares fuq il-Port il-Kbir u minn hemm jiftakar dehra imprezzabbli ta' kif kien il-port dak iż-żmien.

Ommu, Anna Buttigieg kienet mill-Qala, mara twila mill-Kunċizzjoni. Kif naqraw fil-*Folkdrama Nadurjana* (1988) ommu lill-Kapillan tan-Nadur, Dun Ġużepp Haber, qatlu dwar Kelinu: "Fin-Nadur ġejt konċepit,... ħalli l-muża tgħix ġo fik." U l-kappillan wieġeb: "Ann! Minn fommok għal fomm Alla! Minn qiegħ qalbek għall-Mulej. Il-musbieħ li nxtegħel inewnem, ħafna għad jiddi għalli ġej!" Meta Kelinu kien tarbija kien inkwieta mhux ftit lil ommu għax dam ma telaq jimxi. Ommu kienet taħdem il-bizzilla biex taqla' l-flus biex bihom tixtri ż-żejt tal-ħuta biex tidilku bih. In-nies kienu jgħidulha. "Dak kollu ta' xejn. Dak mhu se jimxi qatt!" Omm Kelinu rebħet għax Kelinu mexa ta' erba' snin. Minn

dak in-nhar qatt ma ħares lura u dejjem kien f'saħħtu! Martu qatli li Kelinu kien ilu jgħid li "sa jmut" daqqa ta' tletin sena! Huwa biex ikompli biċ-ċajta qalli li avolja ma kienx kunjomu Sammut xorta kien jgħid li huwa 'sa(j) mut'.

Il-familja ta' Kelinu kienet toqgħod Nru 2, ġo Sqaq fi Triq It-Tramuntana. Illum din id-dar ma għadhiex teżisti. Huwa attenda l-iskola tal-Gvern fin-Nadur u spiċċa l-ħames sena meta kellu xi tnax-il sena għall-ħabta tal-1925. Wara l-iskola tal-Gvern kien qatta' xi sena jattendi s-Seminarju. Peress li ma kienx hemm mezzi ta' trasport kien kera kamra r-Rabat flimkien ma' xi erbgħa oħra min-Nadur. Il-kamra li kienu jgħixu fiha kienu jgħidu li kien fiha l-ħares. Darba minnhom f'nofs ta' lejl wieħed minn sħabu qam jgħajjat li l-ħares kien qed jiġbidlu siequ. Huma kollha f'daqqa ħarġu jiġru barra kif kienu bil-qalziet ta' taħt. Barra kienet il-kesħa u kienet nieżla x-xita. Kelinu qalli li huwa baqa' xi xahrejn mgħaxxex wara din l-praspura! Wara s-Seminarju dam sentejn wieqaf mill-iskola u kien ġej u sejjer Malta minħabba li ħutu kellhom ristorant il-Belt magħruf bħala r-ristorant Ta' Eċċellenti. Minkejja li kien ikun Malta ta' spiss u, iktar tard mar anke jgħix Malta minħabba l-istudju, huwa baqa' jħobb lil Għawdex b'mod speċjali lin-Nadur. Il-ġibda ta' Kelinu lejn art twelidu ma ġietx biss mit-tagħlim u mill-qari, iżda kellha l-bidu tagħha fl-imħabba lejn in-natura. Reġa' beda jitgħallem il-Latin u fl-1928 daħal is-Seminarju t'Għawdex għall-ewwel sena skolastika. F'Ottubru ta' dik is-sena stess daħal il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti Birkirkara. Sa l-1933 baqa' jistudja f'San Alwiġi u wara tela' Sant'Agata r-Rabat biex jagħmel kors ta' sena novizz mas-soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Wara għamel kors ta' sentejn studji superjuri, filosofija, storja, u letteratura fil-Kulleġġ tal-Agostinjani r-Rabat. Huwa ħareġ mis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fil-1936 meta sab ruħu mill-ġdid il-Belt.

F'dak iż-żmien ta' qabel il-gwerra x-xogħol ma kienx skars. Meta bdiet il-gwerra Kelinu sab ruħu n-Nadur mill-ġdid. Minkejja dan huwa beda jinteressa ruħu fit-trejdjuniżmu u sar segretarju tal-Għaqda tas-Sigarettiera li kellha xi problema mal-Gvern. Dak iż-żmien kellu 27 sena u ma kellux paga minn dan ix-xogħol. F'Għawdex, Kelinu sab li kien hemm telqa kbira, moral imkisser u ħadd ma jrid jagħmel xejn. Ħadd ma jiċċaqlaq biex ikun aħjar u ħadd ma jitkellem biex lir-raħħala, lill-bdiewa u lis-sajjieda, li kienu l-uniċi xogħlijiet tal-Għawdxin, jagħtihom għajxien aħjar. F'dan iż-żmien Kelinu kien ħerqan biex iħares madwaru u ma jħallix lil min kien lura jibqa' lura. Ħass li għalkemm ma kienx jaħdem seta' juża t-tagħlim li kien ħa biex lil dawk ta' madwaru, ħutu Għawdxin, jaqlagħhom mill-ħama li kienu mgħaddsa fiha bla ma kienu jafu. Huwa fehem mill-ewwel li biex jagħmel hekk kellu jimxi kontra l-kurrent iżda huwa ma qatax qalbu.

Il-bdiewa u s-sajjieda Għawdxin mill-ewwel sabu għajnuna mingħand Kelinu Vella Haber billi dan kien jitkellem għalihom mal-awtoritajiet meta kien ikollhom xi kwistjoni. Fl-ewwel xhur tas-sena 1942, meta Malta kienet fl-eqqel tal-gwerra, kien inqala' l-inkwiet bejn il-bdiewa Għawdxin u l-padruni tad-dgħajjes t'Għawdex billi dawn tal-aħħar ma ridux iġorru l-prodotti agrikoli lejn Malta. Meta dawn irrikorrew għandu huwa mill-ewwel kiteb petizzjoni lill-Gvernatur Lord Gort f'isem il-bdiewa. Issa l-bdiewa raw il-ġenwinità ta' Kelinu u ngħaqdu f'għaqda biex ikunu jistgħu jiddefendu l-interessi tagħhom aħjar. Għalhekk il-bdiewa kellhom ħafna rispett lejn Kelinu u kienu joqogħdu għall-parir tiegħu. Dan deher ċar meta l-Gvernatur ried jiġbor il-qamħ mingħand il-bdiewa għax f'Malta kien hemm nuqqas ta' ikel. Il-bdiewa ma kinux lesta li jagħtu mill-qamħ tagħhom mill-ewwel, iżda bl-insistenza ta' Kelinu l-bdiewa tan-Nadur b'mod speċjali, ikkontribew u ngħabar ħafna qamħ.

Kelinu Vella Haber

Ħaġa oħra ta' fejda li l-Gvernatur ħalla f'idejn Kelinu Vella Haber kienet it-tħaffir tax-xelters għan-nies tan-Nadur. Meta bidet il-gwerra n-nies tan-Nadur ma kellhomx xelters fejn jiskennu mill-ħbit tal-għadu. Kelinu insista mal-Gvernatur biex anke fin-Nadur ikun hawn numru ta' xelters. Wara li dawn ix-xelters tħaffru Kelinu sar il-bniedem inkarigat minnhom u kien jissejjaħ Shelter Warden. Xogħlu propju kien li jara li x-xelters jinżammu nodfa u kollox ikun fil-ordni.

Kelinu waqqaf ukoll Ix-Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti-Nadur. Kien hemm diversi persuni jaħdmu minn qalbhom fil-għaqda matul is-snin kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, iżda x-Xirka tan-Nadur ta' Kelinu kienet dik li b'mod mill-aktar attiv impenjat ruħha bis-sħiħ fis-soċjetà ta' dak iż-żmien. L-ewwel Kumitat tax-Xirka tan-Nadur fl-1940 kien magħmul minn Ġiġa Portelli, Miss Abela, Patri Pawl Tabone OFM li wara sar Professur u membru tal-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti, in-Nutar Ġużeppi Cauchi, Joseph Trevisan u Kelinu Grima, li llum kulħadd jafu għall-opra li wettaq bil-Mużew Marittimu fin-Nadur. Permezz tax-Xirka huwa kien iħajjar żgħażagħ oħra biex jiktbu bil-Malti u jorganizza attivitajiet kulturali b'risq il-Malti. Kien ukoll jikteb lill-Gvernatur biex jinbidlu l-ismijiet tat-toroq biex jidħu bil-Malti. Kelinu Vella Haber kitibli hekk dwar din l-inizjattiva. "Il-mibegħda li kien hawn għall-Malti kienet xi ħaġa tal-għaġeb. Jiena għalhekk fl-1940 waqqaft ix-Xirka tal-Malti (Nadur). In-Nadur ma kien hemm, assolutament, ebda inizjattiva meta mort jien fil-gwerra! Malli wasalt hemm u rajt il-ħajja kif kienet, qabadni t-tferfir. Jiena kont qisni għadni ħiereġ mill-kulleġġi u ridt inqajjem mhux biss lil min kien jifhem imma lill-poplu kollu. U hekk għamilt." Il-Moviment tal-Malti li wara twaqqaf f'Malta ħareġ mill-idea tax-xirka li kien beda hu fin-Nadur.

Fl-1943 reġa' beda jgħix Malta. Hemm baqa' għal ħafna snin wara li kien beda jaħdem, iżżewweġ u rabba familja. Minkejja li kien bogħod min-Nadur baqa' jħobb lil raħal twelidu b'imħabba għamja. Huwa wera l-imħabba li kellu lejn in-Nadur permezz tal-kitba tiegħu. Huwa kiteb diversi poeziji u ballati fuq l-istorja tan-Nadur, il-ġmiel naturali tan-Nadur u fuq it-tempju monumentali tiegħu. Kelinu Vella Haber ħareġ minn qalbu l-għanja li sejħilha:

IL-BAJJA TA' SAN BLAS

Tħaddan San Blas Naduri
Miġriet u oqsma, baħar, ġonna w fjuri
Bl-għelejjel San Blas tagħna
Matul l-erba' iġmna jfawwar kullimkien
Is-swieq tal-gżejjer tagħna bih mimlija
Moħbi f'seħer tal-ilwien.
Wil-baħar ħlejju tiegħek
Biż-żgħażagħ jiżgħed matul il-jiem tas-sħana
Tfajliet imfantsa jiġu jirkbu mwieġek
Fuq ruħhom u ferħana.
U ħajtek tal-imgħoddi
San Blas hi s-sebħ wil-kobor tan-Nadur
Int kont qalbieni w xhieda ta' qlubija
Minnek għal dejjem tfur
San Blas nitgħaxxaq bik
Seħer-il ħajja nsibu kollu fik!

Ċerti frażijiet popolari, anke llum fid-diversi websites fuq in-Nadur, bħal "Nadur – City of the Raising Sun", huma maħluqin minnu. Fil-fatt permezz ta' poeżija bl-Ingliż bl-istess isem huwa kien rebaħ il-premju "Cristoforo Colombo D'Oro" mill-belt ta' Acireale fi Sqallija fl-1992. L-aqwa xogħol tiegħu hija l-poeżija "Folkdrama Nadjurjana" (1988) li fiha jirrakkonta f'versi Maltin il-mitoloġija u s-saga ta' poplu ċkejken fil-għadd imma kburi li twieled u għammar l-Għolja tan-Nadur. Ta' din il-poeżija fl-1991 huwa kien rebaħ ix-Scettro D'Oro fil-XXV Konkors Internazzjonali mniedi f'Napli mill-Akkademja ta' Pontzen. Araw l-imħabba lejn il-festa tan-Nadur fil-versi tal-poeta tagħna:

Ejjew, ejjew, għarajjes
għall-festa tan-Nadur
din hija l-ikbar festa
tal-kotra tal-Għawdxin
għax jekk ma nagħmlux festa
Apollo żgur jirrabja
Jaħbilna x-xemx u tikfes
Imbagħad isaltnu fuqna
l-għefiered mudlamin!

Anke radjurammi fuq sfond storiku kiteb u fihom ma jonqosx li jdaħħal l-istorja tan-Nadur. Huwa kien anke ħeġġeġ u għen lill-Kanonku Dun Karm Caruana, delettant tal-istorja u patrijott ieħor, biex jikteb l-istorja tan-Nadur u tal-knisja parrokkjali. Ta' min isemmi wkoll l-Oratorju ta' 650 vers li kiteb għat-triċentinarju tal-parroċċa tan-Nadur fis-sena 1988. Kelinu Vella Haber bħala rikonoxximent tax-xogħol tiegħu fil-qasam soċjali u fil-Moviment tal-Malti ngħata Ġieħ ir-Repubblika (1977) u għamluh Membru tal-Ordni tal-Mertu tal-Komunità tal-Ewropa. Bħala rikonoxximent tal-imħabba tiegħu lejn in-Nadur ingħata "Ġieħ in-Nadur" mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fil-1997.

Kelinu Vella Haber li kien iħobb l-ilsien Malti qabel kollox jibqa' dejjem marbut mar-raħal tan-Nadur permezz tal-kitbiet tiegħu li juru mħabba kbira u patrijottiżmu qawwi lejn raħal twelidu. Kelinu Vella Haber miet il-Ġżira Malta, fejn kien jgħix, fit-28 ta' Jannar 2014, fl-għomor ta' mitt sena.

Dr Mario Saliba

ISPIRAZZJONI TAR-RUĦ FEMMINILI

Tikteb Yana Psaila

Ir-rwoli tal-ġnus f'diversi kulturi tad-dinja għandhom id-differenzi tagħhom, iżda hemm ukoll xi xejriet komuni u jkunu soġġetti għall-bidla mal-iżvilupp tas-soċjetà. Għalhekk, in-norma soċjali naturali għal ħafna kulturi moderni, inklużi dawk Slavoniċi, hija l-kontribut attiv u produttiv tan-nisa fil-qasam letterarju. Pereżempju, kważi kull poplu Slav jista' jsemmi l-poetessa prominenti tiegħu: is-Serbi - il-poetessa lirika Desanka Maksimovich; l-Ukreni - Lesya Ukrainka, li saret "l-ewwel poetessa tad-dinja Slavonika, u li laħqet l-ogħla livell epiku fix-xogħlijiet letterarji tagħha"; ir-Russi - Anna Akhmatova, waħda minn dawk li "ffurmaw il-lingwa poetika tas-seklu sħiħ"; il-Pollakki - Wislawa Szymborska - rebbieħa tal-Premju Nobel fl-1996, u li għandha "l-irwol tal-matrijarka tal-poeżija moderna Pollakka."

Naturalment, l-ismijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jservu biss bħala l-bidu ta' lista twila ta' kittieba nisa famużi u rinomati minn pajjiżi u popli differenti. Imma hawnhekk nixtieq niffoka fil-qosor fuq ix-xogħol u d-destin tar-rappreżentanta tal-Belarussja - Yevgenia Yanishchits, li isimha sar "wieħed mis-simboli tal-poeżija Belarussa." Fl-2023 jiġi ċċelebrat il-75 anniversarju ta' din il-poetessa.

Evgenia twieldet fl-20 ta' Novembru tal-1948 fir-reġjun ta' Brest tal-Belarussja. Iggradwat mill-Fakultà tal-Filoloġija tal-Università Statali tal-Belarussja. Kienet taħdem bħala editriċi tat-taqsima tal-poeżija tar-rivista 'Maladost'. Ippubblikat l-ewwel poeżiji meta kienet għadha studenta tal-iskola. Imbagħad maż-żmien ħarġu erba' ġabriet poetiċi tagħha. Il-poeżija ta' Evgenia Yanishchits saħansitra ġiet ippremjata. Hija saret ir-Rebbieħa tal-Premju Lenin Komsomol u l-Premju Letterarju Statali ta' Yanka Kupala.

Meta kienet għadha fil-bidu ta' żgħożitha, Evgenia kitbet dawn il-versi: "Għandi biss sittax-il sena, sittax-il rebbiegħa sabiħa, se jkun hemm għoxrin, u se jkun hemm ħamsa u erbgħin rebbiegħa...". Iżda l-poetessa żagħżugħa kienet żbaljata: ma għexitx sal-45 sena. Mietet traġikament f'Novembru tal-1988...



Evgenia Yanishchits.

Illum il-ġurnata l-librerija ċentrali tal-belt ta' Pinsk hi msemmija għaliha. Waħda mit-toroq ta' din il-belt ukoll ġiet imsemmija għal din il-poetessa. U fl-iskola fejn studjat Evgenia nfetaħ mużew letterarju. Imma l-memorja ewlenija tinsab fil-poeżija tagħha, li hija tassew tal-poplu, lirika u mnebbħa filosofikament. Fiha, kif qal il-poeta Boris Pasternak, "il-ħamrija u d-destin jieħdu n-nifs." Nistieden lill-qarrejja biex jiffamiljarizzaw ruħhom ma' żewġ xogħlijiet ta' Evgenia Yanishchits.

INĦOBBKOM

M'għandix lil min se ngħid "inħobbkom"?
Fl-imħabba jien ma nitfixkilx sal-mewt:
Inħobbkom, ja foresti u għelieqi,
Raħal qadim u kapitali ġdida.

Inġorru aħna f'qalbna ferħ u dnubiet,
U niftħu b'sens ta' rebħa l-ġwienaħ tagħna,
Inħobbkom jien, ja toroq tal-patrija,
Niftakar fikom, ja oqbra minsija!

Naf żgur: ma għextx jum ieħor għalxejn,
Meta ninkwieta, nitnikket,
Meta quddiem il-ħajt tal-kolumbarju
Jien stess insir bħal ħajt abjad bil-biża'.

Il-pjanti, l-arbuxelli - dawk it-tfal tiegħi, il-bosk - ħabibi.
Se ddejqek ix-xitwa iżda s-sajf iferrħek.
Inħobbok, ja moħriet antik,
U lilek, rokit, fl-ispazju li jwerwrek.

Inħobbkom, ommijiet bix-xagħar bajdani,
Li għadkom iġġarrbu n-niket għal uliedkom,
Nistħajjilkom kollha kontinenti
Li jridu paċi fuq l-pjaneta sħiħa.

LEJN IL-VUĊI TAL-LIRA

U kull ġurnata tkun dagħbien b'saħħtu
Ta' stagħġib, ferħ u taħbit.
Imma jien dejjem nimxi lejn il-vuċi tal-lira,
Fejn kollox ikun vjaġġ tal-fantażija.

Ta' min jgħir għalih, id-don ta' kull poeta
Li jaf jinseġ xbieha mir-raġġi inviżibbli,
U jiskot fi tmiem is-sajf
Ħalli mbagħad jirxoxta fil-kelma ħielsa!

Għadhom jixegħlu u jteptpu
Kostellazzjonijiet ta' lealtà 'l fuq mill-għelieqi...
Ma jimpurtax li r-ragħad iriegħed
U jqalleb mill-qiegħ triqti.

Imma l-għanja tal-ġwienaħ tal-imħabba
Tgħanni ferħana anke l-għaks...
O ħajti, inti hemm, fi tmiemek,
Tkun kollok vjaġġ misterjuż!

(Traduzzjonijiet għall-Malti minn Yana Psaila)

Il-monument iddedikat lil Dun Karm Psaila li hemm fil-Furjana

Ix-xahar ta' Ottubru huwa x-xahar li jfakkarna fil-Poeta Nazzjonali, Dun Karm Psaila, ladarba twieled fit-18 ta' Ottubru 1871 u miet fit-13 ta' Ottubru 1961, ħamest ijiem qabel ma għalaq id-90 sena. Dun Karm kiteb mijiet ta' poeżiji u innijiet li ttrattaw tista' tgħid kull qasam tat-tiġrib uman.

ATEIŻMU

Tnisslet - mingħajr ma ntebaħ -
f'qalbu mħabba ħażina:
kibret biż-żmien, ħakmitu,
għax... sabha ħelwa u bnina.

'Mma bejnu u bejn imħabbtu
indaħal il-Jedd t'Alla;
qalbu xtaqet tinqasam...
ħsiebu jniżżel u jtalla'!...

Bdew is-sigħat ta' dwejjaq,
minn qalbu tar is-sliem...
Jedd Alla fuqu jaħkem,
ħares qalil bla kliem.

Baża'; xtaq jerġa' lura ;
imħabbtu ma tatux:
xtaq li ma ġiex fid-dinja....
jew li Dawl ma kellux...

Iżda... hemm kien... u b'fehmtu,
raġel fil-għaqal tiegħu;
irsir ta' mħabba kiefra,
Alla miġġieled miegħu...

"Oh li kont nista' neħles
minn dan il-ħsieb qalil!
Xi ġmiel ta' mħabba! X'hena
ta' ħajja bla tfixkil!...

U kos... min jista' jgħidli
li hemm tassew dan Alla ?...
Min jaf twiledx mill-biża' ?...
U l-biża' dejjem falla...

Imħabbti ilha tgħidli
li Alla ħolma kbira,
li żżomm il-ħsieb imrażżan
u l-qalb iżżommha rsira."

Ħarġet fl-aħħar id-dagħwa,
tidwi fid-dawl tax-xemx:
"Imħabbti sewwa qaltli;
Jien naf, Alla ma hemmx!"

DUN KARM PSAILA
(minn *Il-Għana ta' Dun Karm, II - X'Emmen il-Poeta*, maħruġa minn Ġużè Bonnici, A.C. Aquilina & Co., 1944)

ETERNITÀ

POEŻIJA - PAUL P. BORG • VIŻWAL - GABRIEL CARUANA

minn wara
l-ħġieġ

Rita Saliba

POEŻIJI

ABRA TA' POËŻIJA

MAHRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

ANA TA' DUN KARM

FI TLIET KOTBA

X'EMMEN IL-POËTA

It-tieni ħarġa

ĠHADD 2

MALTA
A. C. Aquilina & Co.
1944.

TRIFOLIUM

GEORGE ZAMMIT

SOLFEĠ

POEŻI



KARMENU MA

il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

IL-BAJJA TAL-IMĠIEBAĦ

imtaffla u iebsa l-għolja tal-imġiebaħ
dari kont nitlagħha b'ħeffa kbira,
illum naqta' nifsi anke nħares lejha;
moħbija sewwa s-sbuħija tal-baħar
tfakkarni fil-memorji tat-tfulija
mgeżwra sewwa ġo kexxun imbiegħed
ma jinfetaħx bla ċavetta mitlufa
fil-ħolm tal-ġejjieni li spiċċa wkoll
mal-ħoss irqiq tal-qasab jixxengel
jibża' jċaqċaq għax igerrex lill-imwrieżaq:
imbagħad kif nista' norqod għal dejjem?

JOHN PORTELLI

X'FESTA KBIRA GĦANDNA!

Bil-bnadar iperpru fuq kull frontispizju
li jżejnu triqatna ma' kull antarjola
b'armar lewn is-seħer tal-arti u l-ħila
li trawmu fis-sekli mill-ifqar sa l-ogħla...

bil-qniepen solenni mal-ħsejjes li jtarrxu
u dħaħen fis-sema u nċens fil-korsija
li jfewwaħ u jhenni lin-nanna fil-vespri
imbagħad purċissjoni bix-xebh ta' qdusija...

bil-baned jiddandnu kull sena se jżanżnu
planċier jew faċċata, stendard jew armarju,
kull sena mill-aqwa fost l-iprem u l-isbaħ
u rħama li tfakkar il-kbir ċentinarju...

bix-xorb u l-festini mal-marċi tal-briju
imbagħad illamtati bil-kor u t-tenuri,
bl-irdieden imġienen li jsaħħru t-turisti
mikwija bil-baħar u d-dlik tal-kuluri...

b'kuluri tal-festa li tnessi bħal droga
kull dnewwa miskina tax-xhur l-imgħoddija
u ċċarrat tbissima fuq fomm kotra sħiħa,
bil-ġar ġie jsellimli bħal qisu jaf bija...

Kemm xtaqtha matulek ja sena dil-festa
u nħoss it-tgħanniqa li llum tfur bil-ħlewwa,
biex rejqet bħal qatra ta' wens filgħaxija
lill-ifqar imsejkna fin-niket u d-dnewwa!

Ikomplu... murtali u żina, armar, marċi w briju
u lbisna tal-festa, min jostor, min għeri,
dik dilket u tperrċet, dak tfewwaħ u rtokkja...
fissruli ħa nifhem, dawn maskri jew veri?

PHILIP BORG

SAKEMM

Sakemm inħoss ir-raxx tal-ilma frisk fuq wiċċi
ninsa s-sħana.
Fil-qilla tax-xemx
bqajt rieqed fuq l-andar.
Sakemm għad għandi l-qmugħ,
ninsieh id-dries.
Kif jgħaddi l-festin
nintebah li ma ħejjejtx ikel għall-għada.

OMAR SEGUNA

ĦAJKU

Minħabba s-sħana,
in-nisa jgħattu rashom,
u jikxfu l-koxox.

Il-ħajja mewġa,
daqqa tħabbtek u ssabtek,
u daqqa tmellsek.

Pjan terrorista,
eqred bla ebda ħniena,
nies innoċenti.

CHARLES MIFSUD

WIĊĊEK

F'lejliet mudlama nterraq,
f'għodwiet mimlija ċpar
b'xewqat jinfaqgħu bżieżaq,
proġetti jmutu żgħar.

U mħabba ċ-ċpar u d-dalma
bħal donni qatt ma nista'
lil wiċċek nara ċar.

Ma mbagħad wiċċek infasslu
fuq xfar il-fantasija
u nilmaħ bħal splużjoni
ta' lwien u dwal u dija.

CARMEL G. CAUCHI

NOVEMBRU

Iwarrdu kull qabar l-ilwien
bit-tiżwiqa tagħhom.
Jibdlulu wiċċu u fwiħatu,
jnessuk li inti fiċ-ċimiterju.
Tħoss kull ruħ tieħu l-ħajja
fil-wiċċ tal-qraba bejn bid-dmugħ
iħossu l-vojt tal-firda,
bejn bit-tbissima ħelwa jiftakru
fit-tifkira li flimkien ġarrbu darba.

Dan Novembru, xahar wieħed f'sena,
li jiflaħ lill-oqbra jagħti l-ħajja.
U filgħaxija le ma jħalli lid-dalma ssewwidhom.
Ismagħha mal-ewwel raxxa tas-swedija
lil qalbhom tħabbat ma' kull tnemnima
tax-xemgħat ħomor ħomor li ssabbar
lill-midfuna fihom għax jafu li għal qrabathom
mhumiex moħbija fil-mensija imma ħajjin fit-tifkira.

MARIO ATTARD

JIEN

qtajra fl-oċean
naqdef kontra l-kurrent
qtajra li
fija
jirgħu oċeani
jgħajtu ġustizzja
jibku s-sewwa...
Jien
qtajta
mqatta' qatigħ
b'fehma
mirfusa, midrusa
sal-qiegħ...
Jien
qtajgħa
f'ġisem miġruħ
muġugħ,
qtajgħa li
fija
jikbru ċelloli
joħolmu t-tama
jkattru l-ħsieb...
JIEN

JESMOND SHARPLES

CURLEWIS GARDENS - PERTH

Ix-xemx tixgħel il-kuluri
tal-fjuri tal-palmi
fil-ġenna tal-art
fejn nimxi
f'Curlewis Gardens...
F'naħa, it-tfal jilagħbu,
fl-oħra, 'l-karrozzi jleqqu
fir-raġġi tax-xemx,
bħalma jleqq wiċċ l-indiġenu
mixħut qalb il-fjuri
f'sakra għamja,
u l-ħġieġ tat-tieqa
tal-lukanda fejn qegħdin,
fejn ngħixu fil-lussu,
mibnija fuq art sagra
li darba kienet daru...

MANUEL CASHA

LIL PETER U MARY GRACE CARUANA

Ftit ilu, Mary Grace, ġo din is-sala,
int qrajt xi versi li ddedikajt lili;
għalhekk illejla, b'għoġba liema bħalha,
ser inpattilek dak il-ġest ġentili.

Jogħġbuni vrusek, ritmu, stil, u metru,
ħerġin mill-qalb, b'laqtiet tassew brillanti;
il-lehma qiegħda fik, kif f'żewġek Peter,
li hu espert ukoll f'siġar u pjanti.

Żgur li f'ħajjitkom żiedet l-armonija
l-imħabba tagħkom għal-Letteratura;
għenitkom kemm fil-ferħ, kemm fit-tbatija;
iżd'għożżu aktar dik l-imħabba pura
li miż-żwieġ tagħmel għaqda aħħarija;
b'hekk tibqgħu magħqudin, bla tħarsu lura!

ALFRED PALMA

BLANZUN LI QATT MA JIFTAĦ

(mir-rumanz *FIS-SAJF TA' ŻEWĠT IBLIET*)

Blanzun qed jiftaħ
biex isebbaħ ġmiel il-ħajja
fil-ġnien tal-ward sabiħ
sakemm b'għemil qerriedi
jisfa mniggeż minn tingiża
mingħand min ma xtaqitux.
Il-petali bdew jingħalqu
u l-basla bdiet tinxef
mal-blanzun jitmejjel 'l isfel
biex qatt ma jfewwaħ
fi ġnien l-umanità.

SALV SAMMUT

SEWWA JEW.....?

Naħseb li miniex sewwa!
u malajr smajt bħal speci ta tnehida
donna xi ħaġa bħal: domt ma ttendejt!!
Min-naħa l-oħra...
jekk jiena ġejt inse li miniex sewwa
allura jien sewwa...
għax biex tittendi li m'intix sewwa
trid tkun sewwa.
U tista' tipprova li inti taf x'inhu... is-sewwa.
F'kelma waħda kapaci tara id-differenza
bejn is-sewwa u dak li mhux sewwa.
Allura kapaċi tagħraf is-sewwa
u jekk tħoss li m'intix sewwa
allura taf sa fejn jasal il-ħajt tas-sewwa.
Ma rridx inkompli sejjer fuq din il-linja
għax malajr nitħawwad u nitlef il-linja.
Għax jekk tirraġuna ħafna
ftit jibqagħlek biex titlef ir-raġuni;
u r-raġuni ssir ossessjoni
u taqa' fil-konfużjoni.
Dik żgur... tentazzjoni.

VICTOR V. VELLA

IQUM KULJUM

Joħlom kuljum
b'għadajjar kbar ta' demm
ħiereġ gelgul.
Joħlom kuljum
b'kanuni tal-azzar
jobżqu xmajjar ta' nar.
Iqum kuljum
ikaxkar riġel mejjet
jillostra l-madum.
Iqum kuljum
jaħsel id-demm minn idu
ġo sink mimli misħun.
Ġuvni mibrum
jiftakar il-kefrija
li therri 'l kull maħluq
fil-gwerer ta' kuljum.

JOHN MALLIA

30/80

like a jinn the old din
of the sea
moves my heart to malady
I am eighty
life will take its leave of me soon.
I am frail,
they say,
a petal quickening
in a floral womb
much like where I started.

the great departed loom
a way behind me,
their murmurs brush my ears
reminding me I'm theirs
with every hair of breath
however rattling,
however bare,
they're there
and make themselves felt.

I feared their vigour,
though they've become
my usual now,
feared the fight for life
or what they're telling me
will be my next uncertainty

(Now is different
Now I'm me,
Thirty,
Thirsty for love and life)

nurses swarm my head like bees
in the morning feeds
sparrowmouths open and close
empty,
some eat through their nose
some don't eat at all,

they show me sunflowers
like children
look at the pretty flower
falling petal
don't walk upon the grass
though my feet covet sand

and my lungs long for sea
- but look at the tall sunflower
oh! see how far it can reach

eighty
or thirty
I forget sometimes -

then it's bathtime
and I'm an infant.

LOUISE VELLA

IL-GĦAJTA TAS-SLIEM

L-għodwa sabiħa
bħal frotta bnina,
serduq qed jidden
nemus bi ngħas,
il-warda ddemma',
werżieq jirtogħod
mal-ħsejjes ħelwa
fil-qrib fil-bogħod
u d-dawl jisplodi
ma' rwejjaħ safja
f'ħuġġieġa nar
fuq pal fuq blat...
u timla' s-sema
titfawwar l-art
sriep twal jirtogħdu
iħaxwxu fl-arja
l-hena l-misterju
bi lwien u lwien
u jibda l-jum
fi ħbula għammiela
li jtarrġu l-Mistra...

U x-xemx ħanina
bil-għadab bajda
iżżid tisbiel
tiqliel tiqliel
kif jgħaddi l-ħin
u tbaskat taħtha
palma qadima
u dell missieri
il-girna jsewwi
ħdejn ħabel dwieli
b'għeneb misjur
li n-naħla tifqa'
u ż-żunżan jagħwi
jardgħu il-ħlejju...
U meraq l-għenba
miskina niexfa
jixxerred fl-art
u jtaffi għatx
ġurat ħadrani...

Il-bidwi w ibnu
kruxxun f'idejhom
u l-qiegħa taħthom
il-ħajt ta' ħdejhom
rummien maġenbhom
u t-tin ta' fuqhom
u l-ħoss bellusi
ta' art titqalleb,
tlaħħmu mad-dehra
li tfur bil-ħajja
u tqum bil-ħeġġa
bieżla fis-sliema...
u l-ilma ġieri
ferħan għaddej
gelgul gelgul
mexxej mexxej
jaqbeż u jdur
jogħla u jħuf
kurjuż kurjuż
bi ħsejjes ħfief
qabbież qabbież
bis-saħħa jfur
iġorr il-ħajja
u jarmi 'l-benna
itaffi d-dnewwa
max-xtieli jiżfen
żifna tal-ħlewwa...

U jiena tfajjel belti
innaqqi x-xewk minn idi
u ħdejja t-tfajla sbejħa
iġġebbed xagħarha mmewweġ
maħlul, ferħan jitfewweġ...

mistagħġba nilmħu
dbieben li jinku
ilsir miskin
marbut, marbut,
idur, idur
mikdud, mikdud,
irewwaħ b'denbu
jaħseb u jaħseb
qalb dik il-ħemda
il-ħajja tielgħa
il-ħajja nieżla
il-ħajja 'l hemm
il-ħajja 'l hawn
u jgħaffeġ taħtu
dawra li ħasbu
kienet eterna...

PAUL P. BORĠ
(minn *Eternità*, Horizons 2015)

WARD AĦMAR

Ward aħmar
ġo vażun boċċa ebbanu
qrib Madonna tal-ivorju.

Ward aħmar
sirtu biċċa minn kamarti
għal ġimgħa sħieħa twennsuni.

Ward aħmar
qed twaqqgħu petali dgħajjes
biex taqdfu 'lhinn u tħalluni.

Ward aħmar
kaxkruni magħkom tul l-ibħra
biex l-imrar ta' din l-art tnissuni.

LINA BROCKDORFF

MILL-ĠNIEN

Konna żgħar u boloh.

Ma konniex nafu
x'inhu niket u dejjem dħakna.

Stennejna kollox
mill-eżistenza tagħna.

Qatt ma kellna
uġigħ fil-fond,
inawwar.

Ma kellniex il-lussu
li ngħixu bla tama.

Kellna wisq fiduċja
fil-Bniedem;
għalhekk poġġejnieh
fuq il-pedestall t'Alla.
Għalhekk xufftejna twaħħdu
dakinhar.

Għalhekk qtajt il-frotta,
newwilthieli,
gdimtha fl-estasi tal-mument...
u nfetaħ l-abbiss taħt riġlejna.

Għalhekk għotorona ħesrem
jien u int:
skantati,
bla mistenni
mitlufin f'dawran jistordi,
etern...
bil-kundanna
tinżel dritta
fuq rasna
bħal mannara.

CARMEL SCICLUNA

TKUN TRID

Tkun trid
tħares mill-ġdid
u tħoss għajnejk jitqalu.

Tkun trid li tista' tlissen
xi kelmiet
iżda bis-skiet
tkun qed tgħid kollox.

Tkun trid lil min
iżommlok idejk
b'sinjal li jkun iridek
ma tkunx abbandunat.

U mal-arloġġ li jdur
issib li jkollok tmur
in-naħa l-oħra.

ĠORĠ BORG

MUSIC IN THOUGHT

Lost in the fostering of frosted fantasies
Coming from the comatose conundrum of life
Seeing my sessions of seething self-hatred
As none other but my own and personal wrong doing

Having to live with the memory of the obscenities
And to not yield my inner child to insanity
I look to scale this mountain of cold regret
With forgiveness through change becoming my strength

For it is the ocean that holds the unknown
While all that is touched by the Sun is set in stone
Alive by the mysteries of what is real
Shared among the few who can still feel

In a world always at one with God

MICHAEL AQUILINA

MIN JAF?

Min jaf x'inhuma jaħsbu
l-iskolli li hemm max-xatt
mistrieħa kif hu l-baħar
bla ħoss bħalma kien qatt?

Min jaf x'inhuma jtennu
il-kwiekeb mifruxin
fil-baħħ tas-sema iswed
b'tegħmiża lil xulxin?

Min jaf is-siġar xjuħa
li kibru f'ġenb il-wied,
x'inhuma jirriflettu
mal-wiċċ tal-ilmijiet?

CHARLES BEZZINA

IL-LEJL

U l-lejl bexxaq għajnejh
u mxejna lejh
u feraħ kif rana ħdejh...

Għall-ewwel bħal beżżagħni
'mma mbagħ'd innamrajt miegħu,
raġġietu kuraġġ tawni.

PATRICK SAMMUT

L-IMĠIEBAĦ

Fejn il-Latnija.
Kull meta nħossni imdejjaq,
jew inkunlek bil-geddum,
naf li żgur se nkun imfejjaq,
jekk immurlek sa Selmun.

Sal-kappella mmurlek jiena,
lej' x-xellug naqbad it-triq.
Mhux se jkolli ebda piena,
l-arja biss, tgħinni nfiq.

Nibda nieżel dik it-trejqa
hemm il-ħemda. Hemm is-skiet.
Dlonk inħoss qalbi imfejqa,
minn kull dwejjaq, kull inkwiet.

Hemm tassew isaltan is-sliem.
Hemmhekk, hemm serħan il-qlub.
L-ilsien jibda jfittex il-kliem,
malli jgħaddi fej' l-ħarrub.

Hemm ulied iż-żnuber xiħa,
illi nħarqet ilha s-snin,
mietet, imma għadha sabiħa.
Jibkuha għadhom qegħdin.

Hemm il-ħitan tas-sejjieħ,
għoljin ikattru l-kenn.
Żiffa ħelwa minflok riħ.
Tassew li hu post tal-ġenn.

Mal-ħajt iz-zalza pajżana
magħha ta' Sqallija t-te
jinfdulek ġebel setgħana.
L-ebda blata ma tgħid le.

Kultant tixriflek xi tina
ċkejkna, rqiqa tkunlek din
tfittixlek id-dawl miskina
minn taħt iż-żnuber għoljin.

L-Imġiebaħ tassew hu ġenna.
Isaħħrek iktar minn ġnien.
Hemm tassew il-qalb tithenna.
Jien ma nibdlu ma' imkien.

JOSEPH FELIX CACHIA

XJUĦIJA

Xjuħija
sbuħija
fil-pilloli
toqol fl-għekiesi
żmien melliesi.
Fejnek, Akille?
Saqajja
għalkemm bla tbajja'
għajjew.
Hekk sew?
Ingerger minn filgħodu
ingerger waqt il-brodu
ingerger filgħaxija.
Ummi ma! Bla bqija
se nisfa' wara ħlasijiet
ta' ħajja li għaddiet
qisni bla naf
li jien għaddejt b'għanjiet
iduru mieghi,
ma' rasi, ma' driegħi.
Xi qżież!
Le, għeżież
tiegħi.
Emmnuni,
ejjew mieghi
u taraw jekk iniex sinċier.
Hemm hu, intefa l-lampier
tal-knisja.

KARMENU MALLIA
(minn *Solfeġġi*, 2023)

L-GĦOLJIET GĦAWDXIN

L-għoljiet Għawdxin, l-għoljiet Għawdxin,
b'ilwien is-seher miksijin!

Siekta jsaltnu fuq is-skiet
qishom għanja tas-smewwiet.

Qishom ħolma ta' serħan
min-Naffara sal-Ġurdan.

Mislutin 'il fuq 'il fuq
minn ta' Dbieġi sal-Mirżuq.

Bħal presepju - miġburin
biex iqimu lill-Bambin.

X'inhuma l-fama l-qawwa l-flus
ħdejn ġmiel Għar Ilma, jew Gelmus?

Ħarsuni, dejjem imbissmin
għoljiet Għawdxin, għoljiet Għawdxin;

U xejn, tad-dinja mill-frugħat
ma jwarrabni mill-witat

Li intom tħarsu, qiskom swar
minn Ta' Ċenċ sa Ta' Għammar.

Mhux ta' xejn, għoljiet Għawdxin,
mgħaxxqa tħarsu lejn xulxin;

Għoljiet kbar u għoljiet żgħar
tgħassu dejjem, lejl u nhar.

Ħalli tħarsu, f'din il-Gżira
l-isbaħ ġawhra tat-tifkira,

Wirt ta' mħabba u ta' twemmin,
għoljiet Għawdxin, għoljiet Għawdxin!

GEORGE ZAMMIT
(minn *Trifolium*, Union Press, 1973)


321
323
a dobro, sigurno.“
ima me?“
islednički se upiljila u mene.
ome što vas muči u vezi s tim
am glupa. Nego, zaboravila sam
aš prijatelj, inspektor.“
enika velikih kao ormar i s izra-
na kućnom pragu zgrčio mi se
na.“
vrata.
pod
sam
podin
će na
već
kakav
anira

Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

TO GIVE MYSELF

Though you are
an elusive theory
Though you are
an unfading memory
Though you are
an invisible prison
Though you are
an inexplicable reason
Often you leave a trail
of solitude and emotions;
As well confer
memoirs, fully nectarine.

Like a drizzling cloud
before onset of monsoon,
Like a little cozy bud
before its full bloom
Like the morning breeze
blowing from the valley
Like a serene lyric
surging to strike a chord;
My strong aspirations
keep on multiplying
Ultimately commanding me
to sing the song of 'love'.
I ask the time to come
to give myself up at last.

ASHOK T. CHAKRAVARTHY
L-Indja

DECISION

The first will say:
- Oh, get a roof over your head!
And with his hands behind his back
stare at the sun
narrow his eyes
because it is a warm day
and you´ll find the sun in every street.

The second will say:
- It´s going to rain and I don´t have an umbrella!
And with his hands in his pockets
he goes off to shelter himself,
to wait out the rain
because it has already pealed with thunder
and the first drops have joined heaven and earth.

I say:
- I´ve got healthy hands and lungs full of air!
I´ll go
I´ll quicken my pace
and catch up
those others.

JAROSLAV REZNÍK
(Translated by Ján Bajánek)
Is-Slovakkja

LA VITA

Hai seppellito la mia felicità
da quando ero nella culla
e hai reso vani i miei sogni di fanciulla.
Mi hai mostrato la bruttezza dei tuoi canini
e hai riempito di ululati il mio piccolo mondo.
Allora accendi lo stoppino delle tue disgrazie
e, come se fosse pioggia, bagnami con le tue infelici meteoriti.
Accumula nuvole come se fossero desideri
e rendi il cielo sopra di me tuoni e fulmini.
Schiaccia con la tua mano destra i giardini della mia famiglia
e raccogli con la tua mano sinistra i miei fiori senza fatica.
Non darmi tregua, non darmi requie.
Tra un lutto e una tristezza imbandisci il banchetto del pianto.
Lacera le mie ferite
e non ascoltare le mie preghiere.
Non temere un mio lamento,
non aver paura di me.
Da te, oh vita, non ho ricevuto altro che alienazione.

DALILA HIAOUI
(minn *Il sibilo dello zafferano*, Volturnia Edizioni, 2019)
Il-Marokk

MORTE ANTOLOGICA PERMANENTE

Siccome la vita
ci rovina la vita
(sempre!),
a giugno ho visitato
(un po' turista, un po' becchino
e un po' parente sconsolato)
l'interessante morte
antologica permanente
delle mie speranze
migliori:
quanti sogni falliti
imbalsamati in bella mostra!

Li guardavo e piangevo
desolato nero,
dannandomi frenetico
la salute.

E adesso è soltanto
stanchezza rabbiosa
resistere ogni giorno
al ripetersi ingombrante del respiro

e della luce.

PIETRO PANCAMO
L-Italja

EVE'S DEFENCE

You didn't have to accept
that shiny juicy apple
did you Adam dear?

Please remove those
musty fig leaves
from your memory and ears
and remember Adam dear,
you were created
from mere earth,
whereas I was sculpted
from a much finer substance
finer than ivory
finer than gold.

In the rush of your
heart's blood
in the throbbing of your temples
remember Adam dear -
I was created
from pure human bone

Your strong rib-bone
became me - Eve
Mother of Life.

Always remember
dearest Adam
free, indepedent Eve
is - You.

ADA AHARONI
L-Iżrael

OUR HEART'S VISITORS

A stranger's talk
with a stony garment,
threateningly hovers
in our every step,
cold drops of courtesy
burn our breath.

Did Hope cease
to visit our heart?

The snow today
isn't white.
It is colourless
like the iris of our eyes,
like good morning
which doesn't come out of our lips.

Did Love cease
to visit our heart?

A torn poster
in the whirl of the wind
our every word,
blue pebbles
sunk in the blue of the sea
our dreams.

Did Poetry cease
to visit our heart?

DIMITRIS P. KRANIOTIS
Il-Greċja

Minn Fuq



1–Ixkaffa



ANTON BUTTIGIEG. BEJN STORJA U MITI. ĠABRA TA' KITBIET, Ed. Sergio Grech, Horizons, 2023

Dan huwa l-għaxar volum mis-sensiela *Bejn Storja u Miti, li* hu ddedikat lil Anton Buttigieg imlaqqam 'Il-Poeta tan-Natura'. Il-volum huwa editjat minn Dr Sergio Grech. Dan il-volum qed jimla vojt kbir fejn tidħol il-kritika letterarja dwar Buttigieg minħabba li meta wieħed ifittex sew dawn it-testi jintebaħ li kieku ma kienx għal studjużi bħal Ġużè Aquilina, Dwardu Fenech u Oliver Friggieri, l-impatt letterarju ta' Buttigieg ma ġiex studjat fid-dettall xieraq. F'dan il-ktieb isir eżami profond tal-ħajki, il-limerikki u l-epigrammi ta' Buttigieg li setgħu ġew interpretati bħala kitba inferjuri tal-poeta u għalhekk ma ġewx analizzati biżżejjed. Fil-volum naraw eżami tal-identità Għawdxija u politika ta' Buttigieg, il-fażi kruċjali tiegħu fl-Għaqda tal-Malti fejn Buttigieg, spalla ma' spalla ma' Monsinjur P.P. Saydon, ħa sehem dirett fil-kunflitt tal-lingwa tas-snin tletin, ir-relazzjonijiet tiegħu, mhux dejjem komdi, mal-Perit Mintoff kif ukoll analiżi tal-presidenza Buttigieg. Il-kontributuri f'din is-sensiela huma Sergio Grech, Robert Aloisio, John Baldacchino, Joseph P. Borg, Roderick Bovingdon, Charles Briffa, Dun Frans Camilleri, Anton Cassar, George Cassar, Andre P. DeBattista, Alfred Ellul Galea, Oliver Friggieri, Marco Galea, Immanuel Mifsud, Euchar Mizzi, Manoel Pirotta, Terence Portelli, Tonio Portughese, Michael Refalo, Patrick J. Sammut, Mark Vella u Trevor Zahra. Flimkien ma' Buttigieg jiġu diskussi għadd ta' personaġġi magħrufin oħra fil-qasam politiku, reliġjuż u kulturali, fosthom Mintoff, Fenech Adami, Herbert Ganado, Mabel Strickland, Mons. Victor Grech, u oħrajn.



MOFFA U RAKKONTI OĦRA, ta' Alfred Sant, Quinque, 2023

F'din il-ġabra ġdida li tinfirex fuq ftit iktar minn 200 paġna, Alfred Sant jagħtina 10 rakkonti. Għal min hu familjari man-novelli ta' Sant se jinduna li wħud minnhom jagħmlu parti minn sensiliet ta' rakkonti u stejjer li ndammu matul is-snin u li dehru f'ġabriet bħal *Kwart ta' Mija*, *Pupu fil-Baħar*, *Ċpar* u *Western*. Il-kontenut tal-għaxar novelli jvarja. Moffa misterjuza qed tinxtered mal-Univers Magħruf, tant li sa ftit tal-millennji oħra se tifga kull sors ta' enerġija u ħajja. Wieħed jistaqsi: x'rabta hemm bejn il-moffa u Żero Wieħed, pjaneta minsija u mwarrba, minn fejn ħafna żmien ilu kien telaq il-bniedem biex jgħammar l-Univers? Imbagħad hemm Joanne u Robert li ma jridux jissejħu Joanie u Robbie. Waqt li l-pandemija f'Ruma qed tnaqqas, Lily titla' għal vaganza ma' tal-familja sena wara li romlot. L-oħrajn jistagħġbu meta tqatta' jum jew jumejn iddur waħdeha. Min-naħa l-oħra, Fiona, Sharon u Abbie mietu snin ilu f'aċċident tat-traffiku fit-triq ta' Buġibba. Il-pulizija għadha ma għalqitx l-investigazzjonijiet tagħha. Dik ta' Alfred Sant qatt ma kienet letteratura li tħallik mistrieħ u indifferenti. Bħal dejjem Sant jitlaq mir-realtà ta' kuljum li nafu biha lkoll, imma bil-mod il-mod dak li hu tas-soltu jinbidel biex isir tal-waħx u jiddisturbana sal-qiegħ ta' jienna. Anki f'dan ir-rakkonti Sant jaf jorbot flimkien il-biża' mad-daħk, il-perturbanti mal-komiku, li fl-aħħar mill-aħħar nifhmu li għandu mit-traġikomiku. Bħal dejjem, anki hawn il-qarrej se jistaqsi, se jirrifletti, se jħabbel rasu, sabiex fl-aħħar mill-aħħar jifhem li l-esperjenza tal-qari mhix waħda faċli u passiva, imma waħda li tisfida u tistieden lill-qarrej jipparteċipa wkoll.



ALTMA ta' Stephen Lughermo, Horizons, 2023

Stephen Lughermo mhux isem ġdid fil-qasam tan-narrattiva. Huwa kittieb ta' letteratura għall-adolexxenti (*X'Aħna Smart*, 2015), ta' novelli (*Ċelel Bla Ħitan*, 2021), u issa anki ta' dan ir-rumanz li jifrex fuq ftit iktar minn 300 paġna u jinqasam f'43 kapitlu. Din id-darba Lughermo qed jippreżentalna rumanz b'tema attwali tassew u mistoqsija li bosta llum qed iħossuha tagħfas fuqhom: x'inhu dak li jagħmilna Maltin? Kemm hu importanti l-passat tagħna bħala poplu, u xi tfisser li timxi maż-żminijiet? Kemm għandhom piż it-tradizzjoni u l-modern fil-ħajja tagħna llum? Dan diġà jixref indirettament fl-isem tar-rumanz li juża l-istess ittri li nużaw biex niktbu isem art twelidna. Għall-ewwel Altma tkun ġurnalista medjokri tal-aħħar filliera u awtriċi ta' artikli li ħadd ma jaqra. Imma l-laqgħa ma' Yusif tibdilha: jirnexxilu jqaċċatha mill-imgħoddi u fi ftit żmien issib ruħha fil-quċċata tal-professjoni, bil-kollegi tagħha jgħiru għaliha u mfittxija minn bosta. L-istorja ma tiqafx hawn ladarba kollox għandu l-prezz tiegħu. Altma tirrifletti lil pajjiżha, anki għax it-tnejn jinsabu f'salib it-toroq bejn imgħoddi kolonjali u preżent inċert, moħbi wara maskra tlellex. *Altma* hu rumanz li jaħkmek sa mill-ewwel sentenzi fejn jissemmew l-abjad u l-aħmar tal-bandiera Maltija, imma anki l-lewn iswed, li żgur jgħinna nifhmu li fir-rakkont li se naqraw mhux kollox ward u żahar. Huwa xogħol li jagħti importanza kbira liż-żgħażagħ - bix-xewqat, emozzjonijiet u ħolm li din l-età ġġib magħha -, lill-edukazzjoni, lir-rwol li kull ċittadin għandu jkollu u jaqdi tajjeb. Lughermo jfakkarna wkoll x'risponsabbiltà jġorru fuq spallejhom il-ġurnalisti ladarba huma dawk li jiġbru tagħrif differenti marbut ma' dak li jseħħ fil-pajjiż u lil hinn, u l-mod kif iwassluh jista' jinfluwenza tajjeb jew ħażin il-mod kif iġib ruħu l-poplu. Lughermo jħallat partijiet djalogati ma' oħrajn deskrittivi sabiex jagħti lin-narrattiva tiegħu iktar ħajja u awtenticità. Fuq kollox dik ta' Lughermo hija kitba li tistedinna nirriflettu.

ĠIMGĦA WARA ĠIMGĦA ta' Vince Fabri, Horizons, 2023

Min isegwi l-mużika pop, rock, u kummerċjali barranija jaf li mhux l-ewwel darba li ġew ippubblikati kotba li jittrattaw il-ħajja ta' kantanti jew gruppi mużikali partikolari, jew saħansitra ġabriet fejn wieħed ikun jista' jaqra l-lirika, bl-Ingliż jew bit-Taljan - ladarba dawn huma ż-żewġ ilsna barranin li aħna l-aktar familjari magħhom - ta' għadd ta' kanzunetti għal qalbna u li mdorrijin nisimgħu fuq ir-radju jew permezz ta' aġġeġġi oħrajn. *Ġimgħa Wara Ġimgħa* huwa ġabra ta' lirika - 35 kanzunetta b'kollox - miktuba mill-kantawtur Belti Vince Fabri, wiċċ u leħen familjari ħafna ma' dawk li kienu jsegwu Xarabank ta' Peppi Azzopardi. Però, Vince Fabri u l-lirika tiegħu kienu preżenza familjari anki matul serati letterarji u poetiċi spiss imtellgħa minn għaqdiet bħall-Għaqda Poeti Maltin u PoeżijaPlus fl-imgħoddi. Ġabra bħal din tfakkarna li l-lirika tal-kanzunetta għandha ħafna mill-poeżija, ibda mill-qawwa tal-kelma. Fid-Daħla Fabri jammetti: "Meta tikteb u tikkomponi, il-kliem u n-noti jitwieldu bla ma taħseb wisq fejn jistgħu jimirħu u għand min jaslu... Dan il-ktieb jiġbor fih għażla ċkejkna ta' lirika ta' kanzunetti li baqgħu għal qalbi. Ħafna, kważi kollha, ktibthom għal u interpretajthom għall-ewwel darba waqt il-programm televiżiv ta' kull nhar ta' Ġimgħa, Xarabank..." Dan il-ktieb jakkwista iktar piż ladarba fih ħolqa diġitali li tieħu lill-qarrejja lejn il-kanzunetti nfushom, u dan jippermetti sabiex l-udjenza jkollha esperjenza sħiħa, ladarba l-lirika u l-mużika tal-kanzunetti jiġu mill-ġdid flimkien. Inkluża fit-tieni nofs tal-ktieb hemm Intervista bl-isem ta' 'Mis-sittinijiet għal wara s-sittin', fejn Vince Fabri jitkellem ma' Terence Portelli. Dan tal-aħħar imbagħad jagħtina studju kritiku interessanti ferm bl-isem ta' 'F'intimità mal-kwotidjanità: Il-lirika poetika tal-kantawtur Vince Fabri'. Fabri kellu 20 sena meta beda jikteb l-ewwel kanzunetti u jieħu sehem f'festivals bħal *L-Għanja tal-Poplu*, u iktar tard ħa sehem rebaħ u kien finalist f'konkorsi oħrajn bħal *Festival Indipendenza* u l-*Festival tal-Kanzunetta Maltija.* Dwar dan il-kantawtur Portelli jikteb hekk: "Il-punt tat-tluq f'xi kanzunetti ta' Vince Fabri hu l-ħajja ta' kuljum, dak li hu jgħix u jġarrab: it-toroq li jgħaddi minnhom, in-nies li jiltaqa' magħhom jew sema' bihom, is-sentiment ta' mħabba li jħoss fih b'qawwa, il-ħolm u x-xewqat tiegħu, flimkien mal-leħħiet ta' riflessjonijiet li jakkumpanjawh tul il-jiem u l-iljieli... Vince Fabri għandu d-don u l-ħila artistika kif dak li għex u ħass hu jesprimih mal-oħrajn b'umanità u b'sinċerità diżarmanti. Permezz tal-lirika tiegħu Vince Fabri jġib l-ordni fejn hemm il-konfużjoni, u bi tbissima jserraħ u jqawwi l-qlub mifnija u mtaqqla."



TEOLOĠI KATTOLIĊI TA' ŻMIENNA, Knisja Elfejn Nru 145, Pubblikazzjonijiet Dumnikani, 2023

Din hija l-iktar ħarġa riċenti ta' din l-enċiklopedija ta' tagħlim Nisrani li toħroġ kull xahrejn. Din id-darba ħarġa nru 145 qed tiffoka fuq disa' teoloġi Kattoliċi ta' żmienna, li huma Romano Guardini, Pierre Theilhard de Chardin SJ, Henri de Lubac SJ, Yves Congar OP, Karl Rahner SJ, Hans Urs von Balthasar, Edward Schillebeeckx OP, u Joseph Ratzinger (jew kif jafuh bosta, Benedettu XVI). Kif jikteb l-editur, P. Raymond Gatt OP, dawk kollha huma parti minn "ġenerazzjoni ta' teoloġi ġodda u innovattivi li għallmu l-Knisja kif għandha tiddjaolga mal-kultura moderna, bil-problemi kollha li l-bniedem kien għaddej minnhom f'dinja ta' bidla mgħaġġla f'kull sfera tal-ħajja." Bħal dejjem, pubblikazzjoni bħal din qed iżżomm livell għoli billi l-kontributuri huma kollha persuni mħarrġa sew fil-qasam, fosthom saċerdoti, letturi fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta jew f'universitajiet oħra bħall-Università Pontifiċja Gregorjana ta' Ruma u l-Istitut Pontifiċju Orjentali ta' Ruma; membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija; u membri tal-Kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Kollha għandhom għal qalbhom u studjaw suġġetti bħat-Teoloġija, il-Filosofija, il-Psikoloġija, is-Soċjoloġija, id-Dritt Kanoniku, l-Istudji Umani u l-Akkumpanjament Spiritwali. F'din il-ħarġa ta' *Knisja Elfejn* insibu 11-il studju, disgħa minnhom bil-Malti u tnejn bl-Ingliż. Kollha huma miktubin b'lingwa li tinftiehem u għalhekk jistgħu jitgawdew minn dawk kollha li jridu jsaħħu t-tagħlim Nisrani u jgħixu l-kelma ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum quddiem sfidi differenti.



IL-PROKURATUR TAL-ĠUDEA, ta' Anatole France, Maqlub għall-Malti minn Paul Zahra, KTL Nru 8, 2023

Dan huwa t-tmiem volum mill-Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji, kullana self-published tat-traduttur Paul Zahra, li fl-imgħoddi ttraduċa għall-Malti xogħlijiet letterarji ta' kittieba bħal Alain-Fournier, Honoré de Balzac, Gustave Flaubert, u Marcel Proust. Din id-darba Zahra qed jagħtina bil-Malti xogħol ta' dan il-kittieb Franċiż li għex bejn l-1844 u l-1924. Kif jikteb Zahra stess, "In-novella ta' France... hi waħda immaġinattiva u lil hinn mill-kuntest bibliku. Bħala awtur, France m'għandu ebda pretensjoni li dak li jirrakkonta f'*Il-Prokuratur tal-Ġudea* seħħ tassew. Il-figura ta' Pilatu tibqa' mistura bi ċpar li bħal velu jaħbilna dak li hemm warajh. Għajr dawk ir-referenzi intertestwali evanġeliċi u... storiċi kontemporanji dwar Pilatu... li wieħed jista' joqgħod fuqhom, dak li jirrakkonta France nafu li ma joqrobx lejn ċertezza bbażata fuq evidenza storika." Interessanti hija d-Daħla, fejn Paul Zahra jittratta l-aspett storiku u dak letterarju ta' din in-novella ta' France. Apparti t-test maqlub mill-Franċiż għall-Malti, li għalhekk jista' jitgawda minn dawk li ma jifhmux il-Franċiż, Zahra jinkludi wkoll żewġ Appendiċi: l-ewwel wieħed huwa dwar l-'Ismijiet Bibliċi u Klassiċi Misjubin fin-Novella' li huma aktar minn 60 (miġjubin bil-Franċiż, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Malti); it-tieni appendiċi hu intitolat 'Ismijiet Bibliċi u Klassiċi Użati fid-Daħla', (40 b'kollox u miġjubin fl-erba' lingwi msemmija). Dan il-ktejjeb hu mogħni wkoll b'xi noti f'tarf il-paġni u anki stampi monokromi marbutin mal-ġrajja rrakkuntata.



TLIET RAKKONTI ta' Gustave Flaubert, maqlubin għall-Malti minn Paul Zahra, KTL Nru. 7, 2022

Din hi ġabra ta' tliet rakkonti li jifirxu fuq ftit iktar minn mitt paġna. Kif jikteb Paul Zahra fl-Introduzzjoni, "*Trois Contes/ Tliet Rakkonti* (1877) ta' Gustave Flaubert huma tliet eżempji li joħolqu kuntrast sottili fl-estetika narrattiva tiegħu. Minnhom *Un coeur simple/Qalb Sempliċi* biss hi kollha kemm hi reazzjoni oriġinali ta' Flaubert għax hi bbażata fuq għadd ta' esperjenzi personali. Iż-żewġ rakkonti l-oħrajn, jiġifieri *La Légende de Saint Julien l'Hospitalier/Il-Leġġenda ta' San Ġiljan l-Ospitalier* u *Hérodias/Erodja* huma tħaddim mill-ġdid ta' rakkonti misjubin f'sorsi miktubin: tal-ewwel fil-letteratura u l-aġjografija Medjevali u tal-aħħar fil-Vanġeli u fil-kitbiet storiċi ta' Flavju Josefu." Għal darb oħra Paul Zahra joffrilna fi lsienna tliet rakkonti maqlubin direttament mill-Franċiż ta' dan il-kittieb - li għex bejn l-1821 u l-1880 - magħruf l-iktar għax-xogħol letterarju *Madame Bovary* (1857). Fl-Appendiċi Zahra jinkludi tabella f'rabta mar-rakkont *Erodja* sottotitolata "Referenzi bibliċi misjubin f'Il-Bibbja, Għaqda Biblika Maltija, it-Tieni Edizzjoni 1996", fejn insibu lista alfabetika ta' 123 isem miġjubin f'erba' lingwi: il-Franċiż, l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti, flimkien ma' xi kummenti qosra. *Qalb Sempliċi* hi dwar Félicité, li minħabba t-telfa tal-ġenituri tagħha f'età bikrija tgħaddi minn ħafna tbatija, imma minkejja kollox iżżomm sod. F'*Il-Leġġenda ta' San Ġiljan l-Ospitalier* naqraw dwar leġġendi dwar patriċidju u matriċidju, imma anki dwar il-moħqrija tal-kaċċa sfrenata fuq ħlejjaq innoċenti. Minn bniedem insensibbli Ġiljan jinħakem mis-sogħba u jirrinunzja d-dinja sabiex bl-għemejjel tajbin jinfeda mid-delitti tal-passat. It-tielet rakkont hu ispirat mill-qtugħ tar-ras ta' San Ġwann imma Flaubert imur lil hinn mir-rakkont bibliku sabiex idawwar dan ir-rakkont f'xogħol letterarju. Flaubert hawn ikompli joffri, permezz tas-simboliżmu u l-metafori, ermenawtika usa' minn dik misjuba fis-sorsi, u b'dan il-mod joħloq interpretazzjoni ġdida għar-rakkont tiegħu. Flaubert la jikkundanna lil ħadd, imma jħalli l-ġudizzju f'idejn il-qarrej.

WERAQ TAL-AĦĦAR ta' Alfred Palma, 2023

F'din il-ġabra poetika ġdida tiegħu Alfred Palma jagħtina 11-il poeżija ċelebri tradotti mill-ilsna barranin (l-Ingliż, it-Taljan u l-Franċiż) għall-Malti. Dan jintrabat ma' qasam għal qalb ħafna Palma, it-traduzzjoni, u jfakkarna li huwa qaleb bosta xogħlijiet ta' kittieba Ewropej matul il-karriera tiegħu, fosthom Dante, Shakespeare, Oscar Wilde, u numru ta' kittieba Franċiżi. Hekk, fost il-poeżiji tradotti nsibu żewġ poeżiji ta' Charles Baudelaire, tnejn ta' Giacomo Leopardi, u poeżiji oħrajn ta' Oscar Wilde, Walter De La Mer, Mary Elizabeth Frye, Alexander Pushkin, William Wordsworth, Dante Alighieri u Pier Paolo Pasolini. Inkluż f'din il-ġabra hemm ukoll 11-il poeżija oriġinali mill-pinna ta' Palma. Fosthom hemm dawk iddedikati lil ħbieb differenti, fosthom il-poeti u kittieba Peter u Mary Grace Caruana li jintrabtu ħafna mat-tema tat-tifkira. Poeżija li tispikka fis-saħħa tematika tagħha hi 'Karba ta' Fetu'. Hemm ukoll poeżija protesta kontra l-qirda tal-ambjent naturali bl-isem ta' '...u Triegħdet il-Ħarruba'. F'dawn il-versi tiegħu Palma spiss jinqeda bid-dinja naturali biex iwassal il-ħsibijiet tiegħu, bħal f''Weraq tal-Aħħar' fejn iqabbel lil ħajtu ma' siġra li rat l-istaġuni kollha. Metrikament - mela fuq livell ta' versi u strofi - Palma jħaddem spiss il-forom tradizzjonali bħas-settenarji u l-endekasillabi, il-kwartini u s-sestini, imma hemm waqtiet fejn bħal jesperimenta billi jalterna bejn versi ta' tulijiet differenti jew billi jħaddem f'poeżija waħda strofi ta' qisien differenti. Ir-rima hija preżenti f'għadd kbir tal-poeżiji - dik alternata, imqabbża, imbewsa u mħallta - , anki fejn il-poeżija tinkiteb bil-vers ħieles. Mela fil-poeżija ta' Palma hemm it-tradizzjoni li titħallat mal-modern b'mod naturali. F'din il-ġabra ċkejkna Palma jdewwaqna mill-benna tal-poeżija barranija miktuba minn poeti magħrufa u ta' sengħa kbira, imma anki tal-poeżija personali tiegħu, u dan fiż-żewġ każi jagħmlu bis-saħħa ta' Lsien Art Twelidna. Bħal kif għamel f'bosta xogħlijiet tradotti oħra minn tiegħu, anki hawn Palma jurina kemm il-Malti huwa dinamiku u flessibbli tassew tant li kapaċi jwasslilna b'mod naturali xogħlijiet letterarji mill-isbaħ li ma nifhmuhomx fl-ilsien oriġinali.

TAĦT IL-QILLA TAL-ISWASTIKA ta' Ben Agius, Horizons, 2023

Ben Agius diġà ppubblika rumanz tajjeb ferm ieħor b'tema simili: dan kien *Iben il-Quisling* (Horizons, 2021). Din id-darba għandna rumanz b'dan is-sottotitlu -"Familja Maltija maqbuda Ruma taħt in-Nażi" - u dan diġà jagħtina idea tajba ta' x'nistgħu nistennew minnu. F'din l-istorja drammatika ta' ftit iktar minn 300 paġna l-qarrej jittieħed fil-belt ta' Ruma bejn Lulju 1943 u Ġunju 1944. Dan kien proprju l-perjodu meta fl-Italja, wara l-waqgħa ta' Mussolini u d-dħul tal-Forzi Alleati fl-Italja t'Isfel, faqqgħet il-gwerra ċivili bejn it-Taljani Faxxisti u l-anti-Faxxisti. L-34 kapitlu jinqasmu f'taqsimiet iqsar biex il-qarrej ma jegħjiex u lanqas jaqta' qalbu jaqra minn paġna għal oħra. Fi tmiem il-ktieb insibu n-Nota tal-Awtur, taqsima bl-isem ta' 'L-Istorja fil-Qosor ta' Henrietta Chevalier', u taqsima oħra intitolata 'Ġrajjiet Storiċi Ewlenin Marbutin mar-Rumanz', flimkien ma' numru ta' ritratti (monokromi) marbutin mal-epoka u mas-suġġett. Dan hu prova li dan li għandna quddiemna mhux biss xogħol fittizzju, imma anki proġett li rrikjeda riċerka serja u dettaljata, kif jitlob kull rumanz storiku serju. Minkejja li fid-disa' xhur ta' okkupazzjoni Nażista Ruma kienet iddikkjarata bħala belt miftuħa u ħielsa mill-militar u l-ġlied, is-sitwazzjoni kienet differenti ferm: it-taqbida bejn Nażi-Faxxisti u partiġjani tar-Reżistenza ġabet għaks u miżerja, imwiet u tbatija kbira lir-Rumani. Fost dawn kien hemm ukoll il-familja ta' Henrietta Chevalier, armla Maltija kuraġġuża u omm ta' tmint itfal - imma anki eroj Maltija minsija - maqbuda Ruma minħabba l-gwerra. L-awtur jammetti hekk: "Filwaqt illi l-fatti storiċi huma lkoll korretti, uħud mill-ġrajjiet li seħħew lill-familja f'dan ir-rumanz huma ħlejqa tal-immaġinazzjoni tal-awtur." Henrietta kienet parti minn *The Rome Escape Line*, imsemmi f'kotba u films differenti. Agius jerġa' jagħtina storja li tħalli lill-qarrej fuq ix-xwiek.



A PAST UNVEILED ta' Robert Busuttil, Horizons, 2023

Dan it-tielet rumanz ta' Busuttil (358 paġna u 24 kapitlu b'kollox) huwa parti minn sensiela ta' thrillers marbutin mal-personaġġ tal-membru tal-korp tal-Pulizija, Lucio Vella. L-ewwel rumanz kien *Murder in St. Jude's* (2022), u t-tieni kien *September Rain* (2022). Din id-darba se naraw lil Lucio jaffaċċja sfidi ġodda, fosthom tarbija li daqt titwieled u r-rwol ġdid tiegħu bħala Suprintendent. L-affarijiet jikkumplikaw ruħhom meta raġel mill-villaġġ tat-tfulija tiegħu imut u jħalli warajh ħjiel enigmatiku li jkompli jħawwad lil Lucio. Iktar kemm jipprova jpoġġi f'posthom il-biċċiet, il-memorji tiegħu iktar jitgħawġu. Bħal dejjem, Lucio Vella, b'determinazzjoni soda li jsib il-verità wara dak li seħħ, jidħol b'ruħu u b'ġismu f'investigazzjoni li tieħdu lura fil-passat tiegħu. Bħalma wieħed jistenna, iktar kemm jidħol ġewwa l-investigazzjoni, iktar jibdew jinkixfu veritajiet ġodda, imma jixirfu anki ġrieħi antiki. Il-mistoqsija hija din: se jkun Lucio Vella kapaċi u b'saħħtu biżżejjed biex joħroġ minn tabxa bħal din, jew se jibqa' priġunier tal-uġigħ tiegħu? Li hu żgur hu li n-narrattiva ta' Busuttil hija waħda mexxejja, friska u li żżommok tant li ladarba tibda taqra r-rumanz diffiċli tħallih qabel ma tispiċċah. Dik ta' Busuttil - li jispira ruħu minn xogħlijiet ta' Agatha Christie, Andrea Camilleri u Dan Brown - hija letteratura Maltija miktuba bl-ilsien Ingliż, u dan jippermetti biex il-prodott letterarju Malti jifrex lil hinn mis-suq Malti u jiġi apprezzat minn numru ikbar ta' qarrejja mid-dinja kollha. L-ewwel volum kien l-iktar wieħed kalm f'din is-sensiela, b'ta' warajh jiġru dejjem iktar bħala ritmu. Hawnhekk Busuttil ikompli jesplora u jiżviluppa l-ħajjiet tal-karattri prinċipali u naraw ħafna affarjiet ġodda li jiġru fil-ħajja tagħhom. Intervista ma' Robert Busuttil dwar l-ewwel rumanz minn din is-sensiela kienet dehret f'IL-PONT (nru. 67) f'Lulju tal-2022.

SOLFEĠĠI. POEŻIJI ta' Karmenu Mallia, 2023

Dr Karmenu Mallia llum jgħodd iktar minn 90 sena, imma l-lehma tiegħu għadha b'saħħitha u produttiva qatigħ. Matul is-snin hu ppubblika rumanzi, ġabriet ta' poeżiji b'ilsna differenti (29 ġabra ta' poeżiji oriġinali, u 10 tradotti), u traduzzjonijiet. Fost dawn qaleb għall-Malti xogħlijiet letterarji barranin, u għall-Esperanto xogħlijiet letterarji Maltin. F'*Solfeġġi* għandna 56 xogħol poetiku kemm oriġinali, kif ukoll traduzzjonijiet. L-ilsna li jħaddem Mallia huma l-Malti, it-Taljan, l-Esperanto, il-Franċiż u l-Ingliż. Huwa jħaddem forom poetiċi varji bħall-akrostiku, il-kwartini bir-rima mqabbża, id-distiċi bir-rima mbewsa, il-vers ħieles, il-versi maħlulin (endekasillabi), is-sunett Ingliż, il-ħajku, il-vers ħieles, u oħrajn. Is-suġġetti li jikteb dwarhom Mallia huma varjati: dediki lil jew tfakkira ta' persuni u personalitajiet partikolari (Ġużè Muscat Azzopardi, Karmenu Borg Pisani, Manwel Dimech, Daphne Caruana Galizia, De Valette), twemmin u festi, il-Koronavirus, il-politika u avvenimenti internazzjonali bħall-gwerra fl-Ukrajina, monumenti jew imfakar, u bosta riflessjonijiet dwar aspetti varji. Mallia jimraħ f'imkejjen differenti bħar-raħal fejn twieled (Ħal Qormi) u dak fejn għex (Ħaż-Żabbar), it-teatru, l-isptar, it-Tarzna, il-knisja, u oħrajn. It-ton ivarja bejn is-serju u ċ-ċajtier, il-faħħari u r-riflessiv. Insibu xi poeżiji tradotti għall-Malti ta' poeti barranin bħal San Ġwann tas-Salib (mill-Ispanjol), u Sándor Petöfi (mill-Ungeriż). Laqatni dan il-kliem ta' Mallia fid-daħla: "Meta f'moħħi jinbet xi ħsieb li nkun irrid fuqu nibni poeżija, hemm jaqa' dlam fuq moħħi. Tarak għaddej minn ġo mina mudlama jew tħossok qiegħed f'nofs tempesta f'oċean. Taqliba, taqbida, sakemm kollox jissaffa, kollox jikkwieta bil-mod il-mod sakemm, intenni, taqbad il-bajrow/lapes eċċ., u tibda tħażżeż. U hemm... evviva l-Poeżija! Taqbad tikteb, tħassar, iżżid, sakemm... min jaf? Tieqaf u tgħajjat: 'lesta!'"



STORJA U KULTURA ĦAŻ-ŻABBAR 2023, Nru. 13, Pubblikazzjoni Storja u Kultura, Ed. Malcolm Schembri, 2023

Din id-darba għandna quddiemna pubblikazzjoni ta' 276 paġna. L-editor, Malcolm Schembri, jiddedikaha "għall-kittieba, fejn permezz tar-riċerka u l-kitba tagħhom, ta' kull sena jżejnu din il-pubblikazzjoni." Il-kontributuri huma bosta, fosthom Malcolm Schembri (l-editur), Alfred Palma, Dr Karmenu Mallia, Fr Roderick Camilleri (Arċipriet), Dr Sergio Grech, Fabian Mangion, Michael Buhagiar, Manuel Abdilla, Mary Grace Bellia, Alfred Ellul Galea, Vincent Zammit, il-Mro Manoel Pirotta, Charles Casha, il-Prof. Simon Mercieca, Joseph Gafà, Anton Camilleri, Vincent Caruana Gauci, Reuben Pullicino, Fr Reno Muscat, Konrad Camilleri, Dr Michael Grech, Dr Lawrence J.M. Galea, Roderick Cutajar, Grazio V. Ellul, u Patri Silvestru Bonavia. Is-suġġetti huma varji: reliġjon, pubblikazzjonijiet imgħoddija u preżenti differenti, apprezzamenti ta' personaġġi partikolari bħal mużiċisti, kittieba, pitturi, u saċerdoti, kurżitajiet storiko-kulturali marbutin ma' Ħaż-Żabbar, intervisti, tifkiriet, xi poeżiji u għanjiet, futbol, xogħol ta' restawr fuq wirt storiku f'Ħaż-Żabbar, u ħafna iktar. Din il-pubblikazzjoni, magħmula minn kontribuzzjonijiet bil-Malti u wħud bl-Ingliż, hija mżejna b'bosta ritratti interessanti kemm storikament kif ukoll għax jagħtu stampa ħajja ta' Ħaż-Żabbar bl-attività u l-persuni kollha li b'xi mod taw u għadhom jagħtu ħajja u isem tajjeb lil din il-lokalità li ma twelditx ilbieraħ u li għaddiet minn bosta tiġrib kemm sabiħ u ikrah. Kif b'mod ċar ifisser l-editur fid-daħla, pubblikazzjoni bħal din setgħet issir biss bl-għajnuna tal-kontribuzzjonijiet gratis ta' bosta kittieba u riċerkaturi, ħafna minnhom illum avvanzati fl-età. Huwa jħeġġeġ biex iktar żgħażagħ jitħajru jidħlu fil-qasam tar-riċerka u l-kitba biex pubblikazzjonijiet bħal dawn ikomplu fil-ġejjieni. Pubblikazzjonijiet bħal dawn huma wkoll prova ċara tal-kollaborazzjoni bejn il-qasam kulturali u dak kummerċjali, ladarba huma bosta l-isponsors li kkontribwixxew finanzjarjament. Personalment nissuġġerixxi li r-riklami f'pubblikazzjonijiet bħal din jinġabru kollha f'taqsima għaliha lejn l-aħħar sabiex l-artikli u l-istudji ta' riċerka jkunu jistgħu jitgawdew għalihom, u r-riklami wieħed ikun jista' jarahom u jiflihom għalihom.

il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont